Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 5 ta' Ottubru 2017**
**(OR. en)**

**15149/1/16**
**REV 1**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2016/0378 (COD)**

**ENER 419**
**IA 134**
**CODEC 1815**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| Nru dok. Cion: | COM(2016) 863 final/2 |
| Suġġett: | Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (tfassil mill-ġdid) |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2016) 863 final/2.

---

Mehmuż: COM(2016) 863 final/2

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.2.2017
COM(2016) 863 final/2

2016/0378 (COD)

CORRIGENDUM
This document corrects document COM (2016) 863 final of 30.11.2016
Concerns all language versions.
The text shall read as follows:

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li jistabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (tfassil mill-ġdid)**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SWD(2016) 410 final}
{SWD(2016) 411 final}
{SWD(2016) 412 final}
{SWD(2016) 413 final}

 MT

## MEMORANDUM TA’ SPJEGAZZJONI

## 1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

*Il-Kuntest tal-Politika*

Iċ-ċittadini Ewropej jonfqu parti sinifikanti tad-dħul tagħhom fuq l-enerġija, u l-enerġija hija fattur produttiv importanti fl-industrija Ewropea. Fl-istess ħin, is-settur tal-enerġija jaqdi rwol ewlieni fl-obbligu li jitnaqqsu l-emissjonijiet ta’ gassijiet b’effett ta’ serra fl-Unjoni b’mill-inqas 40 % sal-2030, b’sehem mistenni ta’ enerġija rinnovabbli ta’ 50 % sal-2030.

Il-proposti għal tfassil mill-ġdid tad-Direttiva dwar regoli komuni għas-suq intern tal-elettriku, ir-Regolament dwar is-suq tal-elettriku u r-Regolament li jistabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija huma parti mill-pakkett usa’ ta’ inizjattivi tal-Kummissjoni (“Enerġija nadifa għall-Ewropej kollha”). Il-Pakkett hu magħmul mill-proposti ewlenin tal-Kummissjoni għall-implimentazzjoni tal-Unjoni tal-Enerġija, kif previst fil-Pjan Direzzjonali tal-Unjoni tal-Enerġija[1]. Jinkludi kemm proposti leġiżlattivi kif ukoll inizjattivi mhux leġiżlattivi għall-ħolqien ta’ qafas ta' abilitazzjoni li jwassal u li joħloq benefiċċji tanġibbli għaċ-ċittadini, kif ukoll impjiegi, tkabbir u investimenti, filwaqt li jikkontribwixxi għal kull waħda mill-ħames dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija. Għalhekk, il-prijoritajiet ewlenin għall-pakkett huma qabel kollox l-effiċjenza enerġetika, il-pożizzjoni ta’ tmexxija globali tal-UE fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli, u trattament ġust għall-konsumaturi tal-enerġija.

Kemm il-Kunsill Ewropew[2] kif ukoll il-Parlament Ewropew[3] enfasizzaw ripetutament li suq tal-enerġija integrat li jaħdem sew huwa l-aqwa għodda biex jiġu garantiti prezzijiet tal-enerġija affordabbli u provvisti tal-enerġija sikuri, u biex ikunu jistgħu jseħħu l-integrazzjoni u l-iżvilupp ta’ volumi akbar ta’ elettriku prodotti minn sorsi rinnovabbli b’mod kosteffikaċi. Prezzijiet kompetittivi huma essenzjali għall-ksib tat-tkabbir u tal-benesseri tal-konsumaturi fl-Unjoni Ewropea, u għaldaqstant jinsabu fil-qalba tal-politika tal-UE dwar l-enerġija. Id-disinn attwali tas-suq tal-elettriku huwa bbażat fuq ir-regoli tat- “Tielet Pakkett dwar l-Enerġija[4]”, li ġie adottat fl-2009. Dawn ir-regoli ġew sussegwentement ikkomplementati

---

1 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, il-Kumitat tar-Reġjuni u l-Bank Ewropew għall-Investiment: Qafas Strateġiku għal Unjoni tal-Enerġija Reżiljenti b'Politika dwar il-Bidla fil-Klima li tħares ’il quddiem COM/2015/080 final.

2 Ir-Riżultati tat-3429 Laqgħa tal-Kunsill, Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija, is-26 ta’ Novembru 2015 14632/15, Ir-Riżultati tat-3472 Laqgħa tal-Kunsill, Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija, is-6 ta’ Ġunju 2016 9736/16.

3 Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta’ Settembru 2016 dwar Lejn Disinn Ġdid tas-Suq tal-Enerġija (P8_T A(2016) 0333).

4 Id-Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u li temenda d-Direttiva 2003/54/KE, ĠU L 211, 14.8.2009, p. 55 (minn hawn ’il quddiem “id-Direttiva dwar l-Elettriku”); Ir-Regolament (KE) Nru 714/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2009 dwar kondizzjonijiet għall-aċċess għan-networks għall-bdil bejn il-fruntieri fl-elettriku u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1228/2003, ĠU L 211, 14.8.2009, p. 15 (minn hawn ’il quddiem “ir-Regolament dwar l-Elettriku”); Ir-Regolament (KE) Nru 713/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2009 li jistabbilixxi Aġenzija għall-Koperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija. ĠU L 211, 14.8.2009, p. 1 (minn hawn ’il quddiem “ir-Regolament dwar l-ACER”),

b'leġiżlazzjoni kontra l-abbużi tas-suq[5] u b'leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni dwar il-kummerċ tal-elettriku u r-regoli dwar l-operat tal-grilja[6]. Is-suq intern tal-enerġija tal-UE huwa mibni fuq prinċipji stabbiliti sew, bħad-dritt ta' aċċess ta' partijiet terzi għal grilji elettriċi, għażla ħielsa ta' fornituri għall-konsumaturi, regoli sodi rigward id-diżaggregazzjoni, it-tneħħija ta' ostakli għall-kummerċ transkonfinali, sorveljanza tas-swieq minn regolaturi indipendenti tal-enerġija u kooperazzjoni fl-UE kollha bejn ir-regolaturi u l-operaturi tal-grilji fi ħdan l-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER) u n-Netwerk Ewropew tal-Operaturi tas-Sistemi tat-Trażmissjoni (ENTSO).

It-Tielet Pakkett dwar l-Enerġija ġab miegħu progress tanġibbli għall-konsumaturi. Wassal għal likwidità akbar fis-swieq Ewropej tal-elettriku u żied il-kummerċ transkonfinali b'mod sinifikanti. Il-konsumaturi f'ħafna Stati Membri issa jistgħu jgawdu minn għażla akbar. Iż-żieda fil-kompetizzjoni, b'mod partikolari fis-swieq tal-operaturi, għenet biex il-prezzijiet stabbiliti mill-operaturi jinżammu taħt kontroll. Drittijiet ġodda tal-konsumaturi li ġew stabbiliti bit-tielet pakkett dwar l-enerġija tejbu b'mod evidenti l-pożizzjoni tal-konsumaturi fis-swieq tal-enerġija.

Żviluppi ġodda wasslu għal bidliet fundamentali fis-swieq Ewropej tal-elettriku. Is-sehem tal-elettriku ġġenerat minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli (RES-E) żdied b'mod qawwi. Din il-bidla lejn l-RES-E mistennija tkompli, billi hija kundizzjoni ewlenija meħtieġa biex jiġu ssodisfati l-obbligi tal-Unjoni skont il-Ftehim ta' Pariġi dwar il-Klima. In-natura fiżika tal-RES-E, li hija aktar varjabbli, inqas prevedibbli u deċentralizzata meta mqabbla mal-ġenerazzjoni tradizzjonali, teħtieġ adattament tar-regoli tas-suq u tal-operat tal-grilja għan-natura aktar flessibbli tas-suq. B'mod parallel, l-interventi tal-istat, li ta' spiss jiġu mfassla b'mod mhux ikkoordinat, wasslu għal distorsjonijiet fis-swieq tal-operaturi tal-elettriku, b'konsegwenzi negattivi fuq l-investimenti u l-kummerċ transkonfinali[7]. Qed isiru wkoll bidliet sinifikanti mil-lat teknoloġiku. Il-kummerċ fl-elettriku jsir kważi fl-Ewropa kollha, permezz tal-hekk imsejjaħ "akkoppjament tas-swieq", li huwa organizzat b'mod konġunt

---

5 Ir-Regolament (UE) Nru 1227/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-integrità u t-trasparenza tas-swieq tal-enerġija bl-ingrossa, ĠU L 326, 8.12.2011, p. 1; Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1348/2014 tas-17 ta' Diċembru 2014 dwar ir-rappurtar tad-dejta li jimplimenta l-Artikolu 8(2) u 8(6) tar-Regolament (UE) Nru 1227/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-integrità u t-trasparenza tas-swieq tal-enerġija bl-ingrossa, ĠU L 363, 18.12.2014, p. 121.

6 Ir-Regolament (UE) Nru 1227/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-integrità u t-trasparenza tas-swieq tal-enerġija bl-ingrossa, ĠU L 326, 8.12.2011, p. 1; Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 543/2013 tal-14 ta' Ġunju 2013 dwar is-sottomissjoni u l-pubblikazzjoni ta' data (dejta) fis-swieq tal-elettriku u li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 714/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU L 163, 15.6.2013, p. 1; Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1222 tal-24 ta' Lulju 2015 li jistabbilixxi Linji Gwida dwar l-Allokazzjoni tal-Kapaċità u l-Ġestjoni tal-Konġestjoni, ĠU L 197, 25.7.2015, p. 24; Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/631 tal-14 ta' April 2016 li jistabbilixxi kodiċi tan-netwerk dwar rekwiżiti għall-konnessjoni tal-ġeneraturi mal-grilja, ĠU L 112, 27.4.2016, p. 1; Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/1388 tas-17 ta' Awwissu 2016 li jistabbilixxi Kodiċi tan-Netwerk dwar il-Konnessjoni tad-Domanda, ĠU L 223, 18.8.2016, p. 10; Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/1447 tas-26 ta' Awwissu 2016 li jistabbilixxi kodiċi tan-netwerk dwar ir-rekwiżiti għall-konnessjoni mal-grilja ta' sistemi ta' kurrent dirett b'vultaġġ għoli u ta' moduli ta' parks tal-enerġija konnessi b'kurrent dirett, ĠU L 241, 8.9.2016, p. 1; Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/1719 tas-26 ta' Settembru 2016 li jistabbilixxi linja gwida dwar l-allokazzjoni bil-quddiem tal-kapaċità, ĠU L 259, 27.9.2016, p. 42; Linji Gwida oħra u kodiċijiet tan-netwerk oħra ngħataw l-approvazzjoni tal-Istati Membri u qed jistennew li jiġu adottati.

7 Ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Inwasslu s-suq intern tal-elettriku u niġbdu l-akbar profitt mill-intervent pubbliku", C(2013) 7243 final tal-5.11.2013.

mill-operaturi tas-swieq spot tal-kambju tal-enerġija u mill-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni. Id-diġitalizzazzjoni u l-iżvilupp rapidu ta' soluzzjonijiet ta' metraġġ u ta' kummerċ ibbażati fuq l-internet jippermettu lill-industrija, lin-negozji u saħansitra lill-unitajiet domestiċi jiġġeneraw u jaħżnu l-elettriku, kif ukoll jieħdu sehem fis-swieq tal-elettriku permezz tal-hekk imsejħa soluzzjonijiet ta' "rispons fin-naħa tad-domanda". Fl-għaxar snin li ġejjin, is-suq tal-elettriku se jkun ikkaratterizzat minn produzzjoni tal-elettriku aktar varjabbli u deċentralizzata, minn interdipendenza akbar bejn l-Istati Membri u minn opportunitajiet teknoloġiċi ġodda li permezz tagħhom il-konsumaturi jistgħu jiffrankaw fuq il-kontijiet tagħhom u jipparteċipaw b'mod attiv fis-swieq tal-elettriku permezz tar-rispons fin-naħa tad-domanda, l-awtokonsum jew il-ħżin.

B'hekk, l-inizjattiva preżenti għad-disinn tas-suq tal-elettriku attwali għandha l-għan li tadatta r-regoli attwali tas-suq għal realtajiet ġodda tas-suq, billi tippermetti li l-elettriku jiċċaqlaq b'mod liberu lejn kull fejn u kull meta jkun meħtieġ l-aktar permezz ta' sinjali ta' prezzijiet mhux imxekkla, filwaqt li tagħti s-setgħa lill-konsumaturi, taħsad l-aqwa benefiċċji għas-soċjetà mill-kompetizzjoni transkonfinali u tipprovdi s-sinjali u l-inċentivi t-tajbin biex tixpruna l-investimenti meħtieġa għad-dekarbonizzazzjoni tas-sistema tagħna tal-enerġija. Din se tagħti wkoll prijorità lil soluzzjonijiet ta' effiċjenza enerġetika, u se tikkontribwixxi lejn l-għan li l-UE ssir mexxejja dinjija fil-produzzjoni tal-enerġija minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli, biex b'hekk issir kontribuzzjoni lejn il-mira tal-Unjoni li jinħolqu l-impjiegi u t-tkabbir u li jiġi attirat l-investimenti.

*L-adattament tar-regoli tas-suq*

Ir-regoli eżistenti tas-suq huma bbażati fuq it-teknoloġiji predominanti tal-ġenerazzjoni ta' dawn l-aħħar għaxar snin, jiġifieri impjanti tal-enerġija fuq skala kbira u ċentralizzati bbażati fuq il-karburanti fossili b'parteċipazzjoni limitata min-naħa tal-konsumaturi. Billi RES-E varjabbli se jkollhom rwol dejjem akbar fit-taħlita tas-sorsi tal-ġenerazzjoni fil-futur, u billi l-konsumaturi għandhom ikunu jistgħu jipparteċipaw fis-swieq jekk ikunu jixtiequ jagħmlu dan, jeħtieġ li r-regoli jiġu adattati. Swieq tal-elettriku tul perjodu qasir li jippermettu l-kummerċ ta' RES-E bejn il-fruntieri huma essenzjali għall-integrazzjoni b'suċċess ta' RES-E fis-suq. Dan huwa minħabba li l-biċċa l-kbira tal-ġenerazzjoni minn sorsi rinnovabbli tista' tiġi prevista b'mod preċiż biss ftit qabel il-produzzjoni proprja (minħabba inċertezzi relatati mat-temp). Il-ħolqien ta' swieq li jippermettu l-parteċipazzjoni fl-aħħar mument qabel il-kunsinna proprja (l-hekk imsejħa swieq "ta' dakinhar" jew "tal-ibbilanċjar") huwa pass kruċjali li permezz tiegħu il-produtturi ta' RES-E jistgħu jbigħu l-enerġija tagħhom f'kundizzjonijiet ġusti, u se jżid ukoll l-likwidità fis-suq. Swieq tal-elettriku tul perjodu qasir se jipprovdu opportunitajiet ġodda ta' negozju biex il-parteċipanti jkunu jistgħu joffru soluzzjonijiet enerġetiċi ta' "riżerva" fi żminijiet ta' domanda għolja u meta l-ġenerazzjoni rinnovabbli tkun skarsa. Dan jinkludi l-possibbiltà li l-konsumaturi jaqilbu d-domanda ("rispons fin-naħa tad-domanda"), l-operaturi tal-ħżin jew il-ġeneraturi flessibbli tagħhom. Minkejja li l-indirizzar tal-varjabbiltà f'reġjuni żgħar jista' jinvolvi spejjeż kbar, l-aggregazzjoni ta' produzzjoni varjabbli fuq żoni akbar tista' tgħin lill-konsumaturi jiffrankaw ammonti sinifikanti ta' flus. Madankollu, swieq tal-elettriku integrati tul perjodu qasir għadhom nieqsa.

In-nuqqasijiet tal-arranġamenti attwali tas-suq inaqqsu l-attrattività tas-settur tal-enerġija għal investimenti ġodda. Sistema tal-enerġija interkonnessa b'mod adegwat u bbażata fuq is-suq fejn il-prezzijiet isegwu s-sinjali tas-suq tistimola l-investimenti meħtieġa fil-ġenerazzjoni u t-trażmissjoni b'mod effettiv u tiżgura li dawn isiru fejn huma l-aktar meħtieġa mis-suq, biex b'hekk jonqos il-bżonn għal investimenti ppjanati mill-istat.

Ir-regoli tas-suq nazzjonali (eż. limiti massimi fuq il-prezzijiet) u l-interventi mill-Istat bħalissa jipprojbixxu l-prezzijiet milli jirriflettu perjodi meta l-elettriku huwa skars. Barra minn hekk, jekk ma jiġux konfigurati sew u minflok isegwu l-fruntieri politiċi, iż-żoni tal-prezzijiet mhux dejjem jirriflettu l-iskarsezza reali. Id-disinn ġdid tas-suq għandu l-għan li jtejjeb is-sinjali tal-prezzijiet bl-għan li l-investimenti jingħataw spinta fl-oqsma fejn huma l-aktar meħtieġa, filwaqt li jirrifletti l-limitazzjonijiet tal-grilja u ċ-ċentri tad-domanda, aktar milli l-fruntieri nazzjonali. Is-sinjali tal-prezzijiet għandhom jippermettu wkoll li jkun hemm remunerazzjoni xierqa ta' riżorsi flessibbli (inklużi r-rispons fin-naħa tad-domanda u l-ħżin), billi dawn ir-riżorsi jiddependu fuq benefiċċji għal perijodi iqsar ta' żmien (eż. impjanti moderni tal-gass li jintużaw biss għall-ħinijiet l-aktar intensivi jew it-tnaqqis tad-domanda industrijali f'ħinijiet ta' domanda massima jew meta s-sistema tkun taħt stress). Sinjali tal-prezzijiet effettivi jiżguraw ukoll il-konsenja effiċjenti ta' assi ta' ġenerazzjoni eżistenti. Għaldaqstant huwa kruċjali li jsir rieżami ta' kwalunkwe regoli eżistenti li jfixklu l-formazzjoni tal-prezzijiet (bħal pereżempju regoli li jagħtu prijorità lill-konsenja ta' ċerti installazzjonijiet) sabiex il-potenzjal ta' flessibbiltà li taf toffri n-naħa tad-domanda jintlaħaq u jiġi attivat b'mod sħiħ.

*Inqiegħdu lill-konsumaturi fil-qalba tas-suq tal-enerġija*

L-integrazzjoni sħiħa tal-konsumaturi industrijali, kummerċjali u residenzjali fis-sistema tal-enerġija tista' tevita spejjeż sinifikanti għal ġenerazzjoni ta' "riżerva"; spejjeż li kieku jispiċċaw iħallsu l-konsumaturi. Tippermetti wkoll lill-konsumaturi jibbenefikaw minn fluttwazzjonijiet tal-prezzijiet, u li jagħmlu l-flus billi jipparteċipaw fis-suq. Għalhekk, l-attivazzjoni tal-parteċipazzjoni tal-konsumaturi hija prerekwiżit għall-ġestjoni b'suċċess u b'mod kosteffikaċi tat-tranżizzjoni tal-enerġija.

It-twettiq ta' patt ġdid għall-konsumaturi tal-enerġija huwa impenn ewlieni tal-Unjoni tal-Enerġija. Madankollu, ir-regoli attwali tas-suq ħafna drabi ma jippermettux li l-konsumaturi jibbenefikaw minn dawn l-opportunitajiet ġodda. Għalkemm il-konsumaturi jistgħu jiġġeneraw u jaħżnu l-elettriku kif ukoll jimmaniġġjaw il-konsum tagħhom tal-enerġija b'mod aktar faċli minn qatt qabel, id-disinn attwali tas-suq tal-konsumaturi jipprekludihom milli jibbenefikaw b'mod sħiħ minn opportunitajiet ta' dan it-tip.

Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, il-konsumaturi għandhom ftit jew l-ebda inċentiv biex jibdlu l-konsum tagħhom bħala reazzjoni għal ċaqliq fil-prezzijiet fis-swieq, minħabba li s-sinjali tal-prezzijiet f'ħin reali ma jiġux mgħoddija lill-konsumaturi finali. Il-pakkett tad-disinn tas-suq huwa opportunità biex jinkisbu riżultati b'rabta ma' dan l-impenn. Sinjali tal-prezzijiet f'ħin reali aktar trasparenti se jistimolaw il-parteċipazzjoni tal-konsumaturi, jew individwalment jew permezz ta' aggregazzjoni, u jgħammru s-sistema tal-elettriku bi flessibbiltà akbar, biex b'hekk jiffaċilitaw l-integrazzjoni tal-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli. Apparti li joffru potenzjal kbir ta' ffrankar tal-enerġija għall-unitajiet domestiċi, l-iżviluppi teknoloġiċi jfissru li t-tagħmir u s-sistemi, bħal tagħmir elettroniku intelliġenti, vetturi elettriċi, it-tisħin elettriku, l-arja kundizzjonata u pompi tas-sħana f'binjiet b'iżolament u t-tisħin u t-tkessiħ distrettwali jistgħu jsegwu l-fluttwazzjonijiet tal-prezzijiet b'mod awtomatiku u, fuq skala kbira, joffru kontribut sinifikanti u flessibbli lill-grilja elettrika. Sabiex il-konsumaturi jkunu jistgħu jibbenefikaw minn dawn l-opportunitajiet ġodda f'livell finanzjarju, dawn għandu jkollhom aċċess għal sistemi intelliġenti adatti għall-iskop tagħhom, kif ukoll kuntratti ta' provvista tal-elettriku bi prezzijiet dinamiċi marbuta mas-suq spot. Apparti l-aġġustament, min-naħa tal-konsumaturi, tal-konsum tagħhom biex jaqbel mas-sinjali tal-prezzijiet, qed jinħolqu servizzi oħra tad-domanda li bis-saħħa tagħhom atturi ġodda fis-suq qed joffru li jimmaniġġjaw il-konsum tal-elettriku ta' għadd ta' konsumaturi billi jħallsuhom kumpens għall-flessibbiltà tagħhom. Għalkemm dawn is-servizzi diġà qed jiġu mħeġġa bħala parti mill-implimentazzjpni tal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE, l-evidenza tindika

li dawn id-dispożizzjonijiet ma kinux effettivi fit-tneħħija tal-ostakli tas-suq primarju li jipprojbixxu lil dawk il-fornituri ta' servizzi milli jidħlu fis-suq. Jeħtieġ li dawn id-dispożizzjonijiet jiġu rfinati sabiex jiġi mħeġġa aktar servizzi ġodda ta' dan it-tip.

F'bosta Stati Membri, il-prezzijiet tal-elettriku ma jsegwux id-domanda u l-provvista, iżda huma rregolati mill-awtoritajiet pubbliċi. Ir-regolazzjoni tal-prezzijiet tista' tillimita l-iżvilupp ta' kompetizzjoni effettiva, u tiskoraġġixxi l-investimenti u l-introduzzjoni ta' atturi ġodda fis-suq. Għalhekk, fil-Qafas Strateġiku tagħha għal Unjoni tal-Enerġija[8], il-Kummissjoni impenjat ruħha li b'mod gradwali telimina l-prezzijiet regolati li huma aktar baxxi mill-kost u li tħeġġeġ lill-Istati Membri jistabbilixxu pjan direzzjonali għall-eliminazzjoni b'mod gradwali tal-prezzijiet regolati kollha. Id-disinn ġdid tas-suq għandu l-għan li jiżgura li l-prezzijiet tal-provvista jkunu nieqsa minn kwalunkwe intervent pubbliku, u dan biss f'każijiet ta' eċċezzjoni ġustifikati b'mod dovut.

Spejjeż tat-teknoloġija li qed jonqsu b'rata mgħaġġla jfissru li dejjem iktar u iktar konsumaturi jistgħu jnaqqsu l-kontijiet tagħhom tal-elettriku billi jagħmlu użu minn teknoloġiji bħal pannelli solari fotovoltajċi installati fuq il-bejt u batteriji. Madankollu, l-awtoġenerazzjoni għadha mxekkla minn nuqqas ta' regoli komuni għall-"prosumaturi". Dawn l-ostakli jistgħu jiġu eliminati permezz ta' regoli xierqa, eż. billi jiġu garantiti drittijiet tal-konsumaturi biex dawn ikunu jistgħu jiġġeneraw l-enerġija għall-konsum tagħhom stess u jbigħu l-enerġija żejda biex tintuża fil-grilja, filwaqt li jitqiesu l-ispejjeż u l-benefiċċji għas-sistema kollha kemm hi (eż. parteċipazzjoni xierqa fil-kostijiet tal-grilja).

Il-komunitajiet lokali jistgħu jkunu mezz effiċjenti ta' ġestjoni tal-enerġija fil-livell komunitarju billi jikkonsmaw l-elettriku li jiġġeneraw jew direttament għall-enerġija jew għat-tisħin u t-tkessiħ (distrettwali), bi jew mingħajr konnessjoni mas-sistemi ta' distribuzzjoni. Biex jiġi żgurat li inizjattivi ta' dan it-tip ikunu jistgħu jiżviluppaw mingħajr xkiel, id-disinn ġdid tas-suq jeħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu oqfsa legali xierqa sabiex ikunu jistgħu jwettqu l-attivitajiet tagħhom.

Illum, aktar minn 90 % tas-sorsi ta' elettriku rinnovabbli varjabbli huma konnessi ma' grilji ta' distribuzzjoni. Fil-fatt, l-integrazzjoni tal-ġenerazzjoni lokali kkontribwixxiet għal żieda sinifikanti fit-tariffi tan-netwerk għall-konsumaturi domestiċi. Barra minn hekk, it-taxxi u l-imposti għall-finanzjament ta' estensjonijiet tal-grilja u l-investimenti f'sorsi ta' enerġija rinnovabbli żdiedu b'mod drastiku. Id-disinn ġdid tas-suq u r-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli jippreżentaw opportunità biex dawn in-nuqqasijiet jiġu indirizzati, billi jistgħu jaffettwaw ċerti konsumaturi domestiċi b'mod sproporzjonat.

Li l-Operaturi tas-Sistemi ta' Distribuzzjoni (DSOs) jitħallew jiġġestixxu wħud mill-isfidi assoċjati mal-ġenerazzjoni varjabbli f'livell aktar lokali (eż. billi jiġġestixxu riżorsi lokali ta' flessibbiltà) jista' jnaqqas l-ispejjeż tan-netwerk b'mod sinifikanti. Madankollu, peress li ħafna mid-DSOs huma parti minn impriżi integrati vertikalment li huma attivi wkoll fin-negozju tal-provvista, jeħtieġ li jkun hemm salvagwardji regolatorji sabiex in-newtralità tad-DSOs tiġi garantita fil-funzjonijiet il-ġodda tagħhom, eż. f'termini ta' ġestjoni tad-dejta u meta tintuża l-flessibbiltà biex jiġu ġestiti konġestjonijiet lokali.

L-informazzjoni wkoll isservi ta' xprun ewlieni għall-kompetizzjoni u għall-involviment tal-konsumaturi. Konsultazzjonijiet u studji li saru qabel mill-Kummissjoni wrew li l-konsumaturi jilmentaw dwar nuqqas ta' trasparenza fis-swieq tal-elettriku, li tnaqqas il-kapaċità tagħhom li jibbenefikaw mill-kompetizzjoni u li jipparteċipaw fis-swieq b'mod attiv.

[8] Ara l-Komunikazzjoni "Qafas Strateġiku għal Unjoni tal-Enerġija Reżiljenti b'Politika dwar il-Bidla fil-Klima li tħares 'il quddiem", COM/2015/080.

Il-konsumaturi ma jħossuhomx infurmati biżżejjed dwar fornituri alternattivi u dwar id-disponibbiltà ta' servizzi ġodda tal-enerġija u jilmentaw dwar il-kumplessità tal-offerti u tal-proċeduri biex wieħed jaqleb minn fornitur għall-ieħor. Ir-riforma se tiżgura wkoll il-protezzjoni tad-dejta, billi użu akbar ta' teknoloġiji ġodda (b'mod partikolari sistemi ta' kejl intelliġenti) se jiġġeneraw firxa ta' dejta dwar l-enerġija b'valur kummerċjali għoli.

Biex il-konsumaturi jitqiegħdu fil-qalba tas-suq tal-enerġija, għandha titqies il-kunsiderazzjoni essenzjali fid-disinn ġdid tas-suq li tittratta kif jista' jiġi żgurat li l-aktar persuni vulnerabbli fis-soċjetà jkunu protetti u li l-għadd totali ta' djar b'faqar enerġetiku ma jkomplix jiżdied. Il-livelli tal-faqar enerġetiku qed jiżdiedu, u dan, flimkien ma' nuqqas ta' ċarezza dwar l-aktar modi xierqa biex jiġu indirizzati l-vulnerabbiltà tal-konsumaturi u l-faqar enerġetiku, wassal biex il-proposta tad-disinn ġdid tas-suq jeħtieġ li l-Istati Membri jkejlu b'mod dovut u jimmonitorjaw b'mod regolari l-faqar enerġetiku abbażi ta' prinċipji definiti fil-livell tal-UE. Id-Direttivi riveduti dwar l-Effiċjenza Enerġetika u dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija jistipulaw miżuri ulterjuri għall-indirizzar tal-faqar enerġetiku.

*Is-sigurtà tal-provvista tal-elettriku*

Is-sigurtà tal-provvista tal-elettriku hija indispensabbli fis-soċjetajiet moderni, li jiddependu bil-qawwi fuq l-elettriku u fuq sistemi bbażati fuq l-internet. Għalhekk, jenħtieġ li s-sistema Ewropea tal-elettriku tiġi evalwata sabiex tiġi stabbilita l-kapaċità tagħha li toffri biżżejjed ġenerazzjoni u flessibbiltà biex tiġi żgurata provvista affidabbli tal-elettriku f'kull ħin (adegwatezza tar-riżorsi). L-iżgurar tas-sigurtà tal-provvista mhijiex biss obbligu nazzjonali, iżda wkoll pilastru ewlieni tal-politika Ewropea dwar l-Enerġija[9]. Dan minħabba li f'netwerk interkonness u sinkronizzat bis-sħiħ bi swieq li joperaw sew, is-sigurtà tal-provvista tista' tiġi organizzata b'mod ħafna aktar effiċjenti u kompetittiv milli fuq bażi purament nazzjonali. L-istabbiltà tal-grilja fi Stati Membri individwali ta' spiss tiddependi ħafna fuq il-flussi tal-elettriku minn pajjiżi ġirien u għalhekk il-problemi possibbli relatati mas-sigurtà tal-provvista normalment ikollhom impatt reġjonali. Għal din ir-raġuni, ta' spiss l-aktar rimedji effiċjenti kontra d-defiċits nazzjonali ta' ġenerazzjoni huma soluzzjonijiet reġjonali, u dan jippermetti lill-Istati Membri jibbenefikaw minn ġenerazzjoni żejda f'pajjiżi oħra. Għalhekk għandha tiġi introdotta valutazzjoni Ewropea tal-adegwatezza li ssegwi metodoloġija li jkun sar qbil konġunt dwarha, sabiex tinkiseb stampa realistika tal-ħtiġijiet possibbli ta' ġenerazzjoni, filwaqt li jitqiesu l-integrazzjoni tas-swieq tal-elettriku u flussi potenzjali minn pajjiżi oħra. Jekk il-valutazzjoni koordinata tal-adegwatezza turi li l-mekkaniżmi ta' kapaċità huma meħtieġa f'ċerti pajjiżi jew reġjuni, dawn il-mekkaniżmi għandhom ikunu mfassla b'tali mod li jnaqqsu kemm jista' jkun id-distorsjonijiet fis-suq intern. Għalhekk għandhom jiġu definiti kriterji ċari u trasparenti biex jitnaqqsu kemm jista' jkun id-distorsjonijiet fil-kummerċ transkonfinali, biex jiġi massimizzat l-użu tar-rispons fin-naħa tad-domanda u biex jitnaqqsu l-impatti li jaffettwaw id-dekarbonizzazzjoni, sabiex jiġi evitat ir-riskju li mekkaniżmi ta' kapaċità nazzjonali frammentati joħolqu ostakli ġodda għas-suq u jfixklu l-kompetizzjoni[10].

*It-tisħiħ tal-kooperazzjoni reġjonali*

L-interkonnessjoni mill-qrib tal-Istati Membri tal-UE permezz tal-grilja komuni trans-Ewropea hija unika fid-dinja u hija ta' benefiċċju kbir fl-indirizzar tat-tranżizzjoni tal-enerġija b'mod effiċjenti. Mingħajr il-kapaċità li jkun hemm dipendenza fuq riżorsi ta' ġenerazzjoni jew ta' domanda minn Stati Membri oħra, l-ispejjeż tat-tranżizzjoni tal-enerġija għall-

[9] Ara l-Artikolu 194(1)(b) tat-TFUE.

[10] F'dan il-kuntest ara wkoll il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istat ta' tħejjija għar-riskji fis-settur tal-elettriku, li jkopri r-riskji tas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija relatati mal-ġestjoni ta' sitwazzjonijiet ta' kriżi tal-elettriku.

konsumaturi mistennija jiżdiedu b'mod sinifikanti. Illum, l-operat tas-sistema bejn il-fruntieri huwa ħafna aktar interkonness milli kien fil-passat. Dan huwa minħabba ż-żieda fil-ġenerazzjoni varjabbli u distribwita, flimkien ma' integrazzjoni akbar tas-suq, b'mod speċjali f'intervalli iqsar ta' żmien tas-suq. Dan ifisser ukoll li azzjonijiet nazzjonali implimentati minn regolaturi jew minn operaturi tal-grilja jista' jkollhom effett immedjat fuq Stati Membri oħra tal-UE. L-esperjenza wriet li deċiżjonijiet nazzjonali mhux koordinati jistgħu jwasslu għal kostijiet sinifikanti għall-konsumaturi Ewropej.

Il-fatt li wħud mill-interkonnetturi jintużaw bissgħal 25 % tal-kapaċità tagħhom, ħafna drabi minħabba limitazzjonijiet nazzjonali mhux ikkoordinati, u li l-Istati Membri ma setgħux jaqblu fuq meded xierqa tal-prezzijiet juri li hemm bżonn ta' aktar koordinazzjoni bejn l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni (TSOs) u r-regolaturi. Eżempji li sfaw f'suċċess ta' kooperazzjoni volontarja u obbligatorja bejn it-TSOs, ir-regolaturi u l-gvernijiet urew li l-kooperazzjoni reġjonali tista' ttejjeb il-funzjonament tas-suq u tnaqqas l-ispejjeż b'mod sinifikanti. F'ċerti oqsma, eż. għall-mekkaniżmu pan-Ewropew ta' "akkoppjament tas-swieq", il-kooperazzjoni bejn it-TSOs diġà saret obbligatorja, filwaqt li s-sistema ta' votazzjoni b'maġġoranza dwar ċerti kwistjonijiet irnexxiet f'oqsma fejn il-kooperazzjoni volontarja (kull TSO kellu dritt ta' veto) ma wasslitx għal riżultati effiċjenti għal problemi reġjonali. Dan l-eżempju ta' suċċess għandu jiġi segwit, u l-kooperazzjoni obbligatorju għandha tiġi estiża għal oqsma oħra fil-qafas regolatorju. Għal dan l-għan, it-TSOs jistgħu jiddeċiedu f'"Ċentri Operattivi Reġjonali" (ROCs) rigward kwistjonijiet li bħala parti minnhom azzjonijiet nazzjonali frammentati u mhux koordinati jistgħu jaffettwaw lis-suq u lill-konsumaturi b'mod negattiv (eż. fl-oqsma tal-operat tas-sistema, tal-kalkolu tal-kapaċità għall-interkonnetturi, tas-sigurtà tal-provvista u tat-tħejjija għar-riskji).

*L-adattament tas-sorveljanza regolatorja għas-swieq reġjonali*

Jidher xieraq ukoll li s-sorveljanza regolatorja tiġi adattata għar-realtajiet ġodda tas-suq. Bħalissa d-deċiżjonijiet regolatorji ewlenin kollha jittieħdu mir-regolaturi nazzjonali, anki f'każijiet meta jkun hemm bżonn ta' soluzzjoni reġjonali komuni. Filwaqt li l-ACER irnexxielha tipprovdi forum għall-koordinazzjoni tar-regolaturi nazzjonali b'interessi diverġenti, bħalissa r-rwol prinċipali tagħha huwa limitat għall-koordinazzjoni, il-konsulenza u l-monitoraġġ. Filwaqt li l-atturi tas-suq qegħdin jikkooperaw dejjem iktar minn bejn il-fruntieri u jiddeċiedu dwar ċerti kwistjonijiet li jikkonċernaw l-operat tal-grilja u l-kummerċ tal-elettriku b'maġġoranza kwalifikata fil-livell reġjonali jew saħansitra fil-livell tal-Unjoni[11], ma hemm l-ebda proċedura ekwivalenti għal dawn il-proċeduri ta' teħid ta' deċiżjonijiet reġjonali fil-livell regolatorju. Għalhekk, is-sorveljanza regolatorja għadha frammentata, u dan iwassal għal riskju ta' deċiżjonijiet diverġenti u għal dewmien bla bżonn. It-tisħiħ tas-setgħat tal-ACER fil-kuntest ta' dawn il-kwistjonijiet transkonfinali li jeħtieġu deċiżjoni reġjonali koordinata kieku jikkontribwixxi lejn proċess aktar mgħaġġel u effettiv ta' teħid ta' deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet transkonfinali. Ir-regolaturi nazzjonali, li jiddeċiedu fi ħdan l-ACER rigward dawk il-kwistjonijiet permezz ta' votazzjoni b'maġġoranza, jibqgħu involuti b'mod sħiħ fil-proċess.

Jidher xieraq ukoll li r-rwol tal-ENTSO-E jiġi definit aħjar, sabiex jissaħħaħ ir-rwol tiegħu ta' koordinazzjoni u sabiex il-proċess tiegħu ta' teħid ta' deċiżjonijiet isir aktar trasparenti.

---

[11] Ara pereżempju l-Artikolu 9 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1222 tal-24 ta' Lulju 2015 li jistabbilixxi Linji Gwida dwar l-Allokazzjoni tal-Kapaċità u l-Ġestjoni tal-Konġestjoni, ĠU L 197, 25.7.2015, p. 24.

*Kjarifiki dwar it-test*

Fl-aħħar nett, it-tfassil mill-ġdid tar-Regolament dwar l-Elettriku, tar-Regolament dwar l-Aġenzija u tad-Direttiva dwar l-Elettriku se jintużaw biex jiġu pprovduti kjarifiki editorjali dwar uħud mir-regoli eżistenti u biex xi wħud minnhom jiġu strutturati mill-ġdid bl-għan li r-regoli ta' natura teknika ħafna tat-tliet atti jkunu jistgħu jiġu mifhuma aħjar, mingħajr ma jsiru alterazzjonijiet fis-sustanza tad-dispożizzjonijiet.

- **Il-konsistenza ma' dispożizzjonijiet u proposti oħrajn fil-qasam ta' politika**

L-inizjattiva tad-disinn tas-suq tal-elettriku hija marbuta mill-qrib ma' proposti leġiżlattivi oħra dwar l-enerġija u l-klima li tressqu b'mod parallel. Fost oħrajn, dawn jinkludu inizjattivi mmirati lejn it-titjib tal-effiċjenza enerġetika tal-Ewropa, pakkett tal-enerġija rinnovabbli u l-inizjattiva ġenerali li tindirizza l-governanza u l-mekkaniżmi ta' rappurtar għall-Unjoni tal-Enerġija. Dawn l-inizjattivi għandhom l-għan komuni li jimplimentaw il-miżuri meħtieġa sabiex jinkiseb l-għan ta' Unjoni tal-Enerġija kompetittiva, sigura u sostenibbli. L-inizjattivi, li jikkonsistu minn diversi għodod leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi, qed jitqassmu f'pakketti sabiex jiġi żgurat l-ogħla livell ta' koerenza bejn il-proposti ta' politika li, għalkemm huma differenti, huma marbutin ma' xulxin mill-qrib.

B'hekk, għalkemm il-proposta attwali hija bbażata fuq l-aġġornament tar-regoli tas-suq bl-għan li t-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa ssir b'mod ekonomikament vantaġġuż, dawn id-dispożizzjonijiet jaħdmu id f'id mal-qafas usa' ta' politika tal-UE dwar il-klima u l-enerġija. Dawn il-links jiġu spjegati b'mod aktar dettaljat fil-Valutazzjoni tal-Impatt tal-Kummissjoni[12].

Il-proposta hija marbuta mill-qrib mal-proposta għal reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli, u tistabbilixxi qafas għall-ksib tal-mira dwar l-enerġija rinnovabbli sal-2030. Tinkludi wkoll prinċipji relatati ma' skemi ta' appoġġ għal sorsi ta' enerġija rinnovabbli, li jagħmluhom aktar kosteffikaċi u aktar orjentati lejn is-suq, filwaqt li jagħtuhom ambitu aktar reġjonali f'każijiet fejn l-Istati Membri jagħżlu li jżommu l-iskemi ta' appoġġ. Il-miżuri mmirati lejn l-integrazzjoni ta' tipi differenti ta' enerġija rinnovabbli fis-suq, bħal pereżempju dispożizzjonijiet dwar il-konsenja, l-ostakli relatati mas-suq li jxekklu l-awtokonsum u regoli oħra dwar l-aċċess għas-suq, li qabel kienu inklużi fid-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli, issa ġew integrati fir-Regolament dwar l-Elettriku u d-Direttiva dwar l-Elettriku.

Il-proposta għal Regolament dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija se tikkontribwixxi lejn l-iżgurar tal-koerenza tal-politiki billi tissimplifika l-obbligi ta' ippjanar u ta' rappurtar mill-Istati Membri sabiex tiġi appoġġata l-konverġenza lejn l-għanijiet dwar l-enerġija u l-klima stabbiliti fil-livell tal-UE. Bħala strument ġdid ta' ppjanar, ta' rappurtar u ta' monitoraġġ, din għandha tipprovdi għodda ta' kejl tal-istat tal-progress ta' Stat Membru b'rabta mal-implimentazzjoni, fl-Ewropa kollha, tar-rekwiżiti tas-suq li ġew introdotti b'dawn l-atti.

Il-proposta għal Regolament dwar it-tħejjija għar-riskji fis-settur tal-elettriku tikkomplementa l-proposta attwali, b'enfasi partikolari fuq azzjonijiet tal-gvern għall-ġestjoni ta' sitwazzjonijiet ta' kriżi tal-elettriku u għall-prevenzjoni ta' riskji għas-sistema tal-elettriku tul perjodu qasir.

---

12 [OP: Please insert Link to Impact Assessment]

Il-proposta attwali hija allinjata mill-qrib mal-politika tal-Kummissjoni dwar il-kompetizzjoni fil-qasam tal-enerġija. Tinkorpora, b'mod partikolari, ir-riżultati tal-Inkjesta Settorjali dwar Mekkaniżmi ta' Kapaċità tal-Kummissjoni, biex tiġi żgurata koerenza sħiħa tal-politika tal-Kummissjoni dwar l-infurzar tal-għajnuna mill-Istat fis-settur tal-enerġija.

- **Il-konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-proposta għandha l-għan li timplimenta l-objettivi ewlenin tal-Unjoni tal-Enerġija, kif definit fil-Qafas Strateġiku għal Unjoni tal-Enerġija Reżiljenti b'Politika dwar il-Bidla fil-Klima li tħares 'il quddiem. Kif diġà ntqal hawn fuq, id-dettalji tal-pakkett huma wkoll konformi mal-impenn f'livell globali li l-Unjoni dan l-aħħar ikkommettitet ruħha għalih u li għandu l-għan li jintlaħqu l-miri ambizzjużi dwar il-klima skont il-ftehim li sar qbil dwaru f'Pariġi waqt il-21 Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima (COP21). Il-proposta attwali għandha funzjoni ta' tisħiħ reċiproku u tikkomplementa l-proposta għar-reviżjoni tal-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet li saret f'Lulju 2015.

Barra minn hekk, sal-punt sa fejn reviżjoni tad-disinn tas-suq tal-elettriku għandha l-għan li tagħmel is-suq tal-enerġija tal-Ewropa aktar kompetittiv u aktar aċċessibbli għal teknoloġiji ġodda tal-enerġija, il-proposta tikkontribwixxi wkoll lejn il-ksib tal-għanijiet tal-Unjoni dwar il-ħolqien tal-impjiegi u tat-tkabbir. Billi toffri opportunitajiet tas-suq għal teknoloġiji ġodda, il-proposta se tixpruna l-adozzjoni ta' għadd ta' servizzi u prodotti li kieku jagħtu lill-intrapriżi Ewropej vantaġġ ta' min jidħol l-ewwel hekk kif it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa tkompli tavvanza f'livell globali.

## 2. IL-BAŻI ĠURIDIKA, IS-SUSSIDJARJETÀ U L-PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika għall-miżuri proposti hija l-Artikolu 194 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li kkonsolida u offra kjarifika dwar il-kompetenzi tal-UE fil-qasam tal-enerġija. Skont l-Artikolu 194 tat-TFUE, l-għanijiet ewlenin tal-politika tal-enerġija tal-UE huma dawn li ġejjin: li jiġi żgurat il-funzjonament tas-suq tal-enerġija; li tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija fl-Unjoni; li jiġu promossi l-effiċjenza enerġetika u l-iffrankar tal-enerġija, kif ukoll l-iżvilupp ta' forom ta' enerġija ġodda u rinnovabbli; li tiġi promossa l-interkonnessjoni ta' netwerks tal-enerġija.

L-inizjattiva tissejjes wkoll fuq ġabra komprensiva ta' atti leġiżlattivi li ġew adottati u aġġornati matul dawn l-aħħar żewġ deċennji. Bl-għan li jinħoloq suq intern tal-enerġija, l-UE adottat tliet pakketti leġiżlattivi konsekuttivi bejn l-1996 u l-2009, bl-għan ġenerali li jseħħu integrazzjoni tas-swieq u liberalizzazzjoni tas-swieq nazzjonali tal-gass u tal-elettriku. Dawn id-dispożizzjonijiet ikopru firxa wiesgħa ta' aspetti, fost oħrajn l-aċċess għas-suq, it-trasparenza, id-drittijiet tal-konsumaturi u l-indipendenza tal-awtoritajiet regolatorji.

Filwaqt li għandha tinżamm ħarsa fuq il-leġiżlazzjoni eżistenti u fuq it-trajettorja tal-integrazzjoni dejjem akbar tas-suq tal-enerġija, l-inizjattiva attwali għandha titqies ukoll bħala parti minn sforz kontinwu biex jiġu żgurati l-integrazzjoni u l-operat effettiv tas-swieq tal-enerġija tal-Ewropa.

Is-sejħiet li għamlu dan l-aħħar il-Kunsill Ewropew[13] u l-Parlament Ewropew għal azzjoni f'livell tal-UE biex jitlesta s-suq Ewropew tal-enerġija wkoll ħolqu raġunijiet għal azzjoni ulterjuri.

- **Is-sussidjarjetà**

Il-bidliet proposti fid-dispożizzjonijiet tar-Regolament dwar is-swieq tal-elettriku, id-Direttiva dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u r-Regolament li jistabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija huma meħtieġa sabiex jinkiseb l-għan ta' suq tal-elettriku integrat tal-UE, u dawn ma jistgħux jintlaħqu f'livell nazzjonali b'mod daqstant effiċjenti. Kif ġie stabbilit b'mod dettaljat fl-atti leġiżlattivi li tfasslu mill-ġdid[14], l-evidenza wriet li approċċi nazzjonali iżolati wasslu għal dewmien fl-implimentazzjoni tas-suq intern tal-enerġija, u rriżultaw f'miżuri regolatorji subottimali u inkompatibbli, duplikazzjoni bla bżonn ta' interventi u dewmien fil-korrezzjoni tal-ineffiċjenzi tas-suq. Il-ħolqien ta' suq intern tal-enerġija li jwassal enerġija kompetittiva u sostenibbli għal kulħadd ma jistax jintlaħaq fuq il-bażi ta' regoli nazzjonali frammentati meta dawn ikunu jikkonċernaw il-kummerċ tal-enerġija, l-operat tal-grilja komuni u ċertu ammont ta' standardizzazzjoni tal-prodott.

L-interkonnessjoni dejjem akbar tas-swieq tal-elettriku tal-UE teħtieġ koordinazzjoni aktar mill-qrib bejn l-atturi nazzjonali. Interventi ta' politika nazzjonali fis-settur tal-elettriku għandhom impatt dirett fuq l-Istati Membri ġirien minħabba l-interdipendenza enerġetika u interkonnessjonijiet tal-grilja. Li jiġu żgurati l-istabbiltà u l-operat effiċjenti tal-grilja qed isir dejjem aktar diffiċli f'livell nazzjonali biss, peress li l-kummerċ transkonfinali dejjem akbar, l-adozzjoni tal-ġenerazzjoni distribwita u l-parteċipazzjoni msaħħa tal-konsumaturi huma kollha fatturi li jżidu l-potenzjal għal effetti konsegwenzjali. L-ebda Stat ma jista' jaġixxi b'mod effettiv waħdu u maż-żmien, il-konsegwenzi ta' azzjoni unilaterali saru aktar evidenti. Dan il-prinċipju ġenerali japplika tul firxa ta' miżuri li ġew introdotti bil-proposta attwali, kemm jekk dawn jikkonċernaw il-kummerċ tal-enerġija, l-operat tal-grilja jew il-parteċipazzjoni effettiva tal-konsumaturi.

Peress li kwistjonijiet reġjonali komuni li jeħtieġu deċiżjoni koordinata ta' spiss ikollhom impatt ekonomiku sinifikanti fuq l-Istati Membri individwali, l-esperjenza tal-imgħoddi wriet li, filwaqt li hija utli f'bosta oqsma ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri, ħafna drabi l-kooperazzjoni volontarja ma rnexxilhiex tegħleb kunflitti teknikament kumplessi b'effetti distributtivi sinifikanti bejn l-Istati Membri[15]. L-inizjattivi volontarji eżistenti, bħall-Forum tal-Enerġija Pentalaterali, huma limitati wkoll mill-aspett ġeografiku, peress li dawn ikopru biss partijiet tas-suq tal-elettriku tal-UE, u mhux neċessarjament jgħaqqdu flimkien lill-pajjiżi kollha li huma l-aktar interkonnessi mill-qrib fiżikament.

Bħala eżempju konkret ta' dan, politiki nazzjonali mhux koordinati dwar il-prinċipji għat-tariffi tad-distribuzzjoni jistgħu joħolqu distorsjoni fis-suq intern, u dan sal-punt fejn il-ġenerazzjoni distribwita jew is-servizzi ta' ħżin tal-enerġija se jiġu inċentivati b'modi differenti ħafna sabiex jipparteċipaw fis-suq. Bl-adozzjoni ta' teknoloġiji ġodda u billi l-kummerċ transkonfinali tas-servizzi tal-enerġija qed ikompli jiżdied, l-azzjoni tal-UE għandha

[13] Fi Frar 2011, il-Kunsill Ewropew stabbilixxa l-għan li s-suq intern tal-enerġija jitlesta sal-2014 u li jiġu żviluppati interkonnessjonijiet sabiex sal-2015 jintemm l-iżolament ta' ċerti Stati Membri mill-grilja. F'Ġunju 2016, il-Kunsill Ewropew appella wkoll għal Strateġija għas-Suq Uniku fil-qasam tal-enerġija, filwaqt li l-Kummissjoni se tipproponi pjanijiet ta' azzjoni li għandhom jiġu implimentati sal-2018.

[14] [OP please add link to Impact assessment – evaluation part].

[15] Ara pereżempju d-diskussjoni dwar il-ġestjoni tal-konġestjoni fl-Ewropa Ċentrali, fejn interessi nazzjonali diverġenti wasslu għal dewmien sinifikanti fil-proċess ta' integrazzjoni ulterjuri tas-swieq.

valur sinifikanti fl-iżgurar ta' kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni u ta' eżiti tas-suq aktar effiċjenti għall-partijiet kollha involuti.

Il-funzjoni ta' koordinazzjoni tal-ACER ġiet adattata għall-iżviluppi ġodda fis-swieq tal-enerġija, bħal pereżempju l-ħtieġa akbar ta' koordinazzjoni fi żminijiet fejn ikun hemm żieda fil-flussi tal-enerġija bejn il-fruntieri u ż-żieda fil-produzzjoni tal-enerġija permezz ta' RES-E volatili. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali indipendenti (NRAs) jaqdu rwol ewlieni fil-provvista ta' sorveljanza regolatorja għas-setturi tal-enerġija nazzjonali tagħhom. Madankollu, sistema li qed issir dejjem aktar interdipendenti bejn l-Istati Membri, kemm f'dak li huwa relatat ma' tranżazzjonijiet fis-suq kif ukoll f'dak li għandu x'jaqsam mal-operat tas-sistema, teħtieġ li jkun hemm sorveljanza regolatorja li tmur lil hinn mill-fruntieri nazzjonali. L-ACER hija l-korp li ġie stabbilit biex jipprovdi din is-sorveljanza regolatorja fir-rigward ta' sitwazzjonijiet li jkopru aktar minn żewġ Stati Membri. Ir-rwol prinċipali tal-ACER bħala koordinatur tal-azzjoni tar-regolaturi nazzjonali nżamm; l-ACER ingħatat kompetenzi addizzjonali limitati fl-oqsma li fihom it-teħid ta' deċiżjonijiet nazzjonali frammentati dwar kwistjonijiet ta' rilevanza transkonfinali jistgħu jwasslu għal problemi jew għal inkonsistenzi fis-suq intern. Pereżempju, il-ħolqien ta' ċentri operattivi reġjonali (ROCs) fir-[Regolament dwar l-Elettriku mfassal mill-ġdid kif propost fi COM(2016) 861/2] jitlob sorveljanza sopranazzjonali, li għandha titwettaq mill-ACER, billi r-ROCs ikopru bosta Stati Membri. Bl-istess mod, l-introduzzjoni ta' valutazzjoni tal-adegwatezza koordinata fl-UE kollha fir-[Regolament dwar l-Elettriku mfassal mill-ġdid kif propost fi COM(2016) 861/2] titlob approvazzjoni regolatorja tal-metodoloġija u tal-kalkoli tagħha li jistgħu jiġu attribwiti biss lill-ACER, billi l-valutazzjoni tal-adegwatezza għandha titwettaq fl-Istati Membri kollha.

Filwaqt li l-assenjar ta' kompiti ġodda lill-ACER se jeħtieġ żieda fl-għadd tal-persunal tagħha, ir-rwol ta' koordinazzjoni tal-ACER se jwassal għal piż inqas għall-awtoritajiet nazzjonali, biex b'hekk ir-riżorsi amministrattivi fil-livell nazzjonali jsiru disponibbli. L-istrateġija proposta se tissimplifika l-proċeduri regolatorji (eż. permezz tal-introduzzjoni ta' approvazzjoni diretta fi ħdan l-ACER, minflok 28 approvazzjoni separata). L-iżvilupp koordinat ta' metodoloġiji (eż. b'rabta mal-valutazzjoni tal-adegwatezza) huwa mistenni jnaqqas l-ammont ta' xogħol għall-awtoritajiet nazzjonali u jevita x-xogħol żejjed li jirriżulta minn problemi potenzjali li jinħolqu bħala riżultat ta' azzjoni regolatorja nazzjonali mhux allinjata.

- **Il-proporzjonalità**

L-għażliet ta' politika koperti mir-Regolament dwar l-Elettriku, mid-Direttiva dwar l-Elettriku u mir-Regolament dwar l-Aġenzija għandhom l-għan li jadattaw id-disinn tas-suq tal-elettriku għaż-żieda fis-sehem dejjem akbar tal-ġenerazzjoni distribwita u għall-iżviluppi teknoloġiċi li qed iseħħu.

Ir-riformi proposti huma strettament orjentati lejn dak li huwa indispensabbli għall-ksib tal-progress meħtieġ għas-suq intern, filwaqt li jħallu l-kompetenzi u r-responsabbiltajiet ta' livell għoli f'idejn l-Istati Membri, ir-regolaturi nazzjonali u l-atturi nazzjonali.

Għażliet li jikkunsidraw armonizzazzjoni aktar estensiva, eż. billi jipproponu regolatur Ewropew tal-enerġija wieħed indipendenti, Operatur tas-Sistemi tat-Trażmissjoni Ewropew wieħed integrat jew projbizzjonijiet aktar sempliċi ta' interventi mill-Istat mingħajr possibbiltajiet ta' eżenzjoni ġew miċħuda b'mod konsistenti fil-Valutazzjoni tal-Impatt. Minflok, il-proposti jimmiraw lejn soluzzjonijiet ibbilanċjati sew li jirrestrinġu l-ambitu nazzjonali għal azzjoni regolatorja biss meta jidher b'mod ċar li azzjoni koordinata ġġib magħha aktar benefiċċji għall-konsumaturi.

L-alternattivi ta' politika adottati huma mmirati lejn il-ħolqien ta' kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fost it-teknoloġiji kollha tal-ġenerazzjoni tal-elettriku u lejn l-eliminazzjoni ta' distorsjonijiet fis-suq sabiex, fost affarijiet oħra, is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli jkunu jistgħu jikkompetu fuq l-istess livell fis-suq tal-enerġija. Barra minn hekk, il-parteċipanti kollha fis-suq kieku jkollhom iġarrbu responsabbiltà finanzjarja talli jżommu l-grilja fi stat bilanċjat. L-ostakli għal servizzi li jipprovdu l-flessibbiltà għall-grilja, bħas-servizzi ta' rispons fin-naħa tad-domanda, se jiġu eliminati. Barra minn hekk, il-miżuri għandhom l-għan li joħolqu suq integrat tul perjodu qasir aktar likwidu, b'mod li l-fluttwazzjonijiet tal-prezzijiet ikunu jistgħu jirriflettu l-iskarsezza u joffru inċentivi adegwati għal grilja flessibbli.

Fil-livell tas-suq tal-konsumaturi, l-Istati Membri se jiġu wkoll imħeġġa jeliminaw, b'mod progressiv, ir-regolamentazzjoni tar-rati fissi, u qabel kollox se jiġu mitluba japplikaw dan l-approċċ għall-prezzijiet li huma aktar baxxi mill-kost. Il-konsumaturi vulnerabbli jistgħu jiġu protetti permezz ta' regolamentazzjoni tranżizzjonali tal-prezzijiet. Sabiex il-kompetizzjoni tkompli tiżdied aktar, l-użu ta' tariffi ta' terminazzjoni tal-kuntratti se jiġi ristrett, sabiex jiġi mħeġġeġ il-qlib tal-fornituri. Bl-istess mod, għadd ta' prinċipji ta' livell għoli għandhom jiżguraw li l-kontijiet tal-enerġija jkunu ċari u faċli biex jinftiehmu. Se jingħata wkoll aċċess mhux diskriminatorju għal dejta tal-konsumaturi, filwaqt li d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-privatezza se jibqgħu fis-seħħ.

B'konformità mal-evoluzzjoni tal-kummerċ transkonfinali tal-elettriku u mal-integrazzjoni gradwali tas-suq, il-qafas istituzzjonali se jiġi adattat skont il-ħtieġa għal kooperazzjoni regolatorja addizzjonali u skont il-kompiti ġodda. L-ACER għandha tingħata kompiti addizzjonali, speċjalment fl-operat reġjonali tas-sistema tal-enerġija, filwaqt li r-regolaturi nazzjonali għandhom iżommu r-rwol ċentrali tagħha fir-regolamentazzjoni tal-enerġija.

Fil-Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja l-proposta, l-alternattivi kollha ġew eżaminati b'mod estensiv sabiex jiġi verifikat jekk jissodisfawx ir-rekwiżiti tal-proporzjonalità. Hawn għandu jiġi enfasizzat li l-politiki li ġew proposti joffru kompromess bejn l-inizjattivi minn isfel għal fuq u t-tmexxija tas-suq minn fuq għal isfel. Fir-rispett tal-proporzjonalità, il-miżuri bl-ebda mod ma jieħdu r-rwol tal-gvernijiet nazzjonali, tal-NRAs u tat-TSOs fit-twettiq ta' diversi funzjonijiet ta' natura kritika. Jekk xejn, ir-regolaturi nazzjonali huma mħeġġa biex jingħaqdu flimkien b'mod aktar effettiv f'ambjent reġjonali, kemm f'livell formali kif ukoll f'livell informali biex jindirizzaw il-kwistjonijiet li jirriżultaw mill-ġestjoni tas-sistema tal-elettriku fuq skala li hija proporzjonata mal-iskala tal-problema.

Minflok jadottaw approċċ ta' "armonizzazzjoni sħiħa", il-miżuri għandhom l-għan li joħolqu kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-atturi kollha tas-suq, b'mod partikolari f'każijiet fejn l-opportunitajiet tas-suq jestendu ruħhom lil hinn mill-fruntieri nazzjonali. Fl-aħħar nett, huwa essenzjali li jkun hemm ċerta standardizzazzjoni tar-regoli jekk verament għandu jsir kummerċ transkonfinali effettiv tal-elettriku; filwaqt li deċiżjonijiet li jikkonċernaw l-operat tal-grilja kieku jwasslu għal eżiti subottimali tas-suq jekk jitħallew f'idejn Stati Membri individwali u f'idejn regolaturi li jaġixxu waħidhom. L-esperjenza diretta li nkisbet fil-qasam tal-formulazzjoni u tal-adozzjoni ta' regoli komuni dwar in-netwerk u dwar il-kummerċ (l-hekk imsejħa "Kodiċijiet tan-Netwerk" u "Linji Gwida") minn meta sar it-Tielet Pakkett dwar l-Enerġija tal-2009 uriet li għandu jkun hemm lok għal valur miżjud evidenti jekk ir-regolaturi u l-awtoritajiet nazzjonali jiltaqgħu madwar mejda biex jilħqu qbil dwar regoli u metodoloġiji komuni, kemm fir-rigward ta' prinċipji ta' livell għoli kif ukoll fir-rigward ta' prinċipji tekniċi.

Hemm lakuna fil-kompetittività bejn is-suq tal-konsumaturi u s-suq tal-operaturi, u s-suq tal-konsumaturi għadu lura f'dak li għandu x'jaqsam mal-offerta ta' servizzi u ta' benefiċċji tanġibbli għall-konsumaturi. Billi jsir monitoraġġ tal-faqar enerġetiku, tat-trasparenza u taċ-

ċarezza tal-informazzjoni tal-konsumatur u tal-aċċess għad-dejta, il-miżuri proposti mhumiex se jillimitaw il-prerogattivi nazzjonali b'mod mhux dovut.

- **L-għażla ta' strument legali**

Il-proposta se temenda l-atti legali ewlenin li kienu parti mit-Tielet Pakkett dwar l-Enerġija. Dawn jinkludu r-Regolament dwar l-Elettriku (Nru 714/2009) u d-Direttiva dwar l-Elettriku (Nru 2009/72/KE), flimkien mar-Regolament li jistabbilixxi l-ACER (Nru 713/2009). L-għażla ta' tfassil mill-ġdid ta' dawn l-atti legali se ssaħħaħ iċ-ċarezza legali. Rikors għal att emendatorju seta' ma kienx xieraq għall-indirizzar ta' firxa wiesgħa ta' dispożizzjonijiet ġodda. Għalhekk, l-għażla tal-istrument titlob li ssir reviżjoni tar-regoli li diġà ġew adottati u implimentati, bħala evoluzzjoni naturali tal-leġiżlazzjoni attwali.

## 3. IR-RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet ex post/kontrolli tal-leġiżlazzjoni eżistenti biex jiġi verifikat humiex adatti għall-iskop**

Is-servizzi tal-Kummissjoni evalwaw il-prestazzjoni tal-qafas leġiżlattiv attwali (it-Tielet Pakkett dwar l-Enerġija) fil-kuntest ta' ħames kriterji stabbiliti: ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-UE. Flimkien mal-Valutazzjoni tal-Impatt saret ukoll evalwazzjoni indipendenti u r-riżultati tal-evalwazzjoni ġew riflessi fl-identifikazzjoni tal-problema fil-valutazzjoni tal-impatt.

Fl-evalwazzjoni nstab li, kollox ma' kollox, l-għan tat-Tielet Pakkett dwar l-Enerġija li tiżdied il-kompetizzjoni u li jiġu eliminati l-ostakli għall-kompetizzjoni transkonfinali fis-swieq tal-elettriku ġie ssodisfat. L-infurzar tal-leġiżlazzjoni b'mod attiv wassal għal riżultati pożittivi għas-swieq tal-elettriku u għall-konsumaturi tal-elettriku, u b'mod ġenerali s-swieq huma inqas ikkonċentrati u aktar integrati milli kienu fl-2009. Rigward is-swieq tal-konsumaturi, is-sensiela ta' drittijiet ġodda tal-konsumaturi li ġew stabbiliti bit-Tielet Pakkett dwar l-Enerġija tejbu b'mod evidenti l-pożizzjoni tal-konsumaturi fis-swieq tal-enerġija.

Madankollu, is-suċċess tar-regoli tat-Tielet Pakkett dwar l-Enerġija fl-iżvilupp tas-suq intern tal-elettriku għadu limitat f'għadd ta' oqsma, kemm fil-livell tal-konsumaturi kif ukoll fil-livell tal-operaturi. B'mod ġenerali, l-evalwazzjoni wriet li għad jistgħu jinkisbu gwadanni mdaqqsa jekk isir titjib tal-qafas tad-disinn ġdid, kif jidher miż-żidiet mhux sfruttati fil-benesseri ġenerali u mill-benefiċċji finali għall-konsumaturi. Fil-livell tas-swieq tal-operaturi, għad hemm ostakli għall-kummerċ transkonfinali, filwaqt li l-kapaċitajiet tal-interkonnetturi qatt ma jiġu sfruttati bis-sħiħ ħlief f'każijiet rari. Dawn joriġinaw, fost affarijiet oħra, minn nuqqas ta' kooperazzjoni bejn l-operaturi nazzjonali tal-grilja u r-regolaturi rigward l-użu konġunt ta' interkonnetturi. F'ħafna każijiet il-perspettiva nazzjonali tal-partijiet involuti għadha żżomm lura l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet transkonfinali effettivi u fl-aħħar mill-aħħar tillimita l-flussi transkonfinali, li jistgħu biss ikunu ta' benefiċċju. Is-sitwazzjoni mhix l-istess għas-swieq kollha u għall-iskedi kollha ta' żmien, billi dawn huma kkaratterizzati minn gradi differenti ta' integrazzjoni li tinvolvi swieq ta' ġurnata bil-quddiem, swieq tal-istess ġurnata u swieq tal-ibbilanċjar.

Fir-rigward tas-swieq tal-konsumaturi, il-prestazzjoni tal-kompetizzjoni tista' tiġi mtejba b'mod sinifikanti. Il-prezzijiet tal-elettriku għadhom ivarjaw b'mod sinifikanti minn Stat Membru għall-ieħor minħabba raġunijiet mhux tas-suq, filwaqt li l-prezzijiet żdiedu b'mod kostanti għall-unitajiet domestiċi bħala riżultat ta' żidiet sinifikanti f'tariffi inkontestabbli tul

dawn l-aħħar snin; dawn huma tariffi tan-netwerk, taxxi u imposti. Fir-rigward tal-protezzjoni tal-konsumaturi, il-faqar enerġetiku li qed ikompli jiżdied u n-nuqqas ta' ċarezza dwar l-aktar mod xieraq biex jiġu indirizzati l-vulnerabbiltà tal-konsumaturi u l-faqar enerġetiku kienu elementi li xekklu l-approfondiment ulterjuri tas-suq intern tal-enerġija. It-tariffi relatati mal-qlib tal-fornitur, bħal pereżempju tariffi ta' terminazzjoni tal-kuntratti, għadhom jirrappreżentaw ostaklu finanzjarju sinifikanti għall-involviment tal-konsumaturi. Barra minn hekk, l-għadd kbir ta' lmenti relatati mal-kontijiet[16] jindika li għad hemm skop fit-titjib tal-komparabbiltà u taċ-ċarezza tal-informazzjoni relatata mal-fatturazzjoni.

Apparti għadd ta' nuqqasijiet fil-kisba tal-għanijiet oriġinali li għandhom jintlaħqu mit-Tielet Pakkett dwar l-Enerġija, tfaċċat serje ġdida ta' sfidi li ma kinux ġew previsti fiż-żmien meta kien qed jitħejja t-Tielet Pakkett dwar l-Enerġija. Dawn, kif imsemmi hawn fuq, jinkludu ż-żieda qawwija ħafna ta' sorsi rinnovabbli fil-ġenerazzjoni tal-elettriku, iż-żieda ta' interventi mill-istat fis-swieq tal-elettriku għal skopijiet ta' sigurtà tal-provvista, u l-bidliet li qed iseħħu mil-lat teknoloġiku. Dawn kollha wasslu għal bidliet sinifikanti fl-operat tas-swieq, speċjalment matul l-aħħar ħames snin, kif ukoll għal tnaqqis tal-effett pożittiv tar-riformi għall-konsumaturi u potenzjal mhux sfruttat mill-modernizzazzjoni. Dan fetaħ lakuna fil-leġiżlazzjoni eżistenti rigward kif għandhom jiġu trattati dawn l-iżviluppi.

Skont ir-riżultati tal-evalwazzjoni u tal-Valutazzjoni tal-Impatt relatata, il-proposta attwali għandha l-għan li tnaqqas id-distakk u li tippreżenta qafas ta' abilitazzjoni biex jiġu riflessi l-iżviluppi teknoloġiċi fis-settur waqt li s-sistemi tagħna tal-enerġija jgħaddu mit-tranżizzjoni għal mudelli ġodda ta' produzzjoni u ta' konsum.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Bħala tħejjija għal din l-inizjattiva, il-Kummissjoni wettqet diversi konsultazzjonijiet pubbliċi. Dawn kienu miftuħa għaċ-ċittadini u għall-awtoritajiet tal-UE, għall-parteċipanti fis-suq tal-enerġija u għall-assoċjazzjonijiet tagħhom u għal kwalunkwe partijiet ikkonċernati oħra rilevanti, inklużi l-SMEs u l-konsumaturi tal-enerġija.

Għandha ssir enfasi fuq tliet konsultazzjonijiet u fuq ir-riżultati rispettivi tagħhom:

1) Il-kwistjonijiet relatati mal-adegwatezza tar-riżorsi kienu s-suġġett ta' konsultazzjoni pubblika[17] li saret mill-15 ta' Novembru 2012 sas-7 ta' Frar 2013, skont il-"Consultation on generation adequacy, capacity mechanisms, and the internal market in electricity". L-għan tagħha kien li jinkisbu l-opinjonijiet tal-partijiet ikkonċernati dwar l-iżgurar tal-adegwatezza tar-riżorsi u tas-sigurtà tal-provvista tal-elettriku fis-suq intern.

Il-konsultazzjoni rċeviet 148 reazzjoni individwali minn korpi pubbliċi, mill-industrija (kemm atturi li jipproduċu kif ukoll dawk li jikkonsmaw l-enerġija) u mid-dinja akkademika. Ir-reazzjonijiet għall-konsultazzjoni ġew miġbura f'tabella li ġiet ippubblikata fuq l-internet[18].

---

16 Il-Kummissjoni Ewropea (2016), "Second Consumer Market Study on the functioning of retail electricity markets for consumers in the EU" (It-Tieni Studju tas-Suq tal-Konsumaturi dwar il-funzjonament tas-swieq tal-elettriku għall-konsumaturi fl-UE),

17 Il-Kummissjoni Ewropea (2012), "Consultation Paper on generation adequacy, capacity mechanisms and the internal market in electricity". https://ec.europa.eu/energy/sites/ener/files/documents/20130207_generation_adequacy_consultation_document.pdf

18 https://ec.europa.eu/energy/sites/ener/files/documents/Charts_Public%20Consultation%20Retail%20Energy%20Market.pdf

Magħha ġew ippubblikati wkoll kontribuzzjonijiet individwali u transunt tar-riżultati tal-konsultazzjoni[19].

2) Mit-22 ta' Jannar 2014 sas-17 ta' April 2014 saret konsultazzjoni pubblika dwar is-swieq tal-enerġija tal-konsumaturi u l-konsumaturi aħħarija tal-enerġija[20]. Il-Kummissjoni rċeviet 237 reazzjoni għall-konsultazzjoni. Madwar 20 % tas-sottomissjonijiet waslu mingħand fornituri tal-enerġija, 14 % mingħand DSOs, 7 % mingħand organizzazzjonijiet tal-konsumaturi u 4 % mingħand NRAs. Fil-konsultazzjoni ħadu sehem ukoll għadd sinifikanti ta' ċittadini individwali. Transunt sħiħ tar-reazzjonijiet huwa disponibbli fuq is-sit web tal-Kummissjoni[21].

3) Bejn il-15 ta' Lulju 2015 u d-9 ta' Ottubru 2015 saret konsultazzjoni pubblika[22] wiesgħa dwar disinn ġdid tas-suq tal-enerġija.

Il-Kummissjoni rċeviet 320 reazzjoni għal din il-konsultazzjoni. Madwar 50 % ta' sottomissjonijiet waslu mingħand assoċjazzjonijiet tal-industrija nazzjonali jew li joperaw fl-UE kollha. 26 % tat-tweġibiet oriġinaw minn kumpaniji li huma attivi fis-settur tal-enerġija (fornituri, intermedjarji u konsumaturi), filwaqt li 9 % minnhom waslu mingħand l-operaturi tan-netwerk. Waslet ukoll informazzjoni mingħand 17-il gvern nazzjonali u mingħand bosta NRAs. Fil-konsultazzjoni ħadu sehem ukoll għadd sinifikanti ta' ċittadini individwali, kif ukoll istituzzjonijiet akkademiċi. Deskrizzjoni dettaljata tal-opinjonijiet tal-partijiet ikkonċernati rigward kull waħda mill-alternattivi ta' politika speċifiċi hija disponibbli fil-Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja din l-inizjattiva leġiżlattiva.

- **Il-ġbir u l-użu ta' għarfien espert**

It-tħejjija tar-regolament propost u tal-Valutazzjoni tal-Impatt hija bbażata fuq ġabra kbira ta' materjal, li ssir referenza għall-kontenut tagħha fin-noti f'qiegħ il-paġna fil-Valutazzjoni tal-Impatt. Il-materjal jinkludi madwar 30 studju u għodda ta' simulazzjoni, li twettqu l-aktar minn partijiet esterni indipendenti u li għandhom l-għan li jivvalutaw l-alternattivi speċifiċi bħala parti mill-proposta attwali. Dawn huma elenkati fl-Anness V tal-Valutazzjoni tal-Impatt. L-istudji jkopru firxa ta' metodoloġiji, b'enfasi fuq stimi kwantitattivi ta' analiżijiet tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji ekonomiċi u soċjali.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni kienet qed twettaq ukoll inkjesta settorjali dwar il-mekkaniżmi ta' kapaċità nazzjonali li r-riżultati interim tagħhom ġew inklużi fil-pront fil-fażi ta' tħejjija tal-proposta attwali[23]. Ir-riżultati ta' dawn l-istudji ikkomplementaw il-feedback estensiv li nkiseb mingħand il-partijiet ikkonċernati kif deskritt hawn fuq u, b'mod ġenerali, ipprovdew lill-Kummissjoni b'evidenza estensiva fuqhiex tibbaża l-proposti attwali.

---

[19] Il-Kummissjoni Ewropea (2012), "Konsultazzjoni dwar l-adegwatezza tal-ġenerazzjoni, il-mekkaniżmi tal-kapaċità u s-suq intern tal-elettriku" (Consultation on generation adequacy, capacity mechanisms, and the internal market in electricity). https://ec.europa.eu/energy/en/consultations/consultation-generation-adequacy-capacity-mechanisms-and-internal-market-electricity

[20] Il-Kummissjoni Ewropea (2014) konsultazzjoni dwar is-suq tal-enerġija mibjugħ bl-imnut https://ec.europa.eu/energy/en/consultations/consultation-retail-energy-market

[21] https://ec.europa.eu/energy/sites/ener/files/documents/Charts_Public%20Consultation%20Retail%20Energy%20Market.pdf

[22] Il-Kummissjoni Ewropea (2015) Konsultazzjoni dwar Disinn Ġdid tas-Suq tal-Enerġija COM(2015) 340 final https://ec.europa.eu/energy/en/consultations/public-consultation-new-energy-market-design

[23] Rapport Interim tal-Inkjesta Settorjali dwar mekkaniżmi ta' kapaċità, C(2016) 2107 final.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-miżuri kollha li ġew proposti ġew appoġġati mill-Valutazzjoni tal-Impatt. Fis-7 ta' Novembru 2016 il-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju ħareġ opinjoni pożittiva. Il-mod li bih ġew meqjusa l-opinjonijiet tal-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju huwa stipulat fl-Anness I tal-Valutazzjoni tal-Impatt.

Il-Valutazzjoni tal-Impatt eżaminat għadd ta' alternattivi ta' politika għal kull sett ta' problemi li ġie identifikat. Dawn is-settijiet ta' problemi u r-rotot alternattivi ta' intervent huma elenkati hawn taħt:

*L-Adattament tad-Disinn tas-Suq għaż- żieda fis-sorsi ta' enerġija rinnovabbli u l-iżvilupp teknoloġiku:*

Il-Valutazzjoni tal-Impatt approvat it-tisħiħ tar-regoli attwali tas-suq sabiex jinħolqu kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fost it-teknoloġiji u r-riżorsi kollha tal-ġenerazzjoni permezz tal-eliminazzjoni tad-distorsjonijiet fis-suq. Tindirizza regoli li jiddiskriminaw bejn ir-riżorsi u li jillimitaw jew jiffavorixxu l-aċċess ta' ċerti teknoloġiji għall-grilja elettrika. Barra minn hekk, il-parteċipanti kollha fis-suq għandhom jerfgħu ir-responsabbiltà finanzjarja għall-iżbilanċi li jistgħu jiġu kkawżati fil-grilja, filwaqt li r-riżorsi kollha jingħataw remunerazzjoni fis-suq fuq termini ugwali. L-ostakli għar-rispons fin-naħa tad-domanda se jiġu eliminati. L-alternattiva preferuta kieku ssaħħaħ ukoll is-swieq tul perjodu qasir billi ġġibhom aktar qrib il-ħin reali bl-għan li tingħata l-aktar opportunità wiesa' biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet ta' flessibbiltà u billi s-swieq isiru aktar effiċjenti. L-alternattiva preferuta tinkludi miżuri li kieku jgħinu biex ir-riżorsi kollha distribwiti flessibbli relatati mal-ġenerazzjoni, id-domanda u l-ħżin jinġibdu lejn is-suq u jiġu integrati fih permezz ta' inċentivi xierqa, qafas ta' suq aktar adattat għalihom u permezz ta' miżuri biex id-DSOs jiġu inċentivati aħjar.

Approċċ mhux regolatorju ġie skartat billi jagħti biss ftit lok għal titjib tas-suq u għall-iżgurar ta' kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fost ir-riżorsi. Fil-fatt, il-qafas regolatorju attwali tal-UE fl-oqsma rilevanti huwa limitat jew saħansitra ineżistenti għal oqsma oħra. Barra minn hekk, il-kooperazzjoni volontarja tqieset bħala li ma tipprovdix il-livell xieraq ta' armonizzazzjoni jew ta' ċertezza lis-suq. Bl-istess mod, anki l-alternattiva ta' armonizzazzjoni sħiħa tar-regoli tas-suq ġiet skartata, billi jista' jagħti l-każ li l-bidliet jiksru l-prinċipji tal-proporzjonalità u li ġeneralment dawn ma jkunux meħtieġa meta titqies il-qagħda attwali tas-swieq Ewropej tal-enerġija.

*L-indirizzar ta' investimenti futuri fil-ġenerazzjoni u ta' mekkaniżmi ta' kapaċità mhux koordinati*

Ġew evalwati diversi alternattivi ta' politika li jmorru lil hinn mix-xenarju bażi u kull għażla pproponiet gradi differenti ta' allinjament u koordinazzjoni fost l-Istati Membri fil-livell tal-UE, kif ukoll punt differenti sa fejn il-parteċipanti fis-suq kieku jiddependu fuq il-pagamenti tas-suq tal-enerġija.

Alternattiva hekk imsejħa ta' "suq tal-enerġija biss" kieku twassal biex is-swieq Ewropej jittejbu u jiġu interkonnessi b'mod suffiċjenti b'tali mod li tipprovdi s-sinjali meħtieġa tal-prezzijiet biex jiġu stimolati l-investimenti f'riżorsi ġodda u fejn meħtieġ u xieraq. Xenarju ta' dan it-tip kieku jelimina l-ħtieġa għal mekkaniżmi ta' kapaċità.

L-alternattiva magħżula ssejset fuq dan ix-xenarju ta' suq tal-enerġija biss iżda ma teliminax il-possibbiltà li l-Istati Membri għandhom li jużaw il-mekkaniżmi ta' kapaċità, bil-kundizzjoni, madankollu, li dawn ikunu bbażati fuq metodoloġija kondiviża ta' valutazzjoni tal-adegwatezza tar-riżorsi li titwettaq b'mod kompletament trasparenti permezz tal-ENTSO-E u tal-ACER u li jkunu konformi ma' karatteristiki ta' disinn komuni għal kompatibbiltà

aħjar bejn mekkaniżmi ta' kapaċità nazzjonali u kooperazzjoni transkonfinali armonizzata. Din l-alternattiva ssejset fuq il-Linji Gwida tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-għajnuna mill-Istat għall-ħarsien tal-ambjent u tal-enerġija 2014-2020 u fuq l-Inkjesta Settorjali dwar il-mekkaniżmi ta' kapaċità.

L-għażla ta' approċċ mhux regolatorju ġiet miċħuda, billi d-dispożizzjonijiet eżistenti skont il-leġiżlazzjoni tal-UE mhumiex ċari u robusti biżżejjed biex jindirizzaw u jlaħħqu mal-isfidi li trid tħabbat wiċċha magħhom is-sistema Ewropea tal-elettriku. Barra minn hekk, jista' jkun li l-kooperazzjoni volontarja ma twassalx għal livelli xierqa ta' armonizzazzjoni fl-Istati Membri kollha, jew għal ċertezza fis-suq. Hemm bżonn li f'dan il-qasam tiġi introdotta leġiżlazzjoni li tindirizza l-kwistjonijiet b'mod konsistenti. L-alternattiva skont liema reġjuni sħaħ jew fl-aħħar mill-aħħar l-Istati Membri kollha tal-UE kieku jkunu meħtieġa jintroduċu mekkaniżmi ta' kapaċità fuq bażi obbligatorja abbażi ta' valutazzjonijiet tal-adegwatezza tal-ġenerazzjoni reġjonali jew fil-livell tal-UE kollha ġiet meqjusa bħala sproporzjonata u għaldaqstant ġiet rifjutata.

*Prestazzjoni insuffiċjenti tas-Swieq tal-Konsumaturi: skjerament b'rata mhux suffiċjenti tas-servizzi u livelli baxxi ta' servizzi*

L-alternattiva approvata tinkludi l-eliminazzjoni b'mod gradwali tar-regolamentazzjoni tar-rati fissi mill-Istati Membri qabel skadenza stabbilita fil-leġiżlazzjoni tal-UE, u dan se jsir qabel kollox għall-prezzijiet li huma aktar baxxi mill-kost. Din l-alternattiva tippermetti li jkun hemm regolamentazzjoni tranżizzjonali tal-prezzijiet għall-konsumaturi vulnerabbli u tirrestrinġi l-użu ta' tariffi ta' terminazzjoni tal-kuntratti bl-għan li jiġi aġevolat l-involviment tal-konsumaturi. Il-kunfidenza tal-konsumaturi fir-rigward ta' siti web tat-tqabbil għandha titrawwem permezz tal-implimentazzjoni ta' għodda ta' ċertifikazzjoni min-naħa tal-awtoritajiet nazzjonali. Barra minn hekk, prinċipji ta' livell għoli se jiżguraw li l-kontijiet tal-enerġija jkunu ċari u faċli biex jinftiehmu, permezz ta' rekwiżiti ta' kontenut minimu. L-Istati Membri huma meħtieġa wkoll jimmonitorjaw l-għadd ta' unitajiet domestiċi li jinsabu f'faqar enerġetiku. Fl-aħħar nett għandu jiġi żgurat li jkun hemm aċċess mhux diskriminatorju għad-dejta tal-konsumaturi, sabiex parteċipanti ġodda u kumpaniji ġodda tas-servizzi tal-enerġija jkunu jistgħu jiżviluppaw servizzi ġodda.

Alternattivi oħra li ġew ikkunsidrati, iżda li ġew rifjutati, kienu jinkludu armonizzazzjoni sħiħa tal-leġiżlazzjoni dwar il-konsumaturi u salvagwardji estensivi għall-konsumaturi; eżenzjonijiet b'rabta mar-regolamentazzjoni tal-prezzijiet definiti fil-livell tal-UE fuq il-bażi ta' limitu tal-konsum jew ta' limitu massimu fil-prezz; mudell standard għall-ġestjoni tad-dejta li għandu jiġi infurzat, bir-responsabbiltà għal dan assenjata lil attur newtrali tas-suq bħal pereżempju TSO; il-projbizzjoni tat-tariffi kollha relatati mal-qlib tal-fornitur, inklużi t-tariffi ta' terminazzjoni tal-kuntratti, u l-armonizzazzjoni parzjali tal-kontenut tal-kontijiet tal-enerġija; u fl-aħħar nett, id-dħul fis-seħħ ta' qafas tal-UE għall-monitoraġġ tal-faqar enerġetiku bbażat fuq stħarriġ dwar l-effiċjenza enerġetika mwettaq mill-Istati Membri fir-rigward tar-residenzi eżistenti, u ta' miżuri preventivi għall-evitar ta' skonnessjonijiet. Dawn l-alternattivi kollha ġew rifjutati għal raġunijiet relatati mal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità. Anki ż-żamma tal-*istatus quo* tqieset bħala alternattiva mhux vijabbli mill-partijiet ikkonċernati kważi kollha li ġew ikkonsultati.

*It-titjib tal-qafas istituzzjonali u r-rwol tal-Aġenzija*

Il-qafas istituzzjonali tat-Tielet Pakkett għandu l-għan li jrawwem il-kooperazzjoni tal-NRAs u l-kooperazzjoni bejn it-TSOs. Sa mit-twaqqif tagħhom, l-ACER u l-ENTSOs kellhom rwol ewlieni fil-ksib ta' progress lejn suq intern tal-enerġija li jiffunzjona. Madankollu, l-iżviluppi li seħħew dan l-aħħar fis-swieq Ewropej tal-enerġija u li ġew meqjusa fil-Valutazzjoni tal-Impatt attwali u l-proposti sussegwenti tal-Inizjattiva tad-Disinn tas-Suq jeħtieġu li l-qafas

istituzzjonali jiġi adattat. Barra minn hekk, l-implimentazzjoni tat-Tielet Pakkett enfasizzat ukoll oqsma fejn jista' jsir titjib b'rabta mal-qafas applikabbli għall-ACER u għall-ENTSOs. F'termini ta' alternattivi kkunsidrati għar-riforma tal-qafas istituzzjonali, xenarju ta' żamma tal-*istatus quo* ġie skartat għaliex dan kieku jwassal għall-ħolqien ta' lakuni regolatorji u ta' sorveljanza tas-suq, b'konformità kemm ma' dispożizzjonijiet oħra għal swieq li qed jevolvu li ġew introdotti f'partijiet oħra ta' din il-proposta kif ukoll mal-progress kontinwu tal-leġiżlazzjoni sekondarja fil-livell tal-UE.

Ġie kkunsidrat approċċ mhux regolatorju ta' "infurzar aktar b'saħħtu" u ta' kollaborazzjoni volontarja mingħajr ebda miżuri ġodda addizzjonali għall-adattament tal-qafas istituzzjonali. Infurzar aqwa tal-leġiżlazzjoni eżistenti jinvolvi l-implimentazzjoni kontinwa tat-Tielet Pakkett u l-implimentazzjoni sħiħa tal-kodiċijiet u tal-linji gwida tan-netwerk – kif deskritt għall-alternattiva tax-xenarju ta' "żamma tal-i*status quo*" – flimkien ma' infurzar aktar b'saħħtu. Madankollu, infurzar aktar b'saħħtu ma jista' jwassal għal ebda titjib fil-qafas istituzzjonali attwali jekk jiġi implimentat waħdu.

Ġiet ikkunsidrata wkoll alternattiva leġiżlattiva li tittrasforma lill-ACER f'entità li tixbaħ aktar lil regolatur pan-Ewropew, iżda finalment din ġiet rifjutata. Biex l-Aġenzija tkun tista' twettaq rwol ta' dan it-tip jenħtieġ li l-baġit u l-persunal tal-ACER jiġu rinfurzati b'mod sinifikanti, billi dan iwassal għall-ħtieġa ta' konċentrazzjoni qawwija ta' esperti fl-Aġenzija. Jidher xieraq ukoll li l-involviment tar-regolaturi nazzjonali fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-Aġenzija jinżamm, filwaqt li deċiżjonijiet ta' regolaturi nazzjonali meħuda skont sistema ta' maġġoranza ma għandhomx jinbidlu b'mod sistematiku b'deċiżjonijiet fil-livell tad-diretturi.

B'hekk ġew ikkunsidrati alternattivi leġiżlattivi biex l-ACER tittejjeb abbażi tal-qafas eżistenti. L-alternattiva li ġiet approvata bil-Valutazzjoni tal-Impatt tippermetti lill-qafas istituzzjonali tal-UE jadatta għar-realtajiet il-ġodda tas-sistema tal-elettriku. Tindirizza wkoll kemm il-ħtieġa li tirriżulta għal aktar kooperazzjoni reġjonali kif ukoll il-lakuni regolatorji eżistenti u antiċipati fis-suq tal-enerġija, u b'hekk tipprevedi flessibbiltà permezz ta' taħlita ta' approċċi minn fuq għal isfel u minn isfel għal fuq.

Barra minn hekk, sabiex jiġi indirizzat id-distakk regolatorju eżistenti fir-rigward tal-funzjonijiet regolatorji tal-NRAs fil-livell reġjonali, l-inizjattivi ta' politika li tinvolvi din l-alternattiva jistabbilixxu qafas regolatorju reġjonali flessibbli biex jissaħħu l-' koordinazzjoni reġjonali u t-teħid ta' deċiżjonijiet tal-NRAs. Skont din l-alternattiva kieku tiġi introdotta sistema ta' deċiżjonijiet reġjonali koordinati u ta' sorveljanza ta' ċerti suġġetti mill-NRAs tar-reġjun (eż. ROCs u oħrajn li ġejjin mill-inizjattiva proposta tad-disinn tas-suq) filwaqt li l-ACER tingħata rwol għas-salvagwardja tal-interessi tal-UE.

*Drittijiet fundamentali*

Din il-proposta jista' jkollha impatt fuq għadd ta' drittijiet fundamentali stabbiliti bil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari: ir-rispett għall-ħajja privata u tal-familja (l-Artikolu 7), id-dritt għall-protezzjoni ta' dejta personali (l-Artikolu 8), il-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni (l-Artikolu 21), id-dritt għal assistenza soċjali (l-Artikolu 34), l-aċċess għal servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali (l-Artikolu 36), l-integrazzjoni ta' livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent (l-Artikolu 37) u d-dritt għal rimedju effettiv (l-Artikolu 47).

Dan huwa indirizzat b'mod partikolari permezz ta' għadd ta' dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi, il-faqar enerġetiku, il-protezzjoni ta' konsumaturi vulnerabbli, l-aċċess għal servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali, il-protezzjoni tad-dejta u l-privatezza.

Trasunt tal-Valutazzjoni tal-Impatt u l-opinjoni pożittiva tal-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju[24] huma disponibbli fuq is-sit web tal-Kummissjoni.

- **Idoneità u simplifikazzjoni regolatorja**

Il-proposta tista' twassal għal żieda fir-rekwiżiti amministrattivi, għalkemm sa punt limitat biss. Pereżempju, jekk jiġu introdotti kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni biex it-teknoloġiji kollha jkunu jistgħu jipparteċipaw b'mod sħiħ fis-swieq tal-enerġija, dawn it-teknoloġiji jkollhom jikkonformaw ma' għadd ta' rekwiżiti ta' konformità dwar is-suq li jistgħu joħolqu piż amministrattiv.

Il-miżuri previsti għat-titjib tal-likwidità u l-integrazzjoni tas-swieq tal-enerġija jistgħu jiġġeneraw ukoll impatt tul perjodu qasir ta' żmien għan-negozji, peress li dawn tal-aħħar ikollhom jadattaw għal arranġamenti ġodda fil-qasam tal-kummerċ tal-enerġija. Madankollu, dawn huma meqjusa bħala ta' natura minima meta mqabbla max-xenarju bażi ta' nuqqas ta' azzjoni, billi l-gwadanni ekonomiċi tar-riforma kieku jkunu ħafna akbar minn kwalunkwe riorganizzazzjoni amministrattiva tul perjodu qasir jew twil ta' żmien.

Bl-istess mod, l-eliminazzjoni b'mod gradwali tal-prezzijiet regolati fil-livell tal-Istati Membri teħtieġ li l-NRAs jagħmlu sforzi akbar biex jimmonitorjaw is-swieq u biex jiżguraw li jkun hemm kompetizzjoni effiċjenti u jiggarantixxu l-protezzjoni tal-konsumaturi. Dawn l-impatti jistgħu jiġu kkumpensati permezz ta' involviment akbar tal-konsumaturi, li jkollu l-effett naturali li jrawwem il-kompetizzjoni fis-suq.

Il-firxa ta' attivitajiet li għandhom jitwettqu bħala parti mill-isfond istituzzjonali aġġornat għandha tiġġenera wkoll ġabra ġdida ta' rekwiżiti għal involviment f'livell amministrattiv min-naħa tar-regolaturi nazzjonali u tal-operaturi nazzjonali tas-sistemi tat-trażmissjoni. Dawn jinkludu l-parteċipazzjoni fi ħdan l-ACER u permezz tal-proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet li jwasslu għall-qbil dwar metodoloġiji u prattiki għal kummerċ bla xkiel tal-enerġija fuq il-fruntieri.

Il-Kapitolu 6 tal-Valutazzjoni tal-Impatt fih deskrizzjoni dettaljata tal-impatt amministrattiv u ekonomiku fuq in-negozju u fuq l-awtoritajiet pubbliċi għal kull waħda mill-għażliet ta' politika li ġew ikkunsidrati.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

L-impatt baġitarju marbut mal-proposta ta' dan il-pakkett jikkonċerna r-riżorsi tal-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER) li huma deskritti fid-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva li takkumpanja l-proposta tal-Kummissjoni għal tfassil mill-ġdid tar-Regolament li jistabbilixxi l-ACER. Essenzjalment, il-kompiti l-ġodda li għandhom jitwettqu mill-ACER, b'mod partikolari fir-rigward tal-valutazzjoni tal-adegwatezza tas-sistema u tat-twaqqif ta' Ċentri Operattivi Reġjonali, jeħtieġu l-introduzzjoni b'mod gradwali ta' massimu ta' 18-il FTE addizzjonali fl-Aġenzija fl-2020, flimkien mar-riżorsi finanzjarji korrispondenti.

## 5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti ta' monitoraġġ, evalwazzjoni u rappurtar**

Il-Kummissjoni se twettaq monitoraġġ tat-traspożizzjoni u tal-konformità tal-Istati Membri u ta' atturi oħra mal-miżuri li finalment se jiġu adottati, u se timplimenta miżuri ta' infurzar jekk

[24] [OP: Please insert Link to Impact Assessment]

u meta jkun meħtieġ. Barra minn hekk, kif diġà għamlet fil-kuntest tal-implimentazzjoni tat-Tielet Pakkett dwar l-Enerġija, il-Kummissjoni se tipprovdi dokumenti ta' gwida li jipprovdu għajnuna b'rabta mal-implimentazzjoni tal-miżuri adottati.

B'mod partikolari, il-Kummissjoni se tingħata l-appoġġ tal-ACER b'rabta ma' finijiet ta' monitoraġġ u implimentazzjoni. Ir-rappurtar annwali mill-Aġenzija u l-evalwazzjonijiet paralleli mwettqa mill-Kummissjoni, flimkien mar-rappurtar mill-Grupp ta' Koordinazzjoni dwar l-Elettriku, huma kollha parti mid-dispożizzjonijiet f'din l-inizjattiva. L-Aġenzija se tkun mistiedna tkompli twettaq rieżami tal-indikaturi tagħha ta' monitoraġġ biex tiġi żgurata r-rilevanza kontinwa tagħhom għall-monitoraġġ tal-progress lejn l-objettivi li fuqhom huma bbażati dawn il-proposti, sabiex dawn ikunu jistgħu jiġu riflessi b'mod adegwat, fost affarijiet oħra, permezz tar-rapport annwali tal-ACER dwar il-monitoraġġ tas-suq.

B'mod parallel mal-inizjattivi proposti, il-Kummissjoni se tippreżenta inizjattiva marbuta mal-governanza tal-Unjoni tal-Enerġija li se tissimplifika r-rekwiżiti dwar l-ippjanar, ir-rappurtar u l-monitoraġġ. Abbażi tal-inizjattiva dwar il-governanza tal-Unjoni tal-Enerġija, ir-rekwiżiti attwali ta' monitoraġġ u ta' rappurtar tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri fit-Tielet Pakkett dwar l-Enerġija se jiġu integrati f'rapporti orizzontali dwar il-progress u l-monitoraġġ. Aktar informazzjoni dwar is-simplifikazzjoni tar-rekwiżiti ta' monitoraġġ u ta' rappurtar hija disponibbli fil-valutazzjoni tal-impatt għall-governanza tal-Unjoni Ewropea.

Il-mekkaniżmi ta' monitoraġġ u l-indikaturi tal-parametri referenzjarji jiġu eżaminati b'mod aktar estensiv fil-Kapitolu 8 tal-Valutazzjoni tal-Impatt.

## 6. SPJEGAZZJONI TAD-DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI TAL-PROPOSTI

- **Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni għas-suq intern tal-elettriku (Tfassil mill-ġdid)**

Il-*Kapitolu I* tad-Direttiva proposta jipprovdi xi kjarifiki dwar l-ambitu u s-suġġett tad-Direttiva, filwaqt li jissottolinja l-enfasi fuq il-konsumaturi u l-importanza tas-suq intern u tal-prinċipji ewlenin tiegħu. Jipprevedi wkoll aġġornament tad-definizzjonijiet ewlenin li jintużaw fid-Direttiva.

Il-*Kapitolu II* tad-Direttiva proposta jistabbilixxi l-prinċipju ġenerali li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-suq tal-elettriku tal-UE huwa kompetittiv, iċċentrat fuq il-konsumatur, flessibbli u mhux diskriminatorju. Jenfasizza li l-miżuri nazzjonali ma għandhomx ixekklu b'mod indebitu l-flussi transkonfinali, il-parteċipazzjoni tal-konsumaturi jew l-investimenti. Ikompli jnaqqax il-prinċipju skont liema l-prezzijiet tal-provvista għandhom ikunu bbażati fuq is-suq, suġġett għal eċċezzjonijiet ġustifikati b'mod xieraq. Il-kapitolu joffri wkoll kjarifika dwar ċertu prinċipji li jirrigwardaw il-funzjonament tas-swieq tal-elettriku tal-UE, bħal pereżempju d-dritt li wieħed jagħżel fornitur. Jipprevedi wkoll regoli aġġornati dwar il-possibbiltà ta' obbligi ta' servizz pubbliku li jistgħu jiġu imposti fuq l-impriżi tal-enerġija mill-Istati Membri f'ċertu ċirkostanzi.

Il-Kapitolu III tad-Direttiva proposta jsaħħaħ id-drittijiet diġà eżistenti tal-konsumaturi u jintroduċi drittijiet ġodda li għandhom l-għan li jqiegħdu lill-konsumaturi fil-qalba tas-swieq tal-enerġija billi jiġi żgurat li dawn jingħataw setgħa u protezzjoni aħjar. Jistabbilixxi regoli dwar informazzjoni aktar ċara b'rabta mal-fatturazzjoni u dwar għodod tat-tqabbil iċċertifikati. Il-kapitolu jinkludi dispożizzjonijiet li jiżguraw li l-konsumaturi jkunu jistgħu jagħżlu u jibdlu b'mod ħieles il-fornituri jew l-aggregaturi, li dawn ikunu intitolati għal kuntratti bi prezzijiet dinamiċi u li jkunu jistgħu jipparteċipaw fir-rispons fin-naħa tad-domanda, fl-awtoġenerazzjoni u fl-awtokonsum tal-elettriku. Jintitola lil kull konsumatur jitlob arloġġ intelliġenti mgħammar b'sett minimu ta' funzjonalitajiet. Itejjeb ukoll ir-regoli

diġà eżistenti dwar il-possibbiltà li l-konsumaturi jikkondividu d-dejta tagħhom ma' fornituri u ma' fornituri ta' servizzi billi jagħti kjarifika dwar ir-rwol tal-partijiet responsabbli għall-ġestjoni tad-dejta u billi jistabbilixxi format Ewropew komuni tad-dejta li għandu jiġi żviluppat mill-Kummissjoni f'att ta' implimentazzjoni. Il-kapitolu għandu wkoll l-għan li jiżgura li l-Istati Membri jindirizzaw il-faqar enerġetiku. Jeħtieġ ukoll li l-Istati Membri jiddefinixxu oqfsa għal aggregaturi indipendenti u għar-rispons fin-naħa tad-domanda skont prinċipji li jippermettu l-parteċipazzjoni sħiħa tagħhom fis-suq. Jiddefinixxi qafas għal komunitajiet lokali tal-enerġija, li jistgħu jipparteċipaw f'servizzi ta' ġenerazzjoni, distribuzzjoni, aggregazzjoni, ħżin jew forniment tal-enerġija fil-livell lokali, jew f'servizzi relatati mal-effiċjenza enerġetika. Barra minn hekk, jipprovdi xi kjarifiki dwar dispożizzjonijiet diġà eżistenti rigward l-arloġġi smart u l-punti uniċi ta' kuntatt, kif ukoll drittijiet għal metodi ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim, għal servizz universali u għall-konsumaturi vulnerabbli.

Il-Kapitolu IV tad-Direttiva proposta jipprevedi xi kjarifiki dwar il-kompiti tad-DSOs, b'mod partikolari fir-rigward tal-attivitajiet tad-DSOs b'rabta mal-akkwist ta' servizzi tan-netwerk sabiex jiġu żgurati l-flessibbiltà, l-integrazzjoni ta' vetturi elettriċi u l-ġestjoni tad-dejta. Jagħti wkoll kjarifika dwar ir-rwol tad-DSOs fir-rigward tal-punti ta' ħżin u tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi.

Il-Kapitolu V tad-Direttiva proposta jiġbor fil-qosor ir-regoli ġenerali applikabbli għat-TSOs, huwa bbażat prinċipalment fuq testi eżistenti u jipprovdi biss ftit kjarifiki dwar is-servizzi anċillari u ċ-Ċentri Operattivi Reġjonali l-ġodda.

Il-Kapitolu VI tad-Direttiva proposta, li jistabbilixxi r-regoli dwar id-diżaggregazzjoni kif ġew żviluppati fil-kuntest tat-Tielet Pakkett dwar l-Enerġija, baqa' kif kien fir-rigward tar-regoli sostantivi ewlenin dwar id-diżaggregazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tat-tliet reġimi għat-TSOs (separazzjoni tas-sjieda, operatur indipendenti tas-sistema u operatur indipendenti tat-trażmissjoni), kif ukoll fir-rigward tad-dispożizzjonijiet dwar id-deżinjazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni tat-TSOs. Jipprovdi biss kjarifika dwar il-possibbiltà li t-TSOs ikunu proprjetarji ta' faċilitajiet tal-ħżin, jew li jipprovdu servizzi anċillari.

Il-Kapitolu VII tad-Direttiva proposta jinkludi r-regoli dwar it-twaqqif, l-ambitu tas-setgħat u d-dmirijiet tar-regolaturi nazzjonali indipendenti tal-enerġija, kif ukoll ir-regoli dwar il-funzjonament tagħhom. Il-proposta tenfasizza b'mod partikolari l-obbligu tar-regolaturi li jikkooperaw mar-regolaturi ġirien u mal-ACER f'każ li jkunu kkonċernati kwistjonijiet ta' rilevanza transfruntiera u jaġġorna l-lista tal-kompiti tar-regolaturi, fost l-oħrajn fir-rigward tas-superviżjoni taċ-Ċentri Operattivi Reġjonali li jkunu għadhom kemm ġew stabbiliti.

Fil-Kapitolu VIII tad-Direttiva proposta jinbidlu xi dispożizzjonijiet ġenerali, fost l-oħrajn fir-rigward ta' derogi għad-Direttiva, tal-eżerċitar tas-setgħat delegati mill-Kummissjoni u fir-rigward tal-Kumitat stabbilit b'konformità mar-regoli dwar il-komitoloġija skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011.

L-Annessi l-ġodda tad-Direttiva proposta jistabbilixxu aktar rekwiżiti dwar l-għodod ta' tqabbil, dwar il-kontijiet u dwar l-informazzjoni relatata mal-fatturazzjoni, filwaqt li temenda r-rekwiżiti diġà eżistenti għall-arloġġi intelliġenti u għall-implimentazzjoni tagħhom.

- **Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-suq intern tal-elettriku (Tfassil mill-ġdid)**

Il-Kapitolu I tar-Regolament propost jistabbilixxi l-ambitu u s-suġġett, kif ukoll id-definizzjonijiet tat-termini li jintużaw fih. Huwa jenfasizza l-importanza ta' sinjali tas-suq mingħajr distorsjonijiet sabiex ikunu jistgħu jiżdiedu l-flessibbiltà, id-dekarbonizzazzjoni u l-innovazzjoni, filwaqt li jaġġorna u jikkumplimenta d-definizzjonijiet ewlenin li jintużaw fir-Regolament.

Il-Kapitolu II tar-Regolament propost jintroduċi Artikolu ġdid li jistabbilixxi l-prinċipji ewlenin li għandhom jiġu osservati mil-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar l-enerġija sabiex ikun jista' jkun hemm suq intern tal-elettriku li jiffunzjona. Jistabbilixxi wkoll il-prinċipji legali ewlenin għar-regoli dwar il-kummerċ tal-elettriku f'perjodi ta' kummerċ differenti (swieq tal-ibbilanċjar, swieq tal-istess ġurnata, swieq ta' ġurnata bil-quddiem u swieq forward), inklużi l-prinċipji għall-formazzjoni tal-prezzijiet. Jagħti kjarifika dwar il-prinċipju tal-ibbilanċjar tar-responsabbiltà u jipprevedi qafas għal regoli li huma aktar kompatibbli mas-suq għall-konsenja u t-tnaqqis tar-rispons tal-ġenerazzjoni u tad-domanda, inklużi l-kundizzjonijiet għal kwalunkwe eċċezzjonijiet għalihom.

Il-Kapitolu III tar-Regolament propost jiddeskrivi l-proċess tad-definizzjoni ta' żoni tal-offerti b'mod koordinat, b'konformità mal-proċess ta' rieżami li nħoloq fir-Regolament 1222/2015 li jistabbilixxi Linji Gwida dwar l-Allokazzjoni tal-Kapaċità u l-Ġestjoni tal-Konġestjoni[25]. Sabiex tiġi indirizzata l-problema li qed tkompli tippersisti ta' limitazzjonijiet nazzjonali sinifikanti għall-flussi transkonfinali tal-elettriku, il-kundizzjonijiet għal tali limitazzjonijiet eċċezzjonali jiġu ċċarati, b'mod partikolari permezz ta' regoli li għandhom jiżguraw li l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet tal-elettriku ma jkunux ristretti minn atturi nazzjonali għal raġunijiet ekonomiċi. Dan il-Kapitolu fih ukoll emendi għal prinċipji diġà eżistenti għat-tariffi tan-netwerks ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni u jistabbilixxi proċedura għat-trawwim tal-konverġenza b'mod progressiv tal-metodoloġiji tat-tariffi tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni. Jistabbilixxi wkoll regoli emendati għall-użu tal-kirjiet ta' konġestjoni.

Il-Kapitolu IV tar-Regolament propost jistabbilixxi prinċipji ġenerali ġodda għall-indirizzar tat-tħassib dwar l-adegwatezza tar-riżorsi mill-Istati Membri b'mod koordinat. Jistabbilixxi għadd ta' prinċipji u proċedura għall-iżvilupp ta' valutazzjoni Ewropea tal-adegwatezza tar-riżorsi sabiex tiġi ddeterminata aħjar il-ħtieġa għal mekkaniżmi ta' kapaċità u, jekk xieraq, sabiex jiġi ddeterminat l-iffissar ta' standard ta' affidabbiltà mill-Istati Membri. Jiċċara kif u taħt liema kondizzjonijiet tista' sseħħ l-introduzzjoni ta' mekkaniżmi ta' kapaċità b'mod li huwa kompatibbli mas-suq. Jagħti wkoll kjarifika dwar prinċipji ta' disinn li huma kompatibbli mas-suq għal mekkaniżmi ta' kapaċità, inkluż regoli għall-parteċipazzjoni tal-kapaċità li tinsab fi Stat Membru ieħor u għal użi ta' interkonnessjoni. Jistipula kif iċ-Ċentri Operattivi Reġjonali, it-TSOs nazzjonali, l-ENTSO tal-elettriku u r-regolaturi nazzjonali, permezz tal-ACER, se jkunu involuti fl-iżvilupp ta' parametri tekniċi għall-parteċipazzjoni ta' kapaċitajiet li jinsabu fi Stat Membru ieħor, kif ukoll ir-regoli operattivi għall-parteċipazzjoni tagħhom.

Il-Kapitolu V tar-Regolament propost jistabbilixxi l-kompiti u d-dmirijiet tal-ENTSO tal-Elettriku u l-kompiti ta' monitoraġġ tal-ACER f'dan ir-rigward, filwaqt li jagħti kjarifika dwar l-obbligu tiegħu li jaġixxi b'mod indipendenti u għall-ġid tal-Ewropa. Jiddefinixxi l-missjoni taċ-Ċentri Operattivi Reġjonali u jistipula kriterji u proċedura għad-definizzjoni ta' reġjuni ta' operazzjoni tas-sistemi koperti minn kull Ċentru Operattiv Reġjonali, kif ukoll il-funzjonijiet ta' koordinazzjoni li jwettqu dawn iċ-ċentri. Jistabbilixxi wkoll l-arranġamenti dwar ix-xogħol u l-akkordji organizzazzjonali, ir-rekwiżiti ta' konsultazzjoni, ir-rekwiżiti u l-

[25] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1222 tal-24 ta' Lulju 2015 li jistabbilixxi Linji Gwida dwar l-Allokazzjoni tal-Kapaċità u l-Ġestjoni tal-Konġestjoni ĠU L 197, 25.7.2015, p. 24.

proċeduri għall-adozzjoni ta' deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet u r-reviżjoni tagħhom, il-kompożizzjoni u r-responsabbiltajiet tal-bord maniġerjali u l-akkordji dwar ir-responsabbiltà taċ-Ċentri Operattivi Reġjonali. Il-kapitolu jinkludi wkoll regoli dwar il-konnessjoni ta' unitajiet ta' koġenerazzjoni, li qabel kienu inklużi fid-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-effiċjenza fl-enerġija. Ir-regoli dwar pjan ta' għaxar snin għall-iżvilupp tan-netwerk, dwar kumpens lil operaturi ta' sistemi ta' intertrażmissjoni, dwar l-iskambju ta' informazzjoni u dwar iċ-ċertifikazzjoni jibqgħu fil-biċċa l-kbira l-istess.

Il-Kapitolu VI tar-Regolament propost jistabbilixxi entità Ewropea għad-DSOs u jiddefinixxi proċedura kemm għat-twaqqif kif ukoll għall-kompiti tiegħu, inkluż fir-rigward tal-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati. Jistipula wkoll regoli dettaljati dwar il-kooperazzjoni bejn id-DSOs u t-TSOs fir-rigward tal-ippjanar u tal-operat tan-netwerks tagħhom.

Il-Kapitolu VII tar-Regolament propost jistabbilixxi setgħat u regoli diġà eżistenti li permezz tagħhom il-Kummissjoni tista' tadotta atti delegati fil-forma ta' kodiċijiet tan-netwerk jew linji gwida. Jipprevedi kjarifiki dwar in-natura ġuridika u l-adozzjoni ta' kodiċijiet tan-netwerk u ta' linji gwida, filwaqt li jwessa' l-kontenut possibbli tagħhom biex ikopri oqsma bħall-istrutturi tat-tariffi tad-distribuzzjoni; regoli dwar il-forniment ta' servizzi anċillari mhux tal-frekwenza; regoli dwar ir-rispons fin-naħa tad-domanda, dwar il-ħżin tal-enerġija u dwar it-tnaqqis tad-domanda; regoli dwar iċ-ċibersigurtà; regoli dwar iċ-Ċentri Operattivi Reġjonali; u t-tnaqqis tal-ġenerazzjoni u d-distribuzzjoni mill-ġdid tal-ġenerazzjoni u tad-domanda. Jissimplifika l-proċedura għall-elaborazzjoni ta' kodiċijiet tan-netwerks tal-elettriku u jagħti lir-regolaturi nazzjonali l-possibbiltà li jiddeċiedu fi ħdan l-ACER rigward kwistjonijiet li jikkonċernaw l-implimentazzjoni tal-kodiċijiet tan-netwerk u tal-linji gwida. Fih, l-entità Ewropea għad-DSOs u l-partijiet ikkonċernati l-oħra ġew inklużi aktar fil-qrib fil-proċess tal-iżvilupp ta' proposti għal kodiċijiet tan-netwerks tal-elettriku.

Il-Kapitolu VIII tar-Regolament propost jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet finali tar-Regolament propost. Jinkludi r-regoli diġà eżistenti għall-eżenzjoni ta' interkonnetturi ġodda tal-kurrent dirett minn ċerti rekwiżiti tad-Direttiva dwar l-Elettriku u tar-Regolament dwar l-Elettriku, filwaqt li jagħti kjarifika dwar il-proċedura għall-emendar sussegwenti tagħhom mill-NRAs.

L-Anness tar-Regolament propost jiddefinixxi b'mod aktar dettaljat il-funzjonijiet mogħtija liċ-Ċentri Operattivi Reġjonali maħluqa bir-Regolament.

- **Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (Tfassil mill-ġdid)**

B'mod ġenerali, ir-regoli dwar l-ACER ġew proposti biex jiġu adattati għall-"Approċċ Komuni" dwar l-aġenziji deċentralizzati tal-UE miftiehem bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-UE u l-Kummissjoni Ewropea (Approċċ Komuni)[26]. Madankollu, ikun ħafna aħjar għall-ACER li f'dan l-istadju jinżammu devjazzjonijiet limitati mill-"Approċċ Komuni".

Il-Kapitolu I tar-Regolament propost jiddeskrivi r-rwol, l-għanijiet u l-kompiti tal-ACER u t-tip ta' atti li tista' tadotta, filwaqt li jipprevedi regoli dwar il-konsultazzjonijiet u l-monitoraġġ. Il-lista tal-kompiti ġiet aġġornata biex tinkludi d-dmirijiet tal-ACER fil-qasam tas-sorveljanza tas-suq tal-operaturi u tal-infrastruttura transkonfinali li ġew attribwiti lill-ACER wara l-adozzjoni tar-Regolament.

[26] Ara d-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill tal-UE u tal-Kummissjoni Ewropea tad-19.7.2012 dwar l-aġenziji deċentralizzati.

Rigward l-adozzjoni ta' kodiċijiet tan-netwerk tal-elettriku, l-ACER qed tingħata aktar responsabbiltà b'rabta mal-elaborazzjoni u s-sottomissjoni tal-proposta finali għal kodiċi tan-netwerk lill-Kummissjoni, filwaqt li nżamm ir-rwol tal-ENTSO-E bħala espert tekniku. Il-proposta tinkludi wkoll pożizzjoni formali għar-rappreżentazzjoni tad-DSOs fil-livell tal-UE, b'mod partikolari fl-iżvilupp ta' proposti għal kodiċijiet tan-netwerk, b'konformità ma' żieda fir-responsabbiltajiet tagħhom. L-Aġenzija għandha s-setgħa li tiddeċiedi rigward it-termini, il-metodoloġiji u l-algoritmi għall-implimentazzjoni tal-kodiċijiet tan-netwerk u tal-linji gwida tal-elettriku.

Ġie introdott proċess reġjonali ta' teħid ta' deċiżjonijiet għal kompiti f'kuntest reġjonali li jikkonċernaw biss numru limitat ta' regolaturi nazzjonali. Fid-dawl ta' dan, id-Direttur għandu jagħti l-opinjoni tiegħu dwar jekk il-kwistjoni kkonċernata hijiex primarjament ta' rilevanza reġjonali. Jekk il-Bord ta' Regolaturi jaqbel li dan huwa l-każ, id-deċiżjoni kkonċernata għandha titħejja minn sottokumitat reġjonali tal-Bord ta' Regolaturi biex fl-aħħar jew tittieħed jew tiġi miċħuda mill-istess Bord ta' Regolaturi. F'każijiet oħra, il-Bord ta' Regolaturi jista' jieħu d-deċiżjoni mingħajr l-intervent ta' sottokumitat reġjonali.

Dan il-kapitolu jiddefinixxi wkoll għadd ta' kompiti ġodda għall-ACER b'rabta mal-koordinazzjoni ta' ċertu funzjonijiet relatati maċ-Ċentri Operattivi Reġjonali fi ħdan l-Aġenzija, b'rabta mas-superviżjoni ta' Operaturi Nominati tas-Suq tal-Elettriku u li huma relatati mal-approvazzjoni ta' metodi, kif ukoll proposta dwar l-adegwatezza tal-ġenerazzjoni u t-tħejjija għar-riskji.

Il-Kapitolu II tar-Regolament propost jinkludi regoli organizzazzjonali li jikkonċernaw lill-Bord Amministrattiv, lill-Bord ta' Regolaturi, lid-Direttur, lill-Bord tal-Appell u, bħala dispożizzjoni ġdida, regoli dwar il-gruppi ta' ħidma tal-Aġenzija. Filwaqt li jadatta diversi dispożizzjonijiet individwali għall-Approċċ Komuni dwar l-aġenziji deċentralizzati tal-UE jew għar-regoli l-ġodda tal-Kunsill rigward il-votazzjoni, ma jġib l-ebda bidla fil-karatteristiki prinċipali tal-istruttura eżistenti ta' governanza, b'mod partikolari f'dawk tal-Bord ta' Regolaturi.

Din id-devjazzjoni tal-ACER mill-Approċċ Komuni hija ġustifikata kif ġej:

L-għanijiet ewlenin tal-Politika Ewropea dwar l-Elettriku, tas-sigurtà tal-provvista, tal-affordabbiltà tal-elettriku u tad-dekarbonizzazzjoni jistgħu jintlaħqu bl-aktar mod kosteffikaċi permezz ta' suq Ewropew tal-elettriku integrat. Għaldaqstant, l-infrastruttura tat-trażmissjoni tal-elettriku qed issir dejjem aktar interkonnessa u qed isir kummerċ transkonfinali ta' volumi dejjem akbar ta' elettriku, filwaqt li l-kapaċitajiet ta' ġenerazzjoni qed jiġu kondiviżi fuq skala Ewropea u s-sistema ta' trażmissjoni qed titħaddem filwaqt li jitqiesu l-aspetti reġjonali u transkonfinali. Dawn il-pakketti leġiżlattivi qed ikomplu jsaħħu dawn ix-xejriet, li huma mistennija jirriżultaw f'elementi ta' effiċjenza għall-benefiċċju tal-konsumaturi Ewropej.

Il-ftuħ tas-settur għall-kompetizzjoni huwa prekondizzjoni għall-ħolqien ta' suq intern tal-elettriku. Bħal f'setturi oħra tal-ekonomija, il-ftuħ tas-suq tal-elettriku kien jeħtieġ regolamenti ġodda, b'mod partikolari fir-rigward tas-sistema ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni, kif ukoll sorveljanza regolatorja. Għal dan l-għan ġew stabbiliti awtoritajiet regolatorji indipendenti. Dawn l-entitajiet għad għandhom responsabbiltà partikolari fil-kuntest tas-sorveljanza tar-regoli nazzjonali u Ewropej applikabbli għas-settur tal-elettriku.

Madankollu, minħabba ż-żieda fil-kummerċ transkonfinali u l-operat tas-sistema li jqis il-kuntest reġjonali u Ewropew, l-NRAs kellhom jikkoordinaw l-azzjoni tagħhom dejjem aktar ma' NRAs minn Stati Membri oħra. L-ACER kienet iddisinjata bil-ħsieb li ssir pjattaforma għal din l-interazzjoni u ilha tissodisfa dan l-obbligu sa mill-ħolqien tagħha fl-2011. Il-korp fi ħdan l-Aġenzija fejn jitħejjew il-biċċa l-kbira tal-opinjonijiet, ir-rakkomandazzjonijiet u d-

deċiżjonijiet tal-Aġenzija, flimkien mal-persunal tal-ACER, huwa l-Bord ta' Regolaturi li fost il-membri tiegħu jinkludi rappreżentanti anzjani tal-NRAs u rappreżentant tal-Kummissjoni mingħajr dritt tal-vot. Fis-snin bikrin wara t-twaqqif tal-Aġenzija ntwera li l-Bord ta' Regolaturi rnexxielu jikkontribwixxi lejn it-twettiq tal-kompiti tal-Aġenzija b'mod effettiv.

Peress li l-biċċa l-kbira tas-swieq tal-enerġija huma regolati f'livell nazzjonali, fis-swieq tal-enerġija r-regolaturi nazzjonali jitqiesu bħala atturi bi rwol ewlieni. Ir-rwol prinċipali tal-ACER mhuwiex it-twettiq ta' kompetenzi regolatorji delegati tal-Kummissjoni, iżda l-koordinazzjoni tad-deċiżjonijiet regolatorji ta' regolaturi nazzjonali indipendenti. Din il-proposta leġiżlattiva ftit li xejn biddlet dan it-tqassim tar-rwoli. L-istruttura attwali toħloq bilanċ preċiż tas-setgħat bejn l-atturi differenti, filwaqt li tqis il-karatteristiki speċjali tas-suq intern tal-enerġija li qed jiżviluppa. Bidla fil-bilanċ f'dan l-istadju tista' twassal għar-riskju li l-implimentazzjoni tal-inizjattivi ta' politika fil-proposti leġiżlattivi tiġi perikolata, bir-riżultat li jinħolqu ostakli għall-integrazzjoni ulterjuri tas-suq tal-enerġija, li hija l-għan ewlieni ta' din il-proposta. Għalhekk jidher li għadu kmieni biex is-setgħat ta' teħid ta' deċiżjonijiet jiġu trasferiti lill-Bord Maniġerjali kif previst fl-Approċċ Komuni. Minflok, jidher li jkun aktar xieraq li kieku tinżamm l-istruttura attwali li tiżgura li r-regolaturi nazzjonali jaġixxu mingħajr ebda intervent dirett min-naħa tal-istituzzjonijiet tal-UE jew tal-Istati Membri fil-kwistjonijiet speċifiċi. Fl-istess ħin, il-ħidma ġenerali tar-regolaturi għadha soġġetta għall-approvazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-UE permezz ta' dokumenti ta' programmazzjoni u ta' dokumenti strateġiċi u baġitarji. L-istituzzjonijiet tal-UE huma involuti wkoll fi kwistjonijiet amministrattivi. Bħala konsegwenza ta' dan, ma ġiex propost li jsiru bidliet fl-istruttura u fl-operat tal-Bord ta' Regolaturi eżistenti.

Bl-istess mod, ma ġiex propost li l-kunċett tal-Bord Amministrattiv jiġi adattat għall-mudell tal-Bord Maniġerjali tal-Approċċ Komuni. Tul dawn l-aħħar snin intwera li l-kompożizzjoni attwali tal-Bord Amministrattiv tal-Aġenzija kienet partikolarment effettiva u effiċjenti. It-tħaddim tagħha huwa żgurat minn rappreżentanti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni.

Għalkemm f'dan l-istadju l-Kummissjoni ma tqisx li hu xieraq li l-istruttura ta' governanza tal-Aġenzija tiġi adattata bis-sħiħ għall-Approċċ Komuni, hija se tkompli twettaq il-monitoraġġ tagħha biex tiddetermina jekk id-devjazzjonijiet mill-Approċċ Komuni li ġew deskritti għadhomx ġustifikati. L-evalwazzjoni li jmiss, li se tinvolvi t-twettiq ta' valutazzjoni tal-għanijiet, tal-mandat u tal-kompiti tal-Aġenzija, mistennija ssir fl-2021 u se tiffoka b'mod partikolari fuq l-istruttura ta' governanza tal-Aġenzija.

Il-Kapitolu III tar-Regolament propost jinkludi dispożizzjonijiet finanzjarji. Qed jiġu proposti diversi dispożizzjonijiet individwali biex jiġu adattati għall-Approċċ Komuni dwar l-aġenziji deċentralizzati.

Il-Kapitolu IV tar-Regolament propost jaġġorna diversi dispożizzjonijiet individwali b'konformità mal-Approċċ Komuni u jinkludi dispożizzjonijiet dwar l-istaff u r-responsabbiltà li fil-biċċa l-kbira tagħhom ma sarulhom ebda bidliet.

🡻 713/2009 (adattat)

2016/0378 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jistabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (tfassil mill-ġdid)**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat ~~li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea~~ ⌦ dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ⌫ , u b'mod partikolar~~ment~~i l-Artikolu ~~95~~ ⌦ 194(2) ⌫ tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni ⌦ Ewropea ⌫,

⌦ Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali, ⌫

Wara li kkunsidraw l-~~O~~opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,

Wara li kkunsidraw l-~~O~~opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura ⌦ leġiżlattiva ordinarja ⌫,

Billi:

---

⇩ ġdid

(1) Ir-Regolament Nru 713/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE)[27] ġie emendat b'mod sostanzjali. Billi għandhom isiru aktar emendi, dak ir-Regolament għandu jitfassal mill-ġdid fl-interess taċ-ċarezza.

---

🡻 713/2009 premessa 1 (adattat)

~~Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Jannar 2007 intitolata "Politika dwar l-Enerġija għall-Ewropa" enfasizzat l-importanza li jiġi kkompletat is-suq intern tal-elettriku u tal-gass naturali. It-titjib tal-qafas regolatorju fil-livell Komunitarju ġie identifikat bħala miżura ewlenija sabiex jintlaħaq dan il-għan.~~

---

27 Ir-Regolament (KE) Nru 713/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Aġenzija għall-Koperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 1)

↓ 713/2009 premessa 2 (adattat)

~~Bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/796/KE[28] twaqqaf grupp konsultattiv indipendenti dwar l-elettriku u l-gass, imsejjaħ il-Grupp ta' Regolaturi Ewropej għall-Elettriku u l-Gass ("ERGEG") bil-għan li jiffaċilita l-konsultazzjoni, il-koordinazzjoni u l-koperazzjoni bejn il-korpi regolatorji tal-Istati Membri, u bejn dawk il-korpi u l-Kummissjoni, bil-ħsieb tat-tisħiħ tas-swieq interni tal-elettriku u tal-gass naturali. Dak il-grupp huwa magħmul minn rappreżentanti tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali stabbiliti taħt id-Direttiva 2003/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2003 rigward regoli komuni għas-suq intern tal-elettriku[29] u d-Direttiva 2003/55/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2003 rigward regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali[30].~~

---

↓ 713/2009 premessa 3 (adattat)

~~Il-ħidma li saret mill-ERGEG mindu ġie stabbilit ikkontribwiet b'mod pożittiv għas-suq intern tal-elettriku u l-gass naturali. Madankollu, hemm kunsens wiesa' fis-settur, u kif ġie propost mill-ERGEG innifsu, li l-koperazzjoni volontarja bejn l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali issa għandha sseħħ fi ħdan struttura Komunitarja b'kompetenzi ċari u bis-setgħa li tadotta deċiżjonijiet regolatorji individwali f'għadd ta' każijiet speċifiċi.~~

---

↓ 713/2009 premessa 4 (adattat)

~~Il-Kunsill Ewropew tat-8 u d-9 ta' Marzu 2007 stieden lill-Kummissjoni sabiex tipproponi miżuri rigward l-istabbiliment ta' mekkaniżmu indipendenti għall-koperazzjoni bejn ir-regolaturi nazzjonali.~~

---

⇩ ġdid

(2) Il-ħolqien tal-Aġenzija tejjeb b'mod evidenti l-koordinazzjoni bejn ir-regolaturi fir-rigward ta' kwistjonijiet transkonfinali. Minn meta ġiet stabbilita, l-Aġenzija ngħatat kompiti importanti ġodda b'rabta mal-monitoraġġ tas-swieq tal-operaturi b'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1227/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[31] u fil-qasam tal-infrastruttura transkonfinali tal-enerġija b'konformità mar-Regolament (UE) Nru 347/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[32].

---

28 ~~ĠU L 296, 14.11.2003, p. 34.~~
29 ~~ĠU L 176, 15.7.2003, p. 37.~~
30 ~~ĠU L 176, 15.7.2003, p. 57.~~
31 Ir-Regolament (UE) Nru 1227/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 25 ta' Ottubru 2011 dwar l-integrità u t-trasparenza tas-swieq tal-enerġija bl-ingrossa (ĠU L 326, 8.12.2011, p. 1).
32 Ir-Regolament (UE) Nru 347/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2013 dwar linji gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1364/2006/KE u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 713/2009, (KE) Nru 714/2009 u (KE) Nru 715/2009 (ĠU L 115, 25.4.2013, p. 39).

(3) Huwa mistenni li l-ħtieġa għal koordinazzjoni ta' azzjonijiet regolatorji nazzjonali se tkompli tiżdied fis-snin li ġejjin. Is-sistema tal-enerġija tal-Ewropa tinsab f'nofs l-aktar bidla profonda tagħha f'għexieren ta' snin. Integrazzjoni akbar tas-suq u l-bidla lejn produzzjoni aktar varjabbli tal-elettriku jeħtieġu aktar sforzi biex il-politiki nazzjonali tal-enerġija jiġu kkoordinati mal-ġirien u biex jintużaw l-opportunitajiet tal-kummerċ transkonfinali tal-elettriku.

(4) L-esperjenza fl-implimentazzjoni tar-regoli tas-suq intern uriet li azzjoni mhux koordinata f'livell nazzjonali tista' twassal għal problemi serji fis-suq, b'mod partikolari f'oqsma li huma interkonnessi mill-qrib fejn id-deċiżjonijiet tal-Istati Membri spiss ikollhom impatt tanġibbli fuq il-ġirien tagħhom. Biex jinkisbu l-effetti pożittivi tas-suq intern tal-elettriku għall-benesseri tal-konsumatur, tas-sigurtà tal-provvista u tad-dekarbonizzazzjoni, l-Istati Membri, u b'mod partikolari r-regolaturi nazzjonali indipendenti, għandhom jikkooperaw b'rabta mal-miżuri regolatorji li għandhom effett transkonfinali.

(5) Interventi nazzjonali mill-istat frammentati fis-swieq tal-enerġija jikkostitwixxu riskju dejjem akbar għall-funzjonament tajjeb tas-swieq transkonfinali tal-elettriku. Għalhekk, l-Aġenzija għandha tingħata rwol fl-iżvilupp ta' valutazzjoni Ewropea kkoordinata tal-adegwatezza tar-riżorsi, f'kooperazzjoni mill-qrib man-Netwerk Ewropew għall-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni tal-Elettriku ("l-ENTSO tal-Elettriku"), sabiex jiġu evitati l-problemi ta' valutazzjonijiet nazzjonali frammentati li jsegwu metodi differenti u mhux koordinati u li ma jikkunsidrawx biżżejjed is-sitwazzjoni f'pajjiżi ġirien. L-Aġenzija għandha wkoll tissorvelja l-parametri tekniċi żviluppati mill-ENTSO tal-Elettriku għal parteċipazzjoni effiċjenti tal-kapaċitajiet transkonfinali u ta' karatteristiki tekniċi oħra ta' mekkaniżmi ta' kapaċità.

(6) Is-sigurtà tal-provvista tal-elettriku teħtieġ approċċ ikkoordinat bħala tħejjija kontra kriżijiet mhux mistennija fil-provvista. Għalhekk l-Aġenzija għandha tikkoordina l-azzjonijiet nazzjonali relatati mat-tħejjija għar-riskji, b'konformità mar-[ir-Regolament dwar it-Tħejjija għar-Riskji kif propost minn COM(2016) 862].

(7) Minħabba l-interkonnessjoni mill-qrib tal-grilja elettrika tal-Unjoni u l-ħtieġa dejjem ikbar għal kooperazzjoni ma' pajjiżi ġirien biex tinżamm l-istabbiltà tal-grilja u biex jiġu integrati volumi kbar ta' enerġiji rinnovabbli, iċ-ċentri operattivi reġjonali se jaqdu rwol importanti fil-koordinazzjoni ta' operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni Għalhekk, fejn meħtieġ l-Aġenzija għandha tiggarantixxi s-sorveljanza regolatorja taċ-ċentri operattivi reġjonali.

(8) Billi partijiet kbar ta' ġenerazzjoni ġdida tal-elettriku se jiġu konnessi f'livell lokali, l-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni se jaqdu rwol importanti fit-tħaddim b'mod flessibbli u effiċjenti tas-sistema Ewropea tal-elettriku.

---

🡻 713/2009 premessa 5 (adattat)

(9) L-Istati Membri għandhom jikkooperaw mill-qrib, ~~fil-waqt~~ filwaqt li jeliminaw ix-xkiel li hemm għall-iskambju transkonfinali tal-elettriku u l-gass naturali bil-ħsieb li jintlaħqu l-objettivi tal-politika għall-enerġija ~~tal-Komunità~~ ⌦ tal-Unjoni ⌫. ~~Abbażi tal-valutazzjoni tal-impatt rigward ir-riżorsi meħtieġa għal entità ċentrali, ġie konkluż li entità ċentrali indipendenti toffri għadd ta' vantaġġi għall-perijodu fit-tul minn għażliet oħra.~~ Aġenzija ⌦ tal-Unjoni Ewropea ⌫ għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija ("l-Aġenżija") ~~għandha titwaqqaf~~ ⌦ ġiet imwaqqfa ⌫ ⌦ bir-

Regolament (KE) Nru 713/2009 ⌫ sabiex timla n-nuqqas regolatorju fil-livell ~~Komunitarju~~ ⌦ tal-Unjoni ⌫ u sabiex tikkontribwixxi għall-funzjonament effettiv tas-swieq interni tal-elettriku u tal-gass naturali. L-Aġenzija ~~għandha tippermetti wkoll~~ ⌦ tippermetti ⌫ lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali ~~li~~ jsaħħu l-kooperazzjoni tagħhom fuq livell ~~Komunitarju~~ ⌦ tal-Unjoni ⌫ u ~~li~~ jipparteċipaw, fuq bażi komuni, fl-eżerċizzju ta' funzjonijiet marbuta mal-~~Komunità~~⌦ Unjoni ⌫.

---

🡻 713/2009 premessa 6 (adattat)

(10) L-Aġenzija għandha tiżgura li l-funzjonijiet regolatorji nazzjonali li jitwettqu mill-awtoritajiet regolatorji skont [id-Direttiva dwar l-Elettriku mfassla mill-ġdid kif proposta minn COM(2016) 864/2] ~~id-Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2007 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-elettriku~~[33] u d-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ~~tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali~~[34] ikunu kkoordinati sewwa, u fejn meħtieġ, jiġu kkompletati fil-livell ~~Komunitarju~~ ⌦ tal-Unjoni ⌫. Għal dan il-għan, jeħtieġ li jiġu garantiti l-indipendenza tal-Aġenzija mill-produtturi tal-gass u tal-elettriku u l-operaturi tas-sistema tat-trażmissjoni u d-distribuzzjoni, kemm jekk pubbliċi jew privati, u l-konsumaturi u li tiġi żgurata l-konformità tal-attività tagħha mal-liġi ~~Komunitarja~~ ⌦ tal-Unjoni ⌫, il-kapaċità teknika u regolatorja tagħha, kif ukoll it-trasparenza tagħha, is-soġġettibilità tagħha għall-kontroll demokratiku u l-effiċjenza tagħha.

---

🡻 713/2009 premessa 7
⇨ġdid

(11) L-Aġenzija għandha tissorvelja l-ko<u>o</u>perazzjoni reġjonali bejn l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni fis-setturi tal-elettriku u tal-gass kif ukoll fl-eżekuzzjoni tal-kompiti ~~tan-Network Ewropew għall-Operaturi ta' Sistemi ta' Trażmissjoni tal-Elettriku ("l-~~ <u>tal-</u>ENTSO tal-Elettriku~~")~~, u n-Network Ewropew għall-Operaturi ta' Sistemi ta' Trasżmissjoni tal-Gass (<u>"</u>ENTSO tal-Gass<u>"</u>). ⇨ L-Aġenzija għandha wkoll tissorvelja l-implimentazzjoni tal-kompiti ta' entitajiet oħra b'funzjonijiet regolati li jkopru l-Unjoni kollha, bħalma huma l-iskambji tal-enerġija. ⇦ L-involviment tal-Aġenzija huwa essenzjali sabiex ~~t~~jiġi żgurat~~a~~ li l-ko<u>o</u>perazzjoni bejn l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni ⇨ u l-operat ta' entitajiet oħra b'funzjonijiet fl-Unjoni kollha ⇦ tipproċedi b'mod effiċjenti u trasparenti għall-benefiċċju tas-suq intern tal-elettriku u l-gass naturali.

---

🡻 713/2009 premessa 8

(12) L-Aġenzija għandha timmonitorja, b'ko<u>o</u>perazzjoni mal-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-awtoritajiet nazzjonali relevanti, is-swieq interni tal-elettriku u l-gass naturali u tinforma fejn xieraq lill-Parlament Ewropew, lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet nazzjonali dwar ir-riżultati li jinkisbu. Ix-xogħol ta' monitoraġġ tal-Aġenzija

---

33 ~~Ara paġna 55 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.~~
34 ~~Ara paġna 94 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.~~

m'għandux jirrepeti jew ifixkel monitoraġġ mill-Kummissjoni jew minn awtoritajiet nazzjonali, b'mod partikulari l-awtoritajiet għall-kompetizzjoni nazzjonali.

---

🡻 713/2009 premessa 10 (adattat)
⇨ġdid

(13) ~~Huwa xieraq li jiġi pprovdut~~ ⌦ L-Aġenzija tipprovdi ⌫ qafas integrat li ~~fih~~ ⌦ jippermetti ⌫ ~~l~~lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali ~~jkunu jistgħu~~ jipparteċipaw u jikkooperaw. Dak il-qafas ~~għandu~~ jiffaċilita l-applikazzjoni uniformi tal-leġiżlazzjoni dwar is-suq intern tal-elettriku u tal-gass naturali madwar ~~il-Komunità~~ ⌦ l-Unjoni ⌫ kollha. Fir-rigward tas-sitwazzjonijiet li jikkonċernaw aktar minn Stat Membru wieħed, l-Aġenzija ~~għandha tingħata~~ ⌦ ngħatat ⌫ is-setgħa li tadotta deċiżjonijiet individwali. Dik is-setgħa għandha, taħt ~~ċerti~~ kondizzjonijiet ⇨ speċifikati b'mod ċar ⇦, tkopri kwistjonijiet tekniċi ⇨ u regolatorji ⇦ ⇨ li jeħtieġu koordinazzjoni reġjonali ⇦ ⇨ b'mod partikolari b'rabta mal-implimentazzjoni ta' kodiċijiet tan-netwerk u linji gwida, il-kooperazzjoni fi ħdan ċentri operattivi reġjonali ⇦, ~~ir-reġim regolatorju~~ ⇨ id-deċiżjonijiet regolatorji meħtieġa għas-sorveljanza b'mod effettiv tal-integrità u t-trasparenza tas-suq tal-operaturi, id-deċiżjonijiet li jikkonċernaw ⇦ ~~għall-l~~-infrastruttura tal-elettriku u tal-gass naturali li tikkonnettja jew li tista' tikkonnettja tal-anqas żewġ Stati Membri, u, bħala l-aħħar rimedju, eżenzjonijiet mir-regoli tas-suq intern għal interkonnetturi ġodda tal-elettriku u għall-infrastrutturi ġodda tal-gass li jinsabu f'aktar minn Stat Membru wieħed.

---

🡻 713/2009 premessa 9 (adattat)
⇨ġdid

(14) L-Aġenzija għandha rwol importanti fl-iżvilupp ta' Linji Gwida ta' qafas li mhumiex vinkolanti min-natura tagħhom ("linji gwida ta' qafas"). ~~u magħhom għandhom ikunu konformi~~ Il~~l~~-kodiċijiet tan-network. ⌦ għandhom ⌫ ikunu konformi ⌦ ma' dawk il-linji gwida ⌫. Huwa wkoll meqjus adegwat u konsistenti mal-fini tagħha, li l-Aġenzija jkollha rwol fir-reviżjoni ta' ⇨ abbozzi ta' ⇦ kodiċijiet tan-network ~~(kemm meta dawn jinħolqu kif ukoll meta jiġu modifikati)~~ sabiex tiġi żgurata l-konformità tagħhom mal-linji gwida ta' qafas ⇨ u tipprevedi l-grad meħtieġ ta' armonizzazzjoni ⇦, qabel ma ~~tkun tista' tirrakkomandahom~~ ⌦ tippreżentahom ⌫lill-Kummissjoni għall-adozzjoni.

---

⇩ ġdid

(15) Bl-adozzjoni ta' sett ta' linji gwida u kodiċijiet tan-netwerk li jipprevedu implimentazzjoni gradwali u raffinar ulterjuri tar-regoli komuni reġjonali u għall-Unjoni kollha, ir-rwol tal-Aġenzija fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-kodiċijiet tan-netwerk u tal-linji gwida żdied. Il-monitoraġġ effettiv ta' linji gwida u kodiċijiet tan-netwerk huwa funzjoni ewlenija tal-Aġenzija, u għandu funzjoni kruċjali għall-implimentazzjoni tar-regoli tas-suq intern.

(16) Mill-esperjenza bl-implimentazzjoni tal-kodiċijiet tan-netwerk u l-linji gwida jidher li jkun utli li ssir simplifikazzjoni tal-proċedura għall-approvazzjoni regolatorja ta' termini u kundizzjonijiet jew ta' metodoloġiji reġjonali jew li jkopru l-Unjoni kollha li

għandhom jiġu żviluppati skont il-linji gwida u l-kodiċijiet tan-netwerk billi jiġu ppreżentati direttament lill-Aġenzija sabiex ir-regolaturi nazzjonali, rappreżentati fil-Bord tar-Regolaturi, ikunu jistgħu jiddeċiedu dwarhom.

(17) Billi l-armonizzazzjoni gradwali tas-swieq tal-enerġija tal-Unjoni tinvolvi s-sejba ta' soluzzjonijiet reġjonali fuq bażi regolari bħala pass temporanju, huwa xieraq li tiġi riflessa d-dimensjoni reġjonali tas-suq intern u li jiġu previsti mekkaniżmi ta' governanza xierqa. Ir-regolaturi responsabbli għal approvazzjonijiet reġjonali koordinati għandhom ikunu jistgħu jħejju deċiżjonijiet tal-Bord tar-Regolaturi fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' rilevanza reġjonali f'sottokumitat reġjonali tal-Bord tar-Regolaturi, sakemm dawk il-kwistjonijiet ma jkunux ta' importanza ġenerali għall-Unjoni.

---

| ↓ 713/2009 premessa 11 (adattat) |
|---|

(18) Ladarba l-Aġenzija għandha kompitu ta' superviżjoni tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, għandu jkollha rwol ta' konsulenza mal-Kummissjoni, istituzzjonijiet oħra tal-~~Komunità~~ ⌦ Unjoni ⌫ u awtoritajiet regolatorji nazzjonali dwar il-kwistjonijiet li jirrigwardaw ir-raġunijiet li għaliha twaqqfet. Din għandha tkun meħtieġa wkoll tinforma lill-Kummissjoni meta ssib li l-ko<u>o</u>perazzjoni bejn l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni ma tipproduċix ir-riżultati meħtieġa jew meta awtorità regolatorja nazzjonali li d-deċiżjoni tagħha tmur kontra l-Linji Gwida ma tikkonformax mal-opinjoni, ir-rakkomandazzjoni jew id-deċiżjoni tal-Aġenzija adegwatament.

---

| ↓ 713/2009 premessa 12 |
|---|

(19) L-Aġenzija għandha wkoll tkun tista' tagħmel rakkomandazzjonijiet biex tgħin lill-awtoritajiet regolatorji u l-atturi fis-suq jaqsmu bejniethom prassi tajba.

---

| ↓ 713/2009 premessa 13 |
|---|

(20) L-Aġenzija għandha, meta jkun xieraq, tikkonsulta lill-partijiet interessati u tipprovdilhom okkażjoni raġonevoli biex jikkummentaw dwar il-miżuri proposti, bħalma huwa l-abbozz tal-kodiċijiet u r-regoli tan-networks.

---

| ↓ 713/2009 premessa 14 (adattat) |
|---|

(21) L-Aġenzija għandha tikkontribwixxi fl-implimentazzjoni tal-linji gwida għan-networks tal-enerġija trans-Ewropej kif stipulat <u>fir-Regolament (UE) Nru 347/2013</u>

~~tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill~~[35] ~~fid-Deċiżjoni Nru 1364/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 li jagħtu linji gwida għan-networks tal-enerġija trans-Ewropej~~[36], b'mod partikulari meta tagħti l-opinjoni tagħha dwar il-pjanijiet ta' żvilupp tan-network għal għaxar snin għall-~~Komunità~~⌦ Unjoni ⌫ kollha li ma jorbtux (pjanijiet għall-iżvilupp tan-network għall-Komunita kollha) skont l-Artikolu 4 ~~6~~(3) ta' dan ir-Regolament.

---

| ➔ 713/2009 premessa 15 |
|---|

(22) L-Aġenzija għandha tikkontribwixxi għall-isforzi sabiex tissaħħaħ is-sigurtà tal-enerġija.

---

| ➔ 713/2009 premessa 16<br>⇨ ġdid |
|---|

(23) ⇨ Sabiex jiġi żgurat li l-qafas tal-Aġenzija huwa effiċjenti u koerenti ma' aġenziji deċentralizzati oħra, ir-regoli li jirregolaw l-Aġenzija għandhom ikunu allinjati mal-Approċċ Komuni maqbul bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-UE u l-Kummissjoni Ewropea rigward l-aġenziji deċentralizzati[37]. Madankollu, safejn meħtieġ, ⇦ ~~L~~-l-istruttura tal-Aġenzija għandha tiġi adattata sabiex tissodisfa l-ħtiġijiet speċifiċi tar-regolamentazzjoni tal-enerġija. B'mod partikolari, l-irwol speċifiku tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jeħtieġ li jitqies bis-sħiħ u l-indipendenza tagħhom jeħtieġ li tkun garantita.

---

| ⇩ ġdid |
|---|

(24) Bidliet addizzjonali f'dan ir-Regolament jistgħu jiġu previsti fil-futur bl-għan li jinġieb konformi bis-sħiħ mal-Approċċ Komuni dwar l-aġenziji deċentralizzati. Fuq il-bażi tal-ħtiġijiet attwali tar-regolamentazzjoni tal-enerġija, jenħtieġ li jkun hemm devjazzjonijiet mill-Approċċ Komuni. Għalhekk, din il-proposta ma tippreġudikax emendi oħrajn għar-Regolament tat-Twaqqif tal-Aġenzija, li l-Kummissjoni jaf tkun trid tipproponi wara evalwazzjoni ulterjuri, kif stabbilit f'dan l-Att jew fuq inizjattiva tagħha stess.

---

35 ~~Ir-Regolament (UE) Nru 347/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2013 dwar linji gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1364/2006/KE u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 713/2009, (KE) Nru 714/2009 u (KE) Nru 715/2009 (ĠU L 115, 25.4.2013, p. 39).~~

36 ~~ĠU L 262, 22.9.2006, p. 1.~~

37 Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-UE u l-Kummissjoni Ewropea dwar l-aġenziji deċentralizzati, 19.7.2012.

🡻 713/2009 premessa 17

(25) Il-Bord tal-Amministrazzjoni għandu jkollu s-setgħat meħtieġa sabiex jistabbilixxi l-baġit, jivverifika l-implimentazzjoni tiegħu, ifassal regoli interni, jadotta regolamenti finanzjarji u jaħtar Direttur. Għandha tintuża sistema ta' rotazzjoni għat-tiġdid tal-membri tal-Bord tal-Amministrazzjoni li jinħatru mill-Kunsill sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni bbilanċjata tal-Istati Membri matul iż-żmien. Il-Bord ta' Amministrazzjoni għandu jaġixxi b'mod indipendenti u oġġettiv fl-interess pubbliku u m'għandux ifittex jew isegwi istruzzjonijiet politiċi.

---

🡻 713/2009 premessa 18 (adattat)
⇨ ġdid

(26) L-Aġenzija għandu jkollha s-setgħat meħtieġa biex twettaq il-funzjonijiet regolatorji tagħha b'mod effiċjenti, trasparenti, raġunat u fuq kollox indipendenti. L-indipendenza tal-Aġenzija mill-produtturi tal-elettriku u l-gass u l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni u distribuzzjoni mhux biss huwa prinċipju ewlieni ta' governanza tajba, iżda wkoll kundizzjoni fundamentali biex tiġi żgurata l-fiduċja fis-suq. Mingħajr preġudizzju għall-membri tiegħu li jaġixxu f'isem l-awtoritajiet nazzjonali rispettivi tagħhom, il-Bord tar-Regolaturi għandu għalhekk jaġixxi indipendentement minn kull interess tas-suq, jevita konflitti ta' interess u m'għandux ifittex jew isegwi istruzzjonijiet jew jaċċetta rakkomandazzjonijiet minn gvern ta' xi Stat Membru, ⇨ minn istituzzjonijiet tal-Unjoni ⇦ ~~mill-Kummissjoni~~ jew minn entità ⇨ jew persuna ⇦ pubblika jew privata oħra. Id-deċiżjonijiet tal-Bord tar-Regolaturi għandhom, fl-istess ħin, jikkonformaw mal-liġi ~~Komunitarja~~ ⌦ tal-Unjoni ⌫ li tirrigwarda l-enerġija, bħas-suq intern tal-enerġija, l-ambjent u l-kompetizzjoni. lI-Bord tar-Regolaturi għandu jirrapporta l-opinjonijiet, ir-rakkomandazzjonijiet u d-deċiżjonijiet tiegħu lill-istituzzjonijiet ~~tal-Komunità~~⌦ tal-Unjoni ⌫.

---

🡻 713/2009 premessa 19 (adattat)
⇨ġdid

(27) Fejn l-Aġenzija jkollha s-setgħa sabiex tieħu deċiżjonijiet, għal finijiet ta' ekonomija proċedurali, il-partijiet interessati għandhom jingħataw id-dritt ta' appell lil Bord tal-Appell, li għandu jkun parti mill-Aġenzija, iżda li jkun indipendenti mill-istruttura amministrattiva u regolatorja tagħha. ⇨ Sabiex jiġu garantiti l-funzjonament u l-indipendenza sħiħa tiegħu, il-Bord tal-Appell għandu jkollha linja baġitarja separata fil-baġit tal-Aġenzija. ⇦ Fl-interess tal-kontinwità, il-ħatra jew it-tiġdid tal-membri tal-Bord tal-Appell għandha tippermetti li tkun tista' ssir sostituzzjoni parzjali tal-membri ta'dak il-Bord tal-Appell. Id-deċiżjoni jiet tal-Bord tal-Appell ~~għandha~~ ⌦ jistgħu ⌫ ~~t~~ j kun u suġġett~~a~~ i għal appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-⌦ Unjoni Ewropea ⌫~~Komunitajiet Ewropej~~.

⇩ ġdid

(28) L-Aġenzija għandha teżerċita s-setgħat tagħha ta' teħid ta' deċiżjonijiet f'konformità mal-prinċipji ta' teħid ta' deċiżjonijiet ġusti, trasparenti u raġonevoli. Ir-regoli proċedurali kollha tal-Aġenzija għandhom jiġu stabbiliti fir-regoli ta' proċeduri tagħha.

---

🡻 713/2009 premessa 20 (adattat)
⇨ġdid

(29) L-Aġenzija għandha tkun iffinanzjata prinċipalment mill-baġit ġenerali tal-Unjoni ~~Ewropea~~, minn tariffi u minn kontributi volontarji. B'mod partikolari, ir-riżorsi li attwalment joffru l-awtoritajiet regolatorji għall-kooperazzjoni tagħhom fil-livell ~~Komunitarju~~ ⌦ tal-Unjoni ⌫ għandhom jibqgħu disponibbli għall-Aġenzija. Il-proċedura baġitarja ~~Komunitarja~~ ⌦ tal-Unjoni ⌫ għandha tibqa' applikabbli sakemm tikkonċerna kwalunkwe sussidju li għandu jitħallas mill-baġit ġenerali tal-Unjoni ~~Ewropea~~. Barra minn hekk, l-ivverifikar tal-kontijiet għandu jsir ⇨ minn awditur estern indipendenti ⇦ ~~mill-Qorti tal-Awdituri~~ konformement mal-Artikolu ~~91~~ ⌦ 107 ⌫ tar- ⌦ Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013[38] ⌫ ~~tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej~~[39].

---

🡻 713/2009 premessa 21 (adattat)

(30) ~~Wara li tkun ġiet stabbilita l-Aġenzija,~~ ~~i~~Il-baġit ~~tagħha~~ ⌦ tal-Aġenzija ⌫ għandu jiġi evalwat mill-awtorità baġitarja fuq bażi kontinwa, b'referenza għall-ammont ta' xogħol tal-Aġenzija u l-prestazzjoni tagħha. L-awtorità baġitarja għandha tiżgura li jintlaħqu l-aħjar standards ta' effiċjenza.

---

🡻 713/2009 premessa 22 (adattat)

(31) L-Aġenzija għandu jkollha persunal ta' professjonalità għolja. B'mod partikolari, għandha tgawdi mill-kompetenza u l-esperjenza ta' persunal issekondat mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri. Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej ("ir-Regolamenti tal-

38 Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42).

39 ~~ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.~~

Persunal") u l-Kondizzjonijiet tal-impjieg ta' impjegati oħra tal-Komunitajiet Ewropej ("il-Kondizzjonijiet tal-impjieg"), stabbiliti fir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68[40] u r-regoli adottati b'mod konġunt mill-istituzzjonijiet tal-~~Komunità Ewropea~~ ⌦ Unjoni ⌫ għall-iskop tal-applikazzjoni ta' dawk ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-persunal tal-Aġenzija. Il-Bord tal-Amministrazzjoni, bi ftehim mal-Kummissjoni, għandu jadotta l-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni.

---

⇩ ġdid

(32) Il-ħidma regolatorja tad-Direttur u tal-Bord tar-Regolaturi skont dan ir-Regolament tista' tiġi appoġġata minn gruppi ta' ħidma.

---

🡻 713/2009 premessa 23 (adattat)

(33) L-Aġenzija għandha tapplika r-regoli ġenerali rigward l-aċċess pubbliku għad-dokumenti miżmumin mill-korpi ~~Komunitarji~~ ⌦ tal-Unjoni ⌫. Il-Bord tal-Amministrazzjoni għandu jistabbilixxi l-miżuri prattiċi sabiex titħares id-data kummerċjalment sensittiva u d-data personali.

---

⇩ ġdid

(34) Permezz tal-kooperazzjoni bejn ir-regolaturi nazzjonali fi ħdan l-Aġenzija, jidher b'mod evidenti li d-deċiżjonijiet ta' maġġornaza huma prerekwiżit ewlieni għall-ksib ta' progress fi kwistjonijiet li jikkonċernaw is-suq intern tal-enerġija u li għandhom effetti ekonomiċi sinifikanti f'diversi Stati Membri. Għalhekk, ir-regolaturi nazzjonali għandhom jivvutaw b'maġġoranza sempliċi fil-Bord tar-Regolaturi.

---

🡻 713/2009 premessa 24

~~L-Aġenzija għandha tinżamm responabbli vis à vis l-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni, skont kif ikun xieraq,~~

---

🡻 713/2009 premessa 25 (adattat)

(35) Il-pajjiżi li mhumiex membri tal-~~Komunità Ewropea~~ ⌦ Unjoni ⌫ għandhom ikunu jistgħu jipparteċipaw fil-ħidma tal-Aġenzija b'konformità ma' ftehimiet xierqa li għandhom jiġu konklużi mill-~~Komunità~~⌦ Unjoni ⌫.

---

[40] Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 tad-29 ta' Frar 1968 li jistabbilixxi r-Regolamenti tal-Persunal tal-uffiċjali u l-kondizzjonijiet ta' impjieg ta' uffiċjali oħra tal-Komunitajiet Ewropej u li jistabbilixxi miżuri temporanji applikabbli għall-Uffiċjali tal-Kummissjoni (ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1).

🡻 713/2009 premessa 26

~~Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati konformement mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni[41].~~

---

🡻 713/2009 premessa 27

~~B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħat sabiex tadotta l-Linji Gwida meħtieġa f'sitwazzjonijiet li fihom l-Aġenzija ssir kompetenti sabiex tiddeċiedi dwar it-termini u l-kondizzjonijiet għall-aċċess u s-sigurtà operattiva tal-infrastruttura transkonfinali. Billi dawn il-miżuri huma ta' ambitu ġenerali u huma maħsuba sabiex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, billi jissupplimentawh b'elementi ġodda mhux essenzjali, dawn għandom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.~~

---

🡻 713/2009 premessa 28 (adattat)

(36) ~~Il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sa mhux aktar tard minn tliet snin wara li l-ewwel direttur tal-aġenzija jkun beda/bdiet d-dmirijiet tiegħu/tagħha, u kull erba' snin wara dan, rapport ta' evalwazzjoni dwar il-kompiti speċifiċi tal-Aġenzija u r-riżultati miksuba, flimkien ma' proposti xierqa. F'dan ir-rapport il-Kummissjoni għandha tagħmel suġġerimenti dwar kompiti addizzjonali għall-Aġenzija.~~

---

🡻 713/2009 premessa 29 (adattat)

(37) Ladarba l-objettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-parteċipazzjoni u l-kooperazzjoni tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali fil-livell ~~Komunitarju~~ ⌦ tal-Unjoni ⌫, ma ~~jistax jinkiseb~~ jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u għalhekk ~~jista' jinkiseb~~ jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell ~~Komunitarju~~ ⌦ tal-Unjoni ⌫, ~~il-Komunità~~ ⌦ l-Unjoni ⌫ tista' tadotta miżuri, b'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat ⌦ dwar l-Unjoni Ewropea ⌫. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi.

[41] ~~ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.~~

⇩ ġdid

(38) L-Istat Membru ospitanti tal-Aġenzija għandu jipprovdi l-aħjar kundizzjonijiet possibbli biex ikun żgurat it-tħaddim bla xkiel u effiċjenti tal-Aġenzija, inklużi edukazzjoni multilingwi orjentata lejn l-Ewropa u konnessjonijiet ta' trasport xierqa.

🡻 713/2009 (adattat)
⇨ ġdid

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

# KAPITOLU I

# STABBILIMENT U STATUS LEGALI ⌦ GĦANIJIET U KOMPITI ⌫

*Artikolu 1*

**Suġġett ⌦ Stabbiliment u għanijiet ⌫**

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi Aġenzija ⌦ tal-Unjoni Ewropea ⌫għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija ("l-Aġenzija").

2. L-għan tal-Aġenzija għandu jkun li tgħin lill-awtoritajiet regolatorji msemmija fl-Artikolu 57 35 tad-[id-Direttiva dwar l-Elettriku mfassla mill-ġdid kif proposta minn COM(2016) 864/2] Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u li temenda d-Direttiva 2003/54/KE[42] u l-Artikolu 39 tad-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 2003/55/KE[43] fl-eżerċizzju fil-livell ⌦ tal-Unjoni ⌫ Komunitarju tal-kompiti regolatorji mwettqa fl-Istati Membri u, fejn ikun meħtieġ, li tikkoordina l-azzjonijiet tagħhom.

3. Sa meta titlesta s-sede tal-Aġenzija, din għandha tiġi ospitata fil-bini tal-Kummissjoni.

*Artikolu 42*

**Tip ta' ħidma tal-Aġenzija**

L-Aġenzija għandha:

42 Ara paġna 55 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.
43 Ara paġna 94 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

(a) tagħti opinjonijiet u tagħmel rakkomandazzjonijiet indirizzati lil operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni, ⇨ lil ċentri operattivi reġjonali u lil operaturi nominati tas-suq tal-elettriku ⇦ ;

(b) tagħti opinjonijiet u tagħmel rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-awtoritajiet regolatorji;

(c) toħroġ opinjonijiet u rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, jew lill-Kummissjoni;

(d) tieħu d-deċiżjonijiet individwali f'każijiet speċifiċi kif jissemma fl-Artikoli 6, ~~7,~~ 8, u 11 ~~9~~ ⌦ ta' dan ir-Regolament ⌫,

(e) tissottometti lill-Kummissjoni linji gwida li fin-natura tagħhom ma jkunux vinkolanti (minn hawn 'il quddiem imsejħa "linji gwida ta' qafas" skont l-Artikolu 55~~6~~ tar-[ir-Regolament dwar l-Elettriku mfassal mill-ġdid kif propost minn COM(2016) 861/2][44] ~~Regolament (KE) Nru 861/2 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-kondizzjonijiet għall-aċċess għan-networks għall-iskambji transkonfinali tal-elettriku~~[45]] u l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[46] ~~tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-kundizzjonijiet għall-aċċess għan-networks ta' trażmissjoni tal-gass naturali~~.

## ~~KAPITOLU II~~

## ~~KOMPITI~~

*Artikolu ~~5~~3*

**~~Hidmiet~~Kompiti ġenerali**

L-Aġenzija tista', fuq talba tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill, tal-Kummissjoni jew fuq l-inizjattiva tagħha stess, tipprovdi opinjoni jew rakkomandazzjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe kwistjoni relatata mal-iskop li ġiet stabbilita għalih.

*Artikolu ~~6~~4*

**Kompiti ⌦ tal-Aġenzija ⌫ fir-rigward tal-kooperazzjoni tal-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni**

1. L-Aġenzija għandha tagħti opinjoni lill-Kummissjoni dwar l-abbozz ta' statuti, il-lista ta' membri u l-abbozz tar-regoli ta' proċedura tal-ENTSO tal-Elettriku b'konformità mal-Artikoli~~u~~ 26~~5~~(2) tar-[OP: ir-Regolament dwar l-Elettriku mfassal mill-ġdid kif propost minn COM(2016) 861/2] u ~~dawk~~ l-Artikoli tal-ENTSO tal-Gass b'konformità mal-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 715/2009.

[44] ~~Ara paġna 15 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.~~

[45] ~~Ara paġna 15 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.~~

[46] Ir-Regolament (KE) 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-kondizzjonijiet għall-aċċess għan-networks ta' trażmissjoni tal-gass naturali u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1775/2005 (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 36).

(fff) rappreżentant tal-Kummissjoni li ma jkollux dritt tal-vot.

Rappreżentant wieħed għal kull Stat Membru biss mill-awtorità regolatorja nazzjonali jista' jidħol fil-Bord tar-Regolaturi.

Kull awtorità regolatorja nazzjonali għandha tkun responsabbli għan-nomina ta' ~~supplent~~ ⌦ membru supplenti ⌫ minn fost il-persunal kurrenti tal-awtorità regolatorja nazzjonali.

2. Il-Bord tar-Regolaturi għandu jeleġġi President u Viċi President mill-membri tiegħu. Il-Viċi President għandu jieħu post il-President jekk dan ma jkunx/ma tkunx f'qagħda li jwettaq il-kompiti tiegħu. Il-mandat tal-President u tal-Viċi President għandu jkun ta' sentejn u nofs, u jista' jiġġedded. Madankollu, fi kwalunkwe każ, il-

mandat tal-President u dak tal-Viċi President għandhom jiskadu malli ma jibqgħux membri tal-Bord tar-Regolaturi.

*Artikolu 23*

**⌦ Funzjonijiet tal-Bord tar-Regolaturi ⌫**

1. ~~3.~~ Il-Bord tar-Regolaturi ⇨ u s-sottokumitati tiegħu skont l-Artikolu 7⇦ ~~għandu jaġixxi~~ għandhom jaġixxu b'maġġoranza ~~ta' żewġ terzi~~ ⇨ sempliċi ⇦ tal-membri preżenti tiegħu ⇨ b'vot għal kull membru, ħlief għall-opinjoni skont il-paragrafu 5(b) ta' dan l-Artikolu li għandha titwassal fuq il-bażi ta' maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri preżenti ⇦.

2. ~~4.~~ Il-Bord tar-Regolaturi għandu jadotta u jippubblika r-regoli ta' proċeduri tiegħu li għandhom jistabbilixxu b'aktar dettalji l-arranġamenti li jirregolaw il-votazzjoni, b'mod partikolari l-kondizzjonijiet li permezz tagħhom membru wieħed jista' jaġixxi f'isem ieħor u anki, fejn ikun xieraq, ir-regoli li jirregolaw il-kworums. Ir-regoli ta' proċedura jistgħu jipprevedu metodi ta' ħidma għall-konsiderazzjoni ta' kwistjonijiet li jqumu fil-kuntest ta' inizjattivi ta' kooperazzjoni reġjonali.

3. ~~5.~~ Fit-twettiq tal-kompiti mogħtija lilu b'dan ir-Regolament, u mingħajr preġudizzju għall-membri tiegħu li jaġixxu f'isem l-awtorità regolatorja rispettiva tagħhom, il-Bord tar-Regolaturi għandu jaġixxi b'mod indipendenti u m'għandu jfittex jew jaċċetta istruzzjonijiet minn ebda gvern ta' xi Stat Membru, mill-Kummissjoni, jew minn xi entità pubblika jew privata oħra.

4. ~~6.~~ Is-servizzi segretarjali tal-Bord tar-Regolaturi għandhom jiġu pprovduti mill-Aġenzija.

~~*Artikolu 15*~~

~~**Kompiti tal-Bord tar-Regolaturi**~~

5. ~~1.~~ Il-Bord tar-Regolaturi għandu:

(ggg) jipprovdi opinjoni lid-Direttur dwar l-opinjonijiet, ir-rakkomandazzjonijiet u d-deċiżjonijiet imsemmija fl-Artikoli 3 sa 11 u 14,~~5, 6, 7, 8 u 9~~ li huma kkunsidrati għall-adozzjoni. Barra minn hekk, il-Bord tar-Regolaturi, fl-ambitu tal-kompetenza tiegħu, għandu jservi ta' gwida lid-Direttur fit-twettiq tal-kompiti tiegħu, ⇨bl-eċċezzjoni ta' kompiti skont ir-Regolament Nru 1227/2011[49].⇦.

(hhh) ~~2. Il-Bord tar-Regolaturi għandu~~ jagħti opinjoni lill-Bord tal-Amministrazzjoni dwar il-kandidat li jkun se jinħatar bħala Direttur konformement mal-Artikolu 20~~13~~(1)(a) u l-Artikolu 24~~16~~(2). ~~Il-Bord tar-Regolaturi għandu jasal għal dik id-deċiżjoni abbażi ta' maġġoranza ta' tliet kwarti tal-membri tiegħu.~~

(iii) ~~3.~~ ~~B~~b'konformità mal-Artikolu 20(1)(e)~~13(5)~~ u l-Artikolu 25(f)~~17(6)~~ u mal-⌦ abbozz proviżorju tal-estimi ⌫~~abbozz preliminari tal-baġit~~ stabbilit skont l-Artikolu 33(1) sa 33(3)~~23~~(1),~~ il-Bord tar-Regolaturi għandu~~ japprova l-programm ta'

[49] Ir-Regolament (UE) Nru 1227/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-integrità u t-trasparenza tas-swieq tal-enerġija bl-ingrossa, ĠU L 326, 8.12.2011, p. 1–16;

ħidma għall-Aġenzija għas-sena li ġejja u qabel l-1 ta' Settembru ta' kull sena, jippreżentah għall-adozzjoni mill-Bord tal-Amministrazzjoni.

(jjj) 4. Il-Bord tar-Regolaturi għandu japprova t-taqsima indipendenti tar-rapport annwali rigward l-attivitajiet regolatorji, skont l-Artikolu 20(1)(k)13(12) u fl-l-Artikolu 2517(hg).

6. 5. Il-Parlament Ewropew jista' jistieden, filwaqt li jirrispetta l-indipendenza tiegħu/, liċ-chairman tal-Bord tar-Regolaturi, jew lid-deputat tiegħu/tagħha, biex jagħmel stqarrija quddiem il-kumitat kompetenti tiegħu u biex iwieġeb il-mistoqsijiet li jkunu saru mill-membri ta' dan il-kumitat.

*Artikolu 24 16*

**Id-Direttur**

1. L-Aġenzija għandha titmexxa mid-Direttur tagħha, li għandu jaġixxi skont il-gwida msemmija fit-tieni sentenza tal-fl-Artikolu 23(5)(a) 15(1) u, fejn previst f'dan ir-Regolament, l-opinjonijiet tal-Bord tar-Regolaturi. Mingħajr preġudizzju għall-irwoli rispettivi tal-Bord tal-Amministrazzjoni u tal-Bord tar-Regolaturi fir-rigward tal-kompiti tad-Direttur, id-Direttur m'għandu jfittex jew jaċċetta istruzzjonijiet minn ebda gvern, mill-Kummissjoni ⇨ istituzzjonijiet tal-Unjoni ⇦, jew minn xi entità ⇨ jew persuna ⇦ pubblika jew privata oħra. ⇨ Id-Direttur għandu jkun il-persuna responsabbli quddiem il-Bord tal-Amministrazzjoni. Id-Direttur jista' jattendi l-laqgħat tal-Bord tar-Regolaturi bħala osservatur. ⇦

2. Id-Direttur għandu jinħatar mill-Bord tal-Amministrazzjoni wara l-opinjoni favorevoli tal-Bord tar-Regolaturi, abbażi tal-mertu kif ukoll tal-ħiliet u tal-esperjenza relevanti mis-settur tal-enerġija minn lista ta' mill-anqas tliet kandidati proposti mill-Kummissjoni, u wara li tkun saret ⇨ proċedura tal-għażla miftuħa u trasparenti ⇦ sejħa pubblika għal espressjoni ta' interess. Qabel ma jinħatar, il-kandidat magħżul mill-Bord tal-Amministrazzjoni jista' jiġi mistieden jagħmel dikjarazzjoni quddiem il-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew u jwieġeb mistoqsijiet li jagħmlulu l-membri tiegħu. ⇨ Għall-għan tal-konklużjoni tal-kuntratt mad-Direttur, l-Aġenzija għandha tiġi rappreżentata mill-President tal-Bord Amministrattiv. ⇦

3. Il-mandat tad-Direttur għandu jkun ta' ħames snin. Matul id-disa' xhur qabel it-tmiem ta' dak il-perjodu, il-Kummissjoni għandha tagħmel evalwazzjoni. Fl-evalwazzjoni, il-Kummissjoni għandha tevalwa b'mod partikolari:

(kkk) il-prestazzjoni tad-Direttur;

(lll) id-dmirijiet u r-rekwiżiti tal-Aġenzija fis-snin ⌧ ta' wara ⌫ li ġejjin.

Il-valutazzjoni rigward il-punt (b) għandha titwettaq bl-assistenza ta' espert estern indipendenti.

4. Il-Bord tal-Amministrazzjoni, filwaqt li jaġixxi fuq proposta tal-Kummissjoni, wara li jkun ikkonsulta u ta l-akbar konsiderazzjoni għall-valutazzjoni u l-opinjoni tal-Bord tar-Regolaturi dwar dik il-valutazzjoni u f'dawk il-każijiet biss fejn ikun iġġustifikat mid-dmirijiet u r-rekwiżiti tal-Aġenzija, jista' jestendi l-mandat tad-Direttur darba sa mhux aktar minn tliet ⇨ ħames ⇦ snin. ⇨ Direttur li l-mandat tiegħu jkunu ġie estiż ma jistax jipparteċipa fi proċedura ta' għażla oħra għall-istess kariga fi tmiem il-perjodu li jkun ġie estiż. ⇦

5. Il-Bord tal-Amministrazzjoni għandu jinforma lill-Parlament Ewropew bl-intenzjoni tiegħu li jestendi l-mandat tad-Direttur. Fi żmien xahar qabel l-estensjoni tal-mandat tiegħu, id-Direttur jista' jiġi mistieden jagħmel dikjarazzjoni quddiem il-kumitat kompetenti tal-Parlament u jwieġeb mistoqsijiet li jagħmlulu l-membri ta' dak il-kumitat.

6. Jekk il-mandat tiegħu ma jiġix estiż, id-Direttur għandu jibqa' fil-kariga sal-ħatra tas-suċċessur tiegħu.

7. Id-Direttur jista' jitneħħa mill-kariga tiegħu biss permezz ta' deċiżjoni tal-Bord tal-Amministrazzjoni, wara li dan ikun kiseb l-opinjoni favorevoli tal-Bord tar-Regolaturi. Il-Bord tal-Amministrazzjoni għandu jilħaq din id-deċiżjoni abbażi ta' maġġoranza ta' ~~tliet kwarti~~ ⇨ żewġ terzi ⇦ tal-membri tiegħu.

8. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu jitolbu d-Direttur iressaq rapport dwar il-qadi ta' dmirijietu. Il-Parlament Ewropew jista' wkoll jistieden lid-Direttur biex jagħmel stqarrija quddiem il-kumitat kompetenti tagħha u jwieġeb il-mistoqsijiet li jkunu saru mill-membri ta' dak il-kumitat.

*Artikolu 25 ~~17~~*

**Il-Kompiti tad-Direttur**

⌦ Id-Direttur għandu: ⌫

(mmm) ~~1. Id-Direttur għandu jirrappreżenta~~ ⌦ ikun ir-rappreżentant legali ⌫~~lill-~~tal-Aġenzija, u għandu jkun responsabbli mit-tmexxija tagħha ⌦ ta' kuljum ⌫;~~.~~

(nnn) ~~2.~~ ~~Id-Direttur għandu jħejji~~ iħejji l-ħidma tal-Bord tal-Amministrazzjoni. Hu għandu jagħti sehmu fil-ħidma tal-Bord tal-Amministrazzjoni, mingħajr ma jkollu dritt għall-vot. ⇨ Id-Direttur għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet adottati mill-Bord Amministrattiv; ⇦

(ooo) ~~3. Id-Direttur għandu~~ ⇨ jabbozza ⇦, jadotta u jippubblika ~~l-~~opinjonijiet, ~~ir-~~rakkomandazzjonijiet u ~~d-~~deċiżjonijiet. ⌦ Opinjonijiet, rakkomandazzjonijiet u deċiżjonijiet ⌫ imsemmija fl-Artikoli 3 sa 11 u 14 ~~5, 6, 7, 8 u 9~~ , ⇨ għandhom jiġu adottati biss jekk ⇦ ~~, li jkunu~~ ikunu kisbu l-opinjoni favorevoli tal-Bord tar-Regolaturi.~~.~~;

(ppp) ~~4.~~ ~~Id-Direttur għandu jkun~~ ikun responsabbli mill-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma annwali tal-Aġenzija, taħt il-gwida tal-Bord tar-Regolaturi u taħt il-kontroll amministrattiv tal-Bord tal-Amministrazzjoni~~.~~ ;

(qqq) ~~5. Id-Direttur għandu~~ jieħu l-passi kollha meħtieġa, b'mod partikolari fir-rigward tal-adozzjoni ta' istruzzjonijiet amministrattivi interni u ta' notifiki ta' pubblikazzjoni, sabiex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tal-Aġenzija skont dan ir-Regolament~~.~~;

(rrr) ~~6.~~ iħejji ~~K~~kull sena ~~d-Direttur għandu~~ ~~jħejji~~ l-abbozz tal-programm ta' ħidma tal-Aġenzija għas-sena ta' wara, u ⇨ , wara l-adozzjoni tal-abbozz mill-Bord tal-Amministrazzjoni ⇦ għandu jippreżentah lill-Bord tar-Regolaturi, lill-Parlament Ewropew u lill-Kummissjoni ~~sat-30 ta' Ġunju~~ ⇨ sal-31 ta' Jannar ⇦ta' ~~dik is-sena~~ ⌦ kull sena ⌫. ⇨ Id-Direttur għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni tad-dokument ta' programmazzjoni u għar-rappurtar lill-Bord Amministrattiv rigward l-implimentazzjoni tiegħu; ⇦

(sss) 7. Id-Direttur għandu jagħmel ⌦ abbozz proviżorju tal-estimi ⌫ abbozz preliminari tal-baġit tal-Aġenzija konformement mal-Artikolu 3323(1), u għandu jimplimenta l-baġit tal-Aġenzija konformement mal-Artikolu Artikoli 34 u 3524.;.

(ttt) 8. Kull sena d-Direttur għandu jħejji iħejji ⌦ kull sena ⌫⇨ u jippreżenta lill-Bord Amministrattiv ⇦ l-abbozz tar-rapport annwali li għandu jkun fih ⌦ jinkludi ⌫ taqsima indipendenti dwar l-attivitajiet regolatorji tal-Aġenzija, kif ukoll taqsima dwar kwistjonijiet finanzjarji u amminstrattivi.;

---

⇩ ġdid

(uuu) jipprepara pjan ta' azzjoni bħala segwitu għall-konklużjonijiet ta' rapporti u evalwazzjonijiet tal-awditjar interni jew esterni, kif ukoll għall-investigazzjonijiet mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF), u għandu jirrapporta dwar il-progress darbtejn fis-sena lill-Kummissjoni u b'mod regolari lill-Bord Amministrattiv;

(vvv) ikun responsabbli biex jiddeċiedi jekk ikunx neċessarju għall-fini li jitwettqu l-kompiti tal-Aġenzija b'mod effiċjenti u effettiv li jiġi lokalizzat il-persunal wieħed jew aktar fi Stat Membru wieħed jew aktar. Id-deċiżjoni għat-twaqqif ta' uffiċċju lokali teħtieġ il-kunsens minn qabel tal-Kummissjoni, tal-Bord Amministrattiv u tal-Istat Membru jew Stati Membri kkonċernati. Id-deċiżjoni għandha tispeċifika l-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet li għandhom jitwettqu f'dak l-uffiċċju lokali b'mod li jiġu evitati spejjeż bla bżonn u d-duplikazzjoni tal-funzjonijiet amministrattivi tal-Aġenzija.

---

🠇 713/2009 (adattat)

*Artikolu 26 18*

**⌦ Il-ħolqien u l-kompożizzjoni ⌫ tal-Bord tal-Appell**

---

⇩ ġdid

1. L-Aġenzija għandha twaqqaf Bord tal-Appell.

---

🠇 713/2009 (adattat)
⇨ ġdid

2. 1. Il-Bord tal-Appell għandu jinkludi ⌦ jkun magħmul minn ⌫ sitt membri u sitt sostituti, magħżula minn fost persunal fi gradi għolja, attwali jew tal-passat, tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni jew istituzzjonijiet nazzjonali jew Komunitarji ⌦ tal-Unjoni ⌫ oħra, b'esperjenza relevanti fis-settur tal-enerġija. Il-Bord tal-Appell għandu jaħtar il-President tiegħu. Id-deċiżjonijiet tal-Bord tal-Appell għandhom jiġu adottati abbażi ta' maġġoranza kkwalifikata ta' mill-

~~inqas erbgħa mis-sitt membri tiegħu. Il-Bord tal-Appell għandu jiltaqa' meta jkun meħtieġ.~~

~~2.~~ Il-membri tal-Bord tal-Appell għandhom jinħatru formalment mill-Bord tal-Amministrazzjoni, fuq proposta tal-Kummissjoni, wara sejħa pubblika għal espressjoni ta' interess, u wara ⌦ li jikkonsultaw ⌫ ~~konsultazzjoni~~ mal-Bord tar-Regolaturi.

3. ~~6.~~ ⌦ Il-Bord tar-Regolaturi għandu jadotta u jippubblika r-regoli ta' proċedura tiegħu. ⌫ ⇨ Dawk ir-regoli għandhom jistabbilixxu b'mod dettaljat l-arranġamenti li jirregolaw l-organizzazzjoni u l-funzjonament tal-Bord tal-Appell u r-regoli applikabbli għal appelli quddiem il-Bord, skont l-Artikolu 29. Il-Bord tal-Appell għandu jippreżenta lill-Kummissjoni l-abbozz tiegħu ta' regoli ta' proċedura. Il-Kummissjoni għandha tagħti opinjoni dwar l-abbozz tar-regoli ta' proċedura fi żmien tliet xhur mid-data tal-wasla tar-regoli. Il-Bord tal-Appell għandu jadotta u jippubblika r-regoli ta' proċedura tiegħu fi żmien xahrejn wara li jirċievi l-opinjoni tal-Kummissjoni. Kwalunkwe bidliet sostanzjali fir-regoli ta' proċedura għandhom jiġu notifikati lill-Kummissjoni. Sussegwentement, il-Kummissjoni għandha tagħti opinjoni dwar dawk il-bidliet.

Il-baġit tal-Aġenzija għandu jinkludi linja baġitarja separata għall-finanzjament tal-funzjonament tar-reġistru għall-Bord tal-Appell. ⇦

4. ⌦ Id-deċiżjonijiet tal-Bord tal-Appell għandhom jiġu adottati abbażi ta' maġġoranza kkwalifikata ta' mill-inqas erbgħa mis-sitt membri tiegħu. Il-Bord tal-Appell għandu jiltaqa' meta jkun meħtieġ. ⌫

## Artikolu 27

## ⌦ Il-Membri tal-Bord tal-Appell ⌫

1. ~~3.~~ Il-mandat tal-membri tal-Bord tal-Appell għandu jkun ta' ħames snin. Dak il-mandat għandu jkun jista' jiġġedded ⇨ darba ⇦.

2. Il-membri tal-Bord tal-Appell għandhom jaġixxu b'mod indipendenti fit-teħid tad-deċiżjonijiet tagħhom. Huma ma għandhomx ikunu marbutin b'ebda istruzzjoni. Ma jistgħu jwettqu l-ebda dmir ieħor fl-Aġenzija, fil-Bord tal-Amministrazzjoni tagħha ~~jew ,~~ fil-Bord tar-Regolaturi tagħha ⇨ jew fi kwalunkwe wieħed mill-Gruppi ta' Ħidma tagħha. ⇦ Il-membri tal-Bord tal-Appell m'għandhomx jitneħħew mill-kariga tagħhom waqt il-mandat, sakemm membru ma jinstabx ħati ta' kondotta ħażina serja u l-Bord tal-Amministrazzjoni, wara li jkun ikkonsulta mal-Bord tar-Regolaturi, jieħu deċiżjoni f'dak ir-rigward.

## Artikolu 28

## ⌦ Esklużjoni u oġġezzjoni fil-Bord tal-Appell ⌫

1. ~~4.~~ Il-membri tal-Bord tal-Appell m'għandhomx jieħdu sehem fl-ebda proċedura ta' appell jekk ikollhom xi interess personali jew jekk qabel kienu involuti bħala rappreżentanti ta' waħda mill-partijiet għall-proċeduri, jew jekk kienu pparteċipaw fid-deċiżjoni taħt appell.

2. ~~5.~~ Membru tal-Bord tal-Appell għandu jinforma lill-Bord fil-każ li hu, għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fil-paragrafu 1 jew għal xi raġuni oħra, jidhirlu li membru

sieħeb m'għandux jieħu sehem f'xi proċedura tal-appell. Kwalunkwe parti għall-proċeduri tal-appell tista' toġġezzjona għall-parteċipazzjoni ta' xi Membru tal-Bord tal-Appell għal kwalunkwe waħda mir-raġunijiet imsemmija fil-paragrafu 14, jew ⌦ f'każ ta' ⌫jekk ikun issuspettat b'suspett ta' parzjalità. Tali oġġezzjoni m'għandhiex tkun inammissibbli jekk tkun ibbażata fuq in-nazzjonalità ta' membru jew, waqt li tkun konxja mir-raġuni għal oġġezzjoni, il-parti li qed toġġetta fil-proċedura tal-appell tkun għamlet pass proċedurali fil-proċedimenti tal-appell diversament milli toġġezzjona għall-kompożizzjoni tal-Bord tal-Appell.

3. 6. Il-Bord tal-Appell għandu jiddeċiedi dwar l-azzjoni li għandha tittieħed fil-każijiet speċifikati fil-paragrafi 1 u 24 u 5 mingħajr il-parteċipazzjoni tal-membru kkonċernat. Għall-iskopijiet tat-teħid ta' din id-deċiżjoni, il-membru kkonċernat għandu jiġi sostitwit fuq il-Bord tal-Appell mis-supplenti tiegħu. Jekk is-supplenti jsib ruħu f'qagħda simili, il-President għandu jaħtar sostitut minn fost is-supplenti l-oħra disponibbli.

4. 7. Il-membri tal-Bord tal-Appell għandhom jaraw li jaġixxu b'mod indipendenti fl-interess pubbliku. Għal dan il-għan, għandhom jagħmlu dikjarazzjoni bil-miktub ta' impenji u dikjarazzjoni bil-miktub ta' interessi li tkun tindika jew in-nuqqas ta' kull interess li jista' jiġi meqjus li jippreġudika l-indipendenza tagħhom jew kull interess dirett jew indirett li jista' jitqies li jippreġudika l-indipendenza tagħhom. Dawn id-dikjarazzjonijiet għandhom isiru pubbliċi ta' kull sena.

---

| |
|---|
| ↓ 713/2009 (adattat)<br>⇨ ġdid |

*Artikolu 29 19*

**Appelli ⌦ Deċiżjonijiet soġġetti għal appell ⌫**

1. Kull persuna fiżika jew ġuridika, inklużi l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, tista' tappella kontra deċiżjoni msemmija fl-Artikoli 4 sa 14 7, 8 jew 9 ⇨ ta' dan ir-Regolament u fl-Artikolu 12(6) tar-Regolament (UE) Nru 347/2013 kif ukoll fl-Artikolu 9(11) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1222 ⇦ li tkun indirizzata lil dik il-persuna, jew kontra deċiżjoni li, għalkemm fil-forma ta' deċiżjoni indirizzata lil persuna oħra, tikkonċerna direttament lil dik il-persuna.

2. L-appell, flimkien mal-⌦ inkluż ⌫ l-istqarrija tar-raġunijiet ⌦ għall-appell ⌫, għandhom jitressqu bil-miktub lill-Aġenzija fi żmien xahrejn mill-jum tan-min-notifika tad-deċiżjoni lill-persuna kkonċernata, jew, fin-nuqqas tagħha, fi żmien xahrejn mill-jum li fih l-Aġenzija tkun ippubblikat id-deċiżjoni tagħha. Il-Bord tal-Appell ghandu jiddeċiedi dwar l-appell fi żmien xahrejn ⇨ erba' xhur ⇦ wara li jkun tressaq l-appell.

3. Appell li jsir skont il-paragrafu 1 hawn fuq m'għandux ikollu effett ta' sospensjoni. Il-Bord tal-Appell jista', madankollu, jekk iqis illi ċ-ċirkostanzi hekk jirrikjedu, jissospendi l-applikazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata.

4. Jekk l-appell ikun ammissibbli, il-Bord tal-Appell għandu jeżamina jekk l-appell huwiex fondat sewwa. Kull meta jkun meħtieġ, għandu jistieden lill-partijiet għall-proċeduri tal-appell sabiex iressqu osservazzjonijiet dwar notifiki maħruġa minnu stess, jew dwar komunikazzjonijiet mill-partijiet l-oħra għall-proċeduri tal-appell, fil-

limiti ta' żmien speċifikati. Il-partijiet għall-proċeduri tal-appell għandu jkollhom il-jedd li jagħmlu preżentazzjoni orali.

5. ~~Skont dan l-Artikolu, il-~~Il-Bord tal-Appell jista' jeżerċita kull setgħa li taqa' fil-kompetenza tal-Aġenzija, jew jista' jgħaddi l-każ lill-entità kompetenti tal-Aġenzija. Dan tal-aħħar għandu jkun marbut bid-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell.

6. ~~7.~~ Id-deċiżjonijiet meħuda mill-Bord tal-Appell għandhom ikunu ppubblikati mill-Aġenzija.

~~*Artikolu 20*~~

~~**Azzjonijiet quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza u l-Qorti tal-Ġustizzja**~~

~~1. Azzjoni tista' titressaq quddiem il-Qorti tal-Prim' Istanza jew il-Qorti tal-Ġustizzja, konformement mal-Artikolu 230 tat-Trattat, sabiex tikkontesta deċiżjoni li tkun ittieħdet mill-Bord tal-Appell jew, fil-każijiet li ma jkun hemm l-ebda dritt, quddiem il-Bord tal-Appell, mill-Aġenzija.~~

~~2. Fil-każ li l-Aġenzija tonqos milli tieħu deċiżjoni, jistgħu jinġiebu proċeduri għal dan in-nuqqas ta' azzjoni quddiem il-Qorti tal-Prim' Istanza jew il-Qorti tal-Ġustizzja konformement mal-Artikolu 232 tat-Trattat.~~

~~3. L-Aġenzija għandha tkun obbligata li tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tikkonforma mas-sentenza tal-Qorti tal-Prim' Istanza jew tal-Qorti tal-Ġustizzja~~.

---

⇩ ġdid

*Artikolu 30*

**Gruppi ta' ħidma**

1. Meta jkun ġustifikat, u b'mod partikolari biex tiġi appoġġata l-ħidma regolatorja tad-Direttur u tal-Bord tar-Regolaturi fir-rigward ta' kwistjonijiet regolatorji, il-Bord Amministrattiv jista' jistabbilixxi gruppi ta' ħidma.

2. Il-gruppi ta' ħidma għandhom ikunu magħmula minn esperti mill-persunal tal-Aġenzija, mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u mill-Kummissjoni, kif meħtieġ. L-Aġenzija m'għandhiex tkun responsabbli għall-ispejjeż għall-parteċipazzjoni ta' esperti mill-persunal ta' awtoritajiet regolatorji nazzjonali fil-gruppi ta' ħidma tal-Aġenzija.

3. Il-Bord tal-Amministrazzjoni għandu jadotta u jippubblika regoli ta' proċedura interni għall-funzjonament tal-gruppi ta' ħidma.

---

🡻 713/2009 (adattat)

# KAPITOLU IV III

# DISPOŻIZZJONIJIET FINANZJARJI ⌦ IT-TWAQQIF U L-ISTRUTTURA TAL-BAĠIT ⌫

*Artikolu 31 21*

**⌦ L-istruttura ⌫ Btal-baġit tal-Aġenzija**

1. ⌦Mingħajr preġudizzju għal riżorsi oħra ⌫ Id-id-dħul tal-Aġenzija għandu ⌦ jkun magħmul minn ⌫ jinkludi, b'mod partikolari:

(www) sussidju ⌦ kontribuzzjoni ⌫mill-Komunità ⌦ Unjoni ⌫ , imdaħħal fil-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea (Taqsima tal-Kummissjoni);

(xxx) id-drittijiet imħallsa lill-Aġenzija konformement mal-Artikolu 3222;

(yyy) ⌦ kwalunkwe ⌫ kontributi volontarji mill-Istati Membri jew mill-awtoritajiet regolatorji taħt l-Artikolu 20(1)(g)13(8); u;

(zzz) legat, donazzjoni jew għotja taħt l-Artikolu 20(1)(g)13(8).

2. In-nefqa tal-Aġenzija għandha tkopri ⌦ tinkludi ⌫l-ispejjeż tal-persunal, l-ispejjeż amministrattivi, l-ispejjeż infrastrutturali u l-ispejjeż operattivi.

3. Id-dħul u l-infiq tal-Aġenzija għandhom ikunu f'bilanċ.

4. Għandhom isiru previżjonijiet tad-dħul u l-infiq kollu tal-Aġenzija għal kull sena finanzjarja, li tikkoinċidi mas-sena kalendarja, u dawn għandhom jiddaħħlu fil-baġit tagħha.

---

| ↓ 713/2009 |
|---|

*Artikolu 3222*

**Drittijiet**

---

| ↓ 347/2013 Art. 20 |
|---|

1. Id-drittijiet għandhom ikunu dovuti lill-Aġenzija biex tintalab deċiżjoni dwar eżenzjoni skont l-Artikolu 119(1) u għad-deċiżjonijiet dwar allokazzjoni tal-ispejjeż transkonfinali li tipprovdi l-Aġenzija skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) Nru 347/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2013 dwar linji gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea[50].

[50] ĠU L 115, 25.4.2013, p. 39.

| |
|---|
| ➔ 713/2009 (adattat)<br>⇨ ġdid |

2. Id-drittijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu ffissati mill-Kummissjoni.

*Artikolu 3323*

**Kif jiġi stabbilit il-baġit**

1. Sal-15 ta' Frar ta' KKull sena, id-Direttur għandu jħejji abbozz ⌦ proviżorju tal-estimi ⌫ preliminari tal-baġit li jkopri n-nefqa operattiva u l-programm ta' ħidma mistennija għas-sena finanzjarja ta' wara, u għandu jibgħat dak l-abbozz preliminari tal-baġit ⌦ l-abbozz proviżorju tal-estimi ⌫ lill-Bord tal-Amministrazzjoni flimkien ma' lista tal-karigi proviżorji.

2. Kull sena, il-Bord tal-Amministrazzjoni għandu ⌦ jadotta abbozz proviżorju tal-estimi ⌫ jagħmel stima tad-dħul u l-infiq tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja ta' wara, abbażi tal-abbozz preliminari tal-baġit ⌦ tal-abbozz proviżorju tal-estimi ⌫imħejji mid-Direttur.

3. Din l-istima, ⌦ L-abbozz proviżorju tal-estimi ⌫ li għandhau tjinkludi abbozz ta' pjan ta' stabbiliment, għandhau tjintbagħat mill-Bord tal-Amministrazzjoni lill-Kummissjoni sal-31 ta' Marzu. Qabel ma tiġi adottata l-istima, l-abbozz imħejji mid-Direttur għandu jintbagħat lill-Bord tar-Regolaturi, li jista' joħroġ opinjoni ġustifikata dwar l-abbozz.

4. L-istima msemmija fil-paragrafu 21 għandha tintbagħat mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (awtorità baġitarja) flimkien mal-abbozz preliminari tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

5. Abbażi tal-⌦ abbozz tal-estimi ⌫istima, il-Kummissjoni għandha ddaħħal fl-abbozz preliminari tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea it-tbassiriet ⌦ l-istimi ⌫ li tqis meħtieġa rigward il-pjan ta' stabbiliment u l-ammont tal-għotja li għandha titħallas mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea konformement mal-Artikolu ⌦ 313 u dawk ta' wara ⌫ 272 tat-Trattat.

6. ⌦ Il-Kunsill, ⌫ fl-irwol tiegħu ta'awtorità baġitarja għandhau tjadotta l-pjan tal-istabbiliment għall-Aġenzija.

7. Il-baġit tal-Aġenzija għandu jitfassal ⌦ jiġi adottat ⌫ mill-Bord tal-Amministrazzjoni. Għandu jitqies finali wara l-adozzjoni finali tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea. Fejn ikun meħtieġ, għandu jkun aġġustat skont il-każ.

8. ⌦ Kwalunkwe modifika fil-baġit, inkluż il-pjan ta' stabbiliment, għandha ssegwi l-istess proċedura. ⌫

9. 8. Il-Bord tal-Amministrazzjoni għandu jinnotifika mingħajr dewmien lill-awtorità tal-baġit bl-intenzjoni tiegħu li jimplimenta xi proġett li jista' jkollu implikazzjonijiet finanzjarji sinifikanti għall-finanzjament tal-baġit tal-Aġenzija, b'mod partikolari kwalunkwe proġett marbut mal-proprjetà, bħall-kiri jew ix-xiri ta' bini. Il-Bord tal-Amministrazzjonigħandu jinforma wkoll lill-Kummissjoni b'dan. Jekk jagħti l-każ li kwalunkwe fergħa tal-awtorità tal-baġit ikollha l-intenzjoni li toħroġ opinjoni, fi żmien ġimagħtejn mill-wasla tal-informazzjoni dwar il-proġett għandha tinnotifika lill-Aġenzija dwar din l-intenzjoni tagħha. Fin-nuqqas ta' tweġiba, l-aġenzija tkun tista' tipproċedi bil-proġett ippjanat.

*Artikolu 3424*

**L-implimentazzjoni u l-kontroll tal-baġit**

1. Id-Direttur għandu jaqdi d-dmirijiet tiegħu bħala uffiċjal ta' awtorizzazzjoni u għandu jimplimenta l-baġit tal-Aġenzija.

2. Sal-1 ta' Marzu wara kull sena finanzjarja, l-uffiċjal tal-kontijiet tal-Aġenzija għandu jibgħat il-kontijiet proviżorji, flimkien mar-rapport dwar it-tmexxija baġitarja u finanzjarja ta' dik is-sena finanzjarja, lill-uffiċjal tal-kontijiet tal-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri. L-uffiċjal tal-kontijiet tal-Aġenzija għandu jibgħat ukoll ir-rapport dwar it-tmexxija baġitarja u finanzjarja lill-Parlament u lill-Kunsill sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu tas-sena ta' wara. Wara dan, l-uffiċjal tal-kontijiet tal-Kummissjoni għandu jikkonsolida l-kontijiet proviżorji tal-istituzzjonijiet u tal-entitajiet deċentralizzati, konformement mal-Artikolu 147 128 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[51] Artikolu 128 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej[52] ("ir-Regolament Finanzjarju").

*Artikolu 35*

**⌦ Preżentazzjoni tal-kontijiet u kwittanza ⌫**

1. 1. ⌦ L-uffiċjal tal-kontijiet tal-Aġenzija għandu jibgħat il-kontijiet proviżorji għas-sena finanzjarja (sena N) lill-Uffiċjal tal-Kontijiet tal-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri sal-1 ta' Marzu tas-sena finanzjarja ta' wara (sena N+1) ⌫

2. 2. ⌦ L-Aġenzija għandha tibgħat rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja għas-sena N lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri sal-31 ta' Marzu tas-sena N+1. ⌫

3. Sal-31 ta' Marzu ⌦ tas-sena N+1 ⌫wara kull sena finanzjarja, l-uffiċjal tal-kontijiet tal-Kummissjoni għandu jikkomunika l-kontijiet proviżorji tal-Aġenzija, flimkien mar-rapport dwar it-tmexxija baġitarja u finanzjarja ta' dik is-sena finanzjarja, lill-Qorti tal-Awdituri. Ir-rapport dwar it-tmexxija baġitarja u finanzjarja ta' dik is-sena finanzjarja għandu jintbagħat ukoll lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

4. Wara li jkun irċieva l-osservazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri rigward il-kontijiet proviżorji tal-Aġenzija ⌦ għas-sena N ⌫ skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 129 ⌦ 148 ⌫ tar-Regolament Finanzjarju, id-Direttur ⌦ l-uffiċjal tal-kontijiet ⌫ għandu jelabora l-kontijiet definittivi tal-Aġenzija ⌦ għal dik is-sena ⌫ fuq ir-responsabbiltà tiegħu/tagħha stess, u għandu jibgħathom lill-Bord tal-Amministrazzjoni għal opinjoni. ⌦ Id-Direttur għandu ⌫ jibgħathom lill-Bord tal-Amministrazzjoni għal opinjoni.

5. Il-Bord tal-Amministrazzjoni għandu joħroġ opinjoni dwar il-kontijiet definittivi tal-Aġenzija ⌦ għas-sena N ⌫.

[51] Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

[52] ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

6. Sal-1 ta' Lulju wara l-għeluq tas-sena finanzjarja, id-Direttur ⌦ l-uffiċjal tal-kontijiet tal-Aġenzija ⌫ għandu jibgħat il-kontijiet definittivi ⌦ għas-sena N ⌫, flimkien mal-opinjoni tal-Bord tal-Amministrazzjoni ⌦ għas-sena N+1 ⌫, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri.

7. Il-kontijiet finali għandhom jiġu ppubblikati ⌦ f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* sal-15 ta' Novembru tas-sena N+1 ⌫.

8. Id-Direttur għandu jibgħat tweġiba lill-Qorti tal-Awdituri għall-osservazzjonijiet tagħha sal-15 ta' Ottubru ⌦ sat-30 ta' Settembru tas-sena N+1 ⌫ . Għandu jibgħat ukoll kopja ta' dik it-tweġiba lill-Bord tal-Amministrazzjoni u lill-Kummissjoni.

9. Id-Direttur għandu jibgħat lill-Parlament Ewropew, fuq talba ta' dan tal-aħħar u kif stabbilit fl-Artikolu 146(3) tar-Regolament Finanzjarju, kull tagħrif meħtieġ għall-applikazzjoni bla xkiel tal-proċedura ta' kwittanza għas-sena ⌦ N ⌫ finanzjarja kkonċernata ⌦ b'konformità mal-Artikolu 109(3) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 ⌫.

10. Il-Parlament Ewropew, fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill li jkun qed jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, għandu, qabel il-15 ta' Mejju tas-sena N + 2, jagħti kwittanza lid-Direttur Ġenerali fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja N.

*Artikolu 3625*

**Regoli Finanzjarji**

Ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-Aġenzija għandhom jitfasslu ⌦ jiġu adottati ⌫ mill-Bord tal-Amministrazzjoni wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni. Dawn ir-regoli jistgħu jiddevjaw mir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 jekk il-ħtiġijiet operattivi speċifiċi għall-funzjonament tal-Aġenzija hekk jirrikjedu u biss bil-qbil minn qabel tal-Kummissjoni.

*Artikolu 26*

**Miżuri kontra l-frodi**

1. Għall-finijiet li jiġu miġġielda l-frodi, il-korruzzjoni u kull attività illegali oħra, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF)[53] għandhom japplikaw għall-Aġenzija mingħajr restrizzjonijiet.

2. L-Aġenzija għandha tissieħeb fil-Ftehim Interistituzzjonali tal-25 ta' Mejju 1999 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej dwar investigazzjonijiet interni mmexxija mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi[54] (OLAF) [18] u għandha minnufih tadotta d-dispożizzjonijiet xierqa għall-persunal kollu tal-Aġenzija.

53 ĠU L 136, 31.5.1999, p. 1.
54 ĠU L 136, 31.5.1999, p. 15.

~~3. Id-deċiżjonijiet dwar il-finanzjament, il-ftehimiet u l-istrumenti ta' implimentazzjoni li jirriżultaw minnhom, għandhom jistipulaw speċifikament li l-Qorti tal-Awdituri u l-OLAF jistgħu, jekk ikun meħtieġ, iwettqu kontrolli fuq il-post tal-benefiċjarji ta' flus maħruġa mill-Aġenzija, kif ukoll fuq il-persunal responsabbli għall-allokazzjoni ta' dawn il-flus.~~

---

⇩ ġdid

*Artikolu 37*

**Il-ġlieda kontra l-frodi**

1. Sabiex tiġi ffaċilitata l-ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni u attivitajiet illegali oħra skont ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013[55], fi żmien sitt xhur minn meta tibda tiffunzjona l-Aġenzija, din għandha taderixxi mal-Ftehim Interistituzzjonali tal-25 ta' Mejju 1999 dwar investigazzjonijiet interni mill-OLAF u għandha tadotta d-dispożizzjonijiet xierqa billi tagħmel użu mill-mudell stabbilit fl-Anness ta' dak il-Ftehim.

2. Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri għandu jkollha s-setgħa li twettaq awditu fuq il-post, kif ukoll awditjar abbażi ta' dokumenti, fir-rigward tal-benefiċjarji ta' għotjiet, tal-kuntratturi u tas-sottokuntratturi kollha li jkunu rċevew fondi tal-Unjoni mingħand l-Aġenzija.

3. L-OLAF jista' jwettaq investigazzjonijiet, inklużi kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post, bil-ħsieb li jiġi stabbilit jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni b'rabta ma' għotja jew kuntratt iffinanzjat mill-Aġenzija, b'konformità mad-dispożizzjonijiet u l-proċeduri stabbiliti fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 u r-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96[56].

4. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 1, 2 u 3, ftehimiet ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, kuntratti, ftehimiet ta' għotja u deċiżjonijiet ta' għotja tal-Aġenzija għandhom jinkludu dispożizzjonijiet li jagħtu s-setgħa, b'mod espliċitu, lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri u lill-OLAF biex iwettqu l-verifiki u l-investigazzjonijiet imsemmija f'dan l-Artikolu, skont il-kompetenzi rispettivi tagħhom.

---

55 Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1–22.

56 Ir-Regolament tal-Kunsill (EURATOM, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolarijiet oħra, ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2–5.

| ⬇ 713/2009 (adattat)<br>⇨ ġdid |
|---|

# KAPITOLU V

# DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI ⌦ U FINALI ⌫

*Artikolu 38~~27~~*

**Privileġġi u immunitajiet ⇨ u l-Ftehim tal-Kwartieri Ġenerali ⇦**

1. Il-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej għandu japplika għall-Aġenzija.

| ⇩ ġdid |
|---|

2. L-arranġamenti meħtieġa rigward l-akkomodazzjoni li għandha tiġi pprovduta lill-Aġenzija fl-Istat Membru ospitanti u l-faċilitajiet li għandhom ikunu magħmula disponibbli minn dak l-Istat Membru flimkien mar-regoli speċifiċi applikabbli għad-Direttur fl-Istat Membru ospitanti, il-membri tal-Bord Amministrattiv, il-persunal tal-Aġenzija u l-membri tal-familji tagħhom għandhom jiġu stabbiliti fi Ftehim tal-Kwartieri Ġenerali bejn l-Aġenzija u l-Istat Membru fejn tkun tinsab is-sede. Dak il-ftehim għandu jiġi konkluż wara li tinkiseb l-approvazzjoni tal-Bord Amministrattiv.

| ⬇ 713/2009 (adattat) |
|---|

*Artikolu 39~~28~~*

**Il-Persunal**

1. Ir-Regolamenti tal-Persunal⌦ tal-Aġenti tal-Unjoni Ewropea ("ir-Regolamenti tal-Persunal") ⌫, il-Kondizzjonijiet tal-Impjieg ⌦ ta' impjegati oħra tal-Komunitajiet Ewropej ("il-Kondizzjonijiet tal-Impjieg") ⌫ u r-regoli adottati b'mod konġunt mill-istituzzjonijiet tal-~~Komunitajiet Ewropej~~⌦ Unjoni ⌫ għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Persunal u l-Kondizzjonjiet tal-Impjieg għandhom japplikaw għall-persunal ⌦ kollu ⌫ tal-Aġenzija, inkluż id-Direttur tagħha.

2. Il-Bord tal-Amministrazzjoni, bi qbil mal-Kummissjoni, għandu jadotta l-miżuri ta' implimentazzjoni adatti, konformement mal-Artikolu 110 tar-Regolamenti tal-Persunal.

3. Fir-rigward tal-persunal tagħha, l-Aġenzija għandha teżerċita s-setgħat konferiti fuq l-awtorità tal-ħatra mir-Regolamenti tal-Persunal u fuq l-awtorità li għandha s-setgħa tikkonkludi kuntratti mill-Kondizzjonijiet tal-Impjieg.

4. Il-Bord tal-Amministrazzjoni jista' jadotta dispożizzjonijiet oħra sabiex esperti nazzjonali minn Stati Membri jkunu jistgħu jiġu impjegati billi jiġu ssekondati mal-Aġenzija.

*Artikolu 40~~29~~*

**Responsabbiltà legali tal-Aġenzija**

---

⇩ ġdid

1. Ir-responsabbiltà kuntrattwali tal-Aġenzija għandha tkun regolata mil-liġi applikabbli għall-kuntratt inkwistjoni.

   Kwalunkwe klawżola ta' arbitraġġ li tinsab f'kuntratt li jkun ġie konkluż mill-Aġenzija għandu jkun soġġett għall-ġuriżdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

---

🡻 713/2009 (adattat)

2. ~~1.~~ Fil-każ ta' responsabbiltà mhux kuntrattwali, l-Aġenzija, skont il-prinċipji ġenerali komuni għal-liġijiet tal-Istati Membri, għandha tagħmel tajjeb għal kwalunkwe ħsara kkaġunata minnha jew mill-persunal tagħha fil-qadi ta' dmirijiethom.

3. Il-Qorti tal-Ġustizzja ⌦ tal-Unjoni Ewropea ⌫ għandu jkollha l-ġurisdizzjoni ~~f'kull tilwima~~ ⌦ f'tilwimiet ⌫ marbuta mal-kumpens għal ~~ħsara bħal din~~ ⌦ danni msemmija fil-paragrafu 2. ⌫ .

4. ~~2.~~ Ir-responsabbiltà finanzjarja personali u r-responsabbiltà dixxiplinarja tal-persunal tal-Aġenzija lejn l-Aġenzija għandhom ikunu rregolati mid-dispożizzjonijiet relevanti li japplikaw għall-persunal tal-Aġenzija.

*Artikolu 41~~30~~*

~~**Aċċess għad-dokumenti**~~ ⌦ **Trasparenza u komunikazzjoni** ⌫

1. Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill~~tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni~~[57] għandu japplika għad-dokumenti miżmuma mill-Aġenzija.

2. Il-Bord tal-Amministrazzjoni għandu jadotta miżuri prattiċi għall-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001~~sat-3 ta' Marzu 2010~~.

3. Id-deċiżjonijiet meħuda mill-Aġenzija konformement mal-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 jistgħu jkunu s-suġġett ta' lment lill-Ombudsman jew ta' kawża quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, skont il-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikoli ⌦ 228 ⌫ ~~195~~ u ⌦ 263 ⌫ ~~230~~ tat-Trattat rispettivament.

57 Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43).

⇩ ġdid

4. L-ipproċessar tad-dejta personali mill-Aġenzija għandu jkun soġġett għar-Regolament (KE) Nru 45/2001[58]. Il-Bord Amministrattiv għandu jistabbilixxi miżuri għall-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 mill-Aġenzija, inklużi dawk li jikkonċernaw il-ħatra tal-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Dejta tal-Aġenzija. Dawk il-miżuri għandhom jiġu stabbiliti wara li ssir konsultazzjoni mal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta.

5. L-Aġenzija tista' tinvolvi ruħha f'attivitajiet ta' komunikazzjoni fuq inizjattiva tagħha stess fil-qasam ta' kompetenza tagħha. L-allokazzjoni ta' riżorsi għal attivitajiet ta' komunikazzjoni ma għandhiex tkun ta' detriment għat-twettiq b'mod effettiv tal-kompiti msemmija fl-Artikoli 3 sa 14. L-attivitajiet ta' komunikazzjoni għandhom jitwettqu skont il-pjanijiet rilevanti ta' komunikazzjoni u disseminazzjoni adottati mill-Bord Amministrattiv.

*Artikolu 42*

**Il-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata u ta' informazzjoni sensittiva mhux klassifikata**

1. L-Aġenzija għandha tadotta regoli proprji ta' sigurtà li jkunu ekwivalenti għar-regoli ta' sigurtà tal-Kummissjoni għall-protezzjoni ta' Informazzjoni Klassifikata tal-Unjoni Ewropea (IKUE) u ta' informazzjoni sensittiva mhux klassifikata, fost l-oħrajn, dispożizzjonijiet għall-iskambju, l-ipproċessar u l-ħżin ta' tali informazzjoni kif stabbilit fid-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/443[59] u 2015/444[60].

2. L-Aġenzija tista' wkoll tiddeċiedi li tapplika d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni msemmija fil-paragrafu 1 *mutatis mutandis*. Ir-regoli tal-Aġenzija dwar is-sigurtà għandhom ikopru, fost l-oħrajn, dispożizzjonijiet għall-iskambju, l-ipproċessar u l-ħżin tal-IKUE u ta' informazzjoni sensittiva mhux klassifikata.

🡻 713/2009 (adattat)

*Artikolu 4331*

**~~Il-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi~~ ⌦ Ftehimiet ta' kooperazzjoni ⌫**

1. L-Aġenzija għandha tkun miftuħa għall-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi li jkunu kkonkludew ftehimiet mal-~~Komunità~~⌦ Unjoni ⌫, ~~li bihom ikunu~~ ⌦ u li ⌫

[58] Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dak id-data (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1).

[59] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/443 tat-13 ta' Marzu 2015 dwar is-Sigurtà fil-Kummissjoni (ĠU L 72, 17.3.2015, p. 41).

[60] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/444 tat-13 ta' Marzu 2015 dwar ir-regoli tas-Sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE (ĠU L 72, 17.3.2015, p. 53).

adottaw u jkunu qegħdin japplikaw il-liġi ~~Komunitarja~~ ⌦ tal-Unjoni ⌫ fil-qasam tal-enerġija u~~, jekk ikun relevanti,~~ fl-oqsma tal-ambjent u l-kompetizzjoni.

2. Konformement mad-dispożizzjonijiet relevanti ta’ dawn l-istrumenti ta’ ftehim, għandhom jiġu stabbiliti arranġamenti li jispeċifikaw, b’mod partikolari, in-natura, l-ambitu u l-aspetti proċedurali tal-involviment ta’ dawn il-pajjiżi fil-ħidma tal-Aġenzija, inklużi dispożizzjonijiet relatati mal-kontribuzzjonijiet finanzjarji u mal-persunal.

---

⇩ ġdid

3. Il-Bord Amministrattiv għandu jadotta strateġija għar-relazzjonijiet ma’ pajjiżi terzi jew ma’ organizzazzjonijiet internazzjonali li għalihom l-Aġenzija tkun kompetenti. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-Aġenzija topera fil-mandat tagħha u fi ħdan il-qafas istituzzjonali eżistenti billi tikkonkludi akkordju ta’ ħidma xieraq mad-Direttur tal-Aġenzija.

*~~Artikolu 32~~*

**~~Il-Kumitat~~**

~~4. Il-Kummissjoni għandha tiġi megħjuna minn Kumitat.~~

~~5. Fejn issir riferenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5a(1) sa (4), u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.~~

---

🡇 713/2009 (adattat)
⇨ ġdid

*Artikolu 44~~33~~*

**Arranġamenti għal-lingwi**

1. Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill Nru 1 ~~tal-15 ta’ April 1958 li jiddetermina l-lingwi li għandhom jintużaw mill-Komunità Ekonomika Ewropea~~[61] għandhom japplikaw għall-Aġenzija.

2. Il-Bord tal-Amministrazzjoni għandu jiddeċiedi dwar l-arranġamenti interni għal-lingwi għall-Aġenzija.

3. Is-servizzi ta’ traduzzjoni meħtieġa għall-funzjonament tal-Aġenzija għandhom jiġu pprovduti miċ-Ċentru ta’ Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea.

---

61 Ir-Regolament tal-Kunsill Nru 1 tal-15 ta’ April 1958 li jiddetermina l-lingwi li għandhom jintużaw mill-Komunità Ekonomika Ewropea (ĠU 17, 6.10.1958, p. 385).

## ~~KAPITOLU VI~~

## ~~DISPOŻIZZJONIJIET FINALI~~

*Artikolu 45~~34~~*

**Evalwazzjoni**

1. ⇨ Mhux aktar tard minn [*OP: ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, id-data għandha tiddaħħal mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet*], u kull ħames snin wara dan, ⇦~~I~~il-Kummissjoni, bl-assistenza ta' espert estern indipendenti, għandha twettaq evalwazzjoni ⇨ biex tivvaluta l-prestazzjoni tal-Aġenzija b'rabta mal-għanijiet, il-mandat u l-kompiti tagħha. B'mod partikolari, l-evalwazzjoni għandha tindirizza l-ħtieġa possibbli li jsiru modifiki fil-mandat tal-Aġenzija u l-implikazzjonijiet finanzjarji ta' kwalunkwe waħda minn dawn il-modifiki ⇦ ~~tal-attivitajiet tal-Aġenzija. Dik l-evalwazzjoni għandha tkopri r-riżultati miksuba mill-Aġenzija u l-metodi ta' ħidma tagħha, b'rabta mal-għan, il-mandat u l-kompiti tagħha, kif iddefiniti f'dan ir-Regolament u fil-programmi annwali ta' ħidma tagħha. Din l-evalwazzjoni għandha tkun ibbażata fuq konsultazzjonijiet estensivi skont l-Artikolu 10~~.

---

⇩ ġdid

2. Meta l-Kummissjoni tqis li l-kontinwazzjoni tal-Aġenzija ma tkunx ġustifikata aktar fir-rigward tal-għanijiet, tal-mandat u tal-kompiti assenjati lilha, tista' tipproponi li dan ir-Regolament jiġi emendat kif xieraq, jew li jitħassar.

---

🡻 713/2009 (adattat)
⇨ ġdid

3. ~~2.~~ Il-Kummissjoni għandha tissottometti ⌦ s-sejbiet ⌫ ~~l~~-tal-evalwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ⌦ u l-konklużjonijiet tagħha lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u ⌫lill-Bord tar-Regolaturi tal-Aġenzija. ⇨ Is-sejbiet tal-evalwazzjoni għandhom jiġu ppubblikati. ⇦ ~~Il-Bord tar-Regolaturi għandu joħroġ rakkomandazzjonijiet fir-rigward tal-bidliet għal dan ir-Regolament, l-Aġenzija u l-prattika ta' ħidma tagħha lill-Kummissjoni, li tista' tgħaddi dawk ir-rakkomandazzjonijiet, flimkien mal-opinjoni tagħha kif ukoll flimkien ma' kwalunkwe proposta xierqa, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.~~

4. ~~L-ewwel evalwazzjoni għandha titressaq mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sa tliet snin wara li l-ewwel Direttur ikun ħa l-kariga tiegħu. Wara dan, i~~Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport ta' evalwazzjoni ⌦ lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill ⌫ tal-anqas kull ~~erba'~~ ⇨ ħames ⇦ snin.

⇩ ġdid

*Artikolu 46*

**Tħassir**

Ir-Regolament (KE) Nru 713/2009 huwa mħassar.

Ir-referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness II.

🡻 713/2009 (adattat)

*Artikolu 47~~35~~*

**Dħul fis-seħħ ~~u dispożizzjonijiet tranżitorji~~**

~~1.~~ Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

~~2. L-Artikoli 5, sa 11 għandhom japplikaw Mit-3 ta' Marzu 2011.~~

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew*
*Il-President*

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

# DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

## 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/L-INIZJATTIVA

### 1.1. Titolu tal-proposta/l-inizjattiva

| |
|---|
| Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija |

### 1.2. Qasam/oqsma ta' politika ikkonċernati fl-istruttura ta' ABM/ABB[62]

| |
|---|
| Qasam ta' politika: ENERĠIJA<br>Attività: 32.02 Enerġija konvenzjonali u enerġija rinnovabbli |

### 1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva

☐ Il-proposta/l-inizjattiva tittratta **azzjoni ġdida**

☐ Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida li ssegwi proġett pilota/azzjoni preparatorja**[63]

☒ Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata mal-**estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni diretta mill-ġdid lejn azzjoni ġdida**

### 1.4. Għan(jiet)

#### *1.4.1. L-għan(ijiet) strateġiku/ċi pluriennali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta/l-inizjattiva*

| |
|---|
| Il-Pjan Strateġiku tal-Kummissjoni Ewropea għall-2016-2020 jistabbilixxi l-għanijiet strateġiċi pluriennali tal-Kummissjoni sa tmiem id-deċennju. Bħala parti mill-qafas tal-Pjan Strateġiku, il-proposta attwali tindirizza "l-għan ġenerali A: Spinta ġdida għall-impjiegi, it-tkabbir u l-investiment".<br>Permezz tar-riforma tal-qafas istituzzjonali li jsostni l-operat tas-swieq Ewropej tal-enerġija qed nipprovdu lis-swieq b'mekkaniżmi ta' governanza xierqa, billi dawn huma meħtieġa biex tkun tista' titwassal enerġija sostenibbli u kompetittiva għal kulħadd.<br>Biex suq tal-enerġija dejjem aktar interkonness ikun jista' jiffunzjona b'mod effettiv, dan jeħtieġ fora deċiżjonali xierqa li fihom ir-regolaturi nazzjonali jkunu jistgħu jiltaqgħu u jingħaqdu flimkien. L-integrazzjoni tas-suq Ewropew tal-enerġija tmur id f'id mat-twettiq ta' dan ir-rwol mill-ACER, li għandha tingħata wkoll ir-riżorsi biex tissodisfa l-kompiti assenjata lilha. |

#### *1.4.2. L-għan(ijiet) speċifiku/ċi u l-attività(jiet) ikkonċernati tal-ABM/ABB*

| |
|---|
| <u>L-attività(jiet) ikkonċernati tal-ABM/ABB</u><br>L-inizjattiva taqa' taħt l-intestatura tal-Baġit 32 02 10: L-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER)<br><u>Nru tal-għan speċifiku</u> |

[62] ABM: ġestjoni bbażata fuq l-attività; ABB: ibbaġitjar ibbażat fuq l-attività.
[63] Kif imsemmi fl-Artikolu 54(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

Minbarra l-attivitajiet li l-Aġenzija qed twettaq diġà bħalissa, din l-inizjattiva għandha l-għan li tespandi fuq il-kompiti tal-ACER sabiex jintlaħqu għadd ta' għanijiet addizzjonali li l-importanza tagħhom għall-ġid aħħari tas-swieq tal-enerġija Ewropej ma tistax tiġi sottovalutata.

B'hekk, dan ir-rieżami tal-kompiti tal-Aġenzija mhuwiex wieħed marġinali, billi l-ACER se jkollha twettaq kompiti ta' natura ġdida u ta' ambitu wiesa'. Fost dawn, b'mod partikolari, hemm kompiti ġodda b'rabta mal-valutazzjoni tas-sigurtà tas-sistema għall-evalwazzjoni tal-introduzzjoni ta' mekkaniżmi ta' remunerazzjoni tal-kapaċità, kif ukoll it-twaqqif u l-monitoraġġ ta' Ċentri Operattivi Reġjonali. Għall-Aġenzija, dawn jirrappreżentaw approċċ diverġenti mix-xenarju ta' "żamma tal-istatus quo" u jiġġustifikaw id-domanda għal postijiet addizzjonali kif elenkati f'dan id-dokument.

Sa fejn tali għanijiet ġodda għandhom impatt fuq ir-riżorsi finanzjarji allokati lill-Aġenzija, dawn huma elenkati fid-dettall hawn taħt. Mal-informazzjoni li tidher hawn taħt hemm inklużi wkoll referenzi għar-Regolamenti li minnhom joriġinaw il-kompiti (ir-Regolament dwar l-Elettriku jew ir-Regolament dwar it-Tħejjija għar-Riskji) u li fihom il-kompiti huma riflessi, jew li għalihom huma attribwiti b'mod esklussiv fil-proposta għal Regolament dwar l-ACER.

1) L-approvazzjoni u l-emendar tal-metodoloġiji marbuta mal-valutazzjoni Ewropea tal-adegwatezza tal-ġenerazzjoni li għadha kemm ġiet introdotta, kif ukoll it-twettiq ta' valutazzjoni tal-proposti għall-introduzzjoni ta' mekkaniżmi ta' dan it-tip fil-livell nazzjonali. Dan il-kompitu jinsab fil-qalba tal-approċċ imsaħħaħ għall-mekkaniżmi ta' kapaċità fil-livell Ewropew, u huwa stipulat fir-Regolament dwar l-Elettriku filwaqt li huwa rifless fl-Artikolu 10 tar-Regolament dwar l-ACER. Qed nikkalkulaw li se jkunu meħtieġa 7 FTE (Ekwivalenti ta' Ingaġġ Full-Time) meta l-kompitu jkun qed jiġi implimentat bis-sħiħ.

2)Is-sorveljenza tal-prestazzjoni tas-suq u b'mod partikolari tal-"ostakoli għall-flessibbiltà" fil-livell tal-Istati Membri, inkluż interventi relatati mal-prezzijiet. Barra minn hekk, l-ACER għandha toħloq metodoloġija għat-tqabbil tal-indikaturi tal-prestazzjoni tas-suq mal-indikaturi tas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija. Is-sorveljanza tas-suq u l-iżvilupp tal-metodoloġija huma ta' importanza ċentrali għall-ksib tal-integrazzjoni tas-suq u tal-kompetittività f'dawn l-oqsma. Dan il-punt jiġi ppreċiżat fir-Regolament dwar l-Elettriku u fl-Artikolu 16 tar-Regolament dwar l-ACER, u jkun jeħtieġ 0.5 FTE.

3) It-teħid ta' deċiżjonijiet dwar il-konfigurazzjoni ta' Ċentri Operattivi Reġjonali (ROCs) ġodda u t-twettiq ta' monitoraġġ u analiżi tal-prestazzjoni tagħhom fuq bażi regolari. Dan jinkludi l-ħruġ ta' opinjonijiet u rakkomandazzjonijiet fuq bażi regolari, skont il-bżonn. It-twaqqif ta' ROCs huwa pilastru tal-approċċ ta' reġjonalizzazzjoni u jkun jeħtieġ madwar 1.5 FTE. Il-kompitu huwa ppreċiżat fl-Artikolu 8 tar-Regolament dwar l-ACER.

4) L-iżgurar tal-interoperabbiltà, il-komunikazzjoni u l-monitoraġġ tal-prestazzjoni reġjonali barra l-oqsma li mhumiex armonizzati fil-livell tal-UE u li ma jaqgħux taħt il-punt 3) hawn fuq. Dan jinkludi l-għoti ta' appoġġ lill-Awtoritajiet Regolatorji Nazzjonali (NRAs) li jikkooperaw f'livell reġjonali, kif ukoll il-koordinazzjoni tagħhom. Dawn l-attivitajiet jeħtieġu 1 FTE u jkunu meħtieġa biex jitwasslu l-benefiċċji kollha possibbli tal-approċċ ta' reġjonalizzazzjoni, b'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament dwar l-ACER.

5) It-titjib tal-elementi ta' effiċjenza tas-suq tal-operaturi permezz, fost l-oħrajn, ta' dawn li ġejjin: l-approvazzjoni u l-emendar tal-metodoloġiji b'rilevanza għall-kummerċ transkonfinali tal-elettriku, kif ukoll kwistjonijiet regolatorji oħra b'rilevanza transkonfinali; l-istipular u l-implimentazzjoni ta' regoli dwar l-użu tad-dħul mill-konġestjoni għal għanijiet ta' investimenti fin-netwerk; l-istipular ta' regoli dwar ir-riallokazzjoni ta' dan id-dħul u dwar

tilwim possibbli bejn l-atturi; il-monitoraġġ tas-swieq tal-istess ġurnata sabiex jiġu eliminati d-distorsjonijiet u jinħoloq kummerċ aktar fluwidu. B'mod ġenerali, qed nipprevedu li għandu jkun hemm 3 FTE għat-twettiq tal-kompiti l-ġodda, b'konformità mal-Artikolu 9 u l-Artikolu 17 tar-Regolament dwar l-Elettriku u mal-Artikolu 6 tar-Regolament dwar l-ACER.

6) It-teħid ta' deċiżjonijiet dwar tilwimiet tal-NRAs permezz ta' Bord tal-Appell imsaħħaħ hekk kif jitressqu aktar każijiet quddiem il-Bord wara l-estensjoni, b'mod parallel, tal-ambitu tad-deċiżjonijiet tal-ACER u fid-dawl ta' qafas reġjonali msaħħaħ. Dawn il-kompiti jeħtieġu 1 FTE b'konformità mal-Artikolu 29 tar-Regolament li jistabbilixxi l-ACER.

7) It-twaqqif ta' entità tal-UE tal-Operaturi tas-Sistemi ta' Distribuzzjoni (EU DSO), biex jiġu żgurati funzjonament bla xkiel u kooperazzjoni bejn l-EU DSO u l-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni (TSOs). Bħal fil-każ tat-twaqqif ta' Ċentri Operattivi Reġjonali (ROCs), it-twaqqif tal-EU DSO huwa ta' importanza vitali fl-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minn sistema tal-enerġija aktar distribwita. Għal dan ikun hemm bżonn ta' 2 FTE, b'konformità mal-Artikolu 50 tar-Regolament dwar l-Elettriku.

8) L-approvazzjni u l-emendar ta' metodoloġiji għall-identifikazzjoni ta' xenarji ta' kriżijiet tal-elettriku f'livell reġjonali, b'analiżijiet u emendi għall-metodoloġija fuq bażi regolari. Dawn il-kompiti huma kruċjali għall-implimentazzjoni tal-approċċ Ewropew ta' tħejjija għar-riskji kif stabbilit fir-Regolament dwar it-Tħejjija għar-Riskji u jeħtieġ 2 FTE.

Għall-attenzjoni tal-qarrej, ta' min jinnota li l-kompiti elenkati hawn fuq huma marbuta mal-istimi aktar ġenerali għal kompiti ġodda u għall-ħtiġijiet relatati mal-persunal, billi dawn jinsabu fil-Valutazzjoni tal-Impatt – b'mod speċifiku fl-anness dwar ir-riforma tal-qafas istituzzjonali (il-Kapitolu 3.4 tal-anness tal-imsemmija Valutazzjoni tal-Impatt).

L-istima oriġinali tal-bidu pprevediet limitu minimu approssimat ta' madwar 18-il membru addizzjonali tal-persunal bħala parti mill-għażla ta' politika proposta, li huwa konformi mat-18-il ekwivalenti ta' ingaġġ full-time speċifikati f'dan id-dokument. Madankollu, il-valutazzjoni ta' dan id-dokument għandha titqies bħala ta' natura superjuri kemm fil-livell tad-dettalji tal-kompiti speċifikati kif ukoll fil-preċiżjoni tal-istimi, peress li dawn twettqu fuq il-bażi tal-atti leġiżlattivi konkreti proposti, li għal raġunijiet ovvji ma kenitx ħaġa li setgħet issir meta sar l-eżerċizzju tal-Valutazzjoni tal-Impatt.

Ta' min jinnota wkoll, kif ġie spjegat f'aktar dettall fil-Memorandum ta' Spjegazzjoni li jakkumpanja l-Atti Leġiżlattivi msemmija iktar 'il fuq, li l-kompiti addizzjonali mwettqa mill-ACER se jsiru skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà, anke sa fejn dawn se jaġixxu biex jiġu liberati riżorsi fil-livelli nazzjonali għal kompiti simili.

### 1.4.3. *Riżultat(i) u impatt(i) mistenni(ja)*

*Speċifika l-effetti li l-proposta/inizjattiva għandu jkollha fuq il-benefiċjarji/gruppi fil-mira.*

L-effett kumplessiv tal-proposta huwa li jżid il-funzjonament tas-swieq tal-enerġija, kemm dak tal-operaturi kif ukoll dak tal-konsumaturi.

Għalhekk, il-kontribut nett tar-rwol tal-ACER lejn il-kompiti ġodda, jekk dawn jitwettqu b'mod effettiv, mistenni jirriżulta f'effetti kbar ħafna f'dak li huma elementi ta' effiċjenza tas-suq u gwadanni ġenerali fil-benesseri ta' natura ekonomiċi u soċjali. Fil-Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja s-serje ta' proposti bħala parti mill-Inizjattiva tad-Disinn tas-Suq jiġi stmat li t-twaqqif ta' ROCs u l-ottimizzazzjoni tal-funzjonijiet tan-netwerk biex dawn jilħqu livell reġjonali jistgħu jwasslu għal iffrankar addizzjonali ta' madwar EUR 1 biljun fis-sena, filwaqt li l-iżgurar tal-parteċipazzjoni transkonfinali għall-mekkaniżmi ta' kapaċità mistenni jwassal għal iffrankar ta' EUR 2 biljuni sal-2030.

Is-superviżjoni tal-valutazzjoni Ewropea tal-adegwatezza se twassal għal koordinazzjoni reġjonali aktar effiċjenti tal-mekkaniżmi ta' kapaċità maħsuba biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista tal-elettriku, biex b'hekk jiġu ffrankati l-ispejjeż għall-konsumaturi tal-enerġija. Bħalissa l-biċċa l-kbira ta' dawn il-mekkaniżmi huma ffinanzjati permezz ta' imposti u taxxi nazzjonali u l-konsumaturi qed ikollhom iħallsu spejjeż kbar u bla bżonn minħabba miżuri mhux koordinati mmirati lejn l-iżgurar tas-sigurtà tal-provvista.

Il-metodoloġiji għal kummerċ tal-elettriku u l-operat tal-grilja li għandhom jiġu żviluppati mill-ACER għandhom iżidu wkoll ir-rata ta' akkoppjament tas-swieq tal-enerġija, biex b'hekk jittejjeb l-użu tal-kapaċità fil-fruntieri u jitnaqqsu l-konġestjonijiet u d-distorsjonijiet fil-prezzijiet.

Fost il-benefiċjarji tal-inizjattiva hemm parteċipanti fis-suq tul il-katina kollha, kif ukoll operaturi tas-suq u konsumaturi. B'aktar metodoloġiji effettivi fis-seħħ, huwa mistenni li l-kompetizzjoni fis-suq se tingħata spinta, kemm fis-swieq tal-operaturi kif ukoll fis-swieq tal-konsumaturi.

Fil-fatt, attivitajiet ta' monitoraġġ tas-swieq u l-ixprunar tal-kooperazzjoni b'rabta mal-kwistjonijiet regolatorji kollha fl-aħħar mill-aħħar għandhom iwasslu biex il-prezzijiet jirriflettu aħjar ir-realtajiet sottostanti tas-suq u biex prezzijiet orħos tal-enerġija stabbiliti mill-operaturi jiġu riflessi aħjar fil-livell tas-suq tal-konsumaturi.

It-twaqqif ta' entitajiet operattivi fil-livell reġjonali għandu wkoll inaqqas il-ħtieġa li wieħed jirrikorri għal salvagwardji nazzjonali tal-elettriku li l-ispejjeż tagħhom jitħallsu mis-sistema b'mod ġenerali, u mill-konsumaturi fl-aħħar istanza.

Kooperazzjoni regolatorja mtejba għandha twassal ukoll għal żieda fis-sigurtà tal-provvista fl-UE kollha, kif ukoll għal benefiċċju għall-operaturi tas-sistema u għas-sistema kollha b'mod ġenerali.

L-iżvilupp ta' metodi li għandhom l-għan li jżidu l-flessibbiltà tas-suq għandu wkoll iwassal għal benefiċċji xierqa kemm għall-operaturi tas-suq li joffru servizzi ta' flessibbiltà kif ukoll għall-fornituri ta' teknoloġiji ġodda li joffru servizzi li jikkontribwixxu lejn flessibbiltà akbar fil-grilja tal-enerġija.

### 1.4.4. *Indikaturi tar-riżultati u l-impatt*

*Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposta/l-inizjattiva.*

Il-prestazzjoni tal-Aġenzija diġà hija soġġetta għal evalwazzjonijiet immexxija mill-Kummissjoni li jsiru f'intervalli ta' żmien regolari u li jitwettqu minn korpi esterni sabiex tiġi salvagwardjata n-newtralità tal-valutazzjoni.

Barra minn hekk, il-programm ta' ħidma annwali tal-Aġenzija, li huwa soġġett għall-iskrutinju u għall-opinjoni tal-Kummissjoni Ewropea, jipprevedi indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni għall-kejl tal-prestazzjoni tal-ACER meta mqabbla ma' miri stabbiliti.

L-indikaturi għandhom jinkludu t-twassil f'waqtu tal-metodoloġiji maqbula, billi huma stipulati fir-Regolament propost; dawn, flimkien ma' kooperazzjoni effettiva fost l-NRAs u trattament b'mod rapidu tal-appelli, għandhom jiġu ppreżentati lill-Bord tal-Appell tagħha. Bħala parti mir-rekwiżiti ta' trasparenza tas-suq, indikaturi oħra tal-prestazzjoni tal-Aġenzija jeżiġu wkoll li l-Aġenzija twettaq analiżi ta' għadd partikolari ta' punti ta' dejta dwar is-suq għal kull ċiklu ta' valutazzjoni.

Filwaqt li ma għandhomx jintesew l-għan aħħari tal-integrazzjoni tas-swieq tal-enerġija u r-rwol tal-ACER li tiġbor flimkien l-awtoritajiet nazzjonali u l-operaturi tat-trażmissjoni u ta' distribuzzjoni, l-effettività tal-azzjoni tal-ACER tidher b'mod konkret f'titjib fil-prestazzjoni tas-suq.

Prestazzjoni tas-suq ta' dan it-tip hija s-suġġett ta' Rapport Annwali Estensiv ta' Monitoraġġ tas-Suq imwettaq mill-Aġenzija u tinkludi r-rati tal-użi ta' interkonnessjoni, il-prestazzjoni tal-akkoppjament tas-suq, evalwazzjonijiet pożittivi tas-suq kif ukoll għadd ta' indikaturi oħrajn tas-suq li huma direttament relatati mal-metodoloġiji u mal-attivitajiet tal-Aġenzija.

## 1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva

### *1.5.1. Ir-rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) tul perjodu qasir jew twil ta' żmien*

Li l-ACER tkun tista' tinvolvi ruħha f'attivitajiet ġodda stabbiliti mir-Regolament, b'konformità mal-iżviluppi ta' suq tal-enerġija li qed jevolvi; l-għoti ta' kontribuzzjoni lejn Unjoni tal-Enerġija kompetittiva, sostenibbli u sigura.

### *1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-UE*

Il-ħtieġa għal azzjoni tal-UE hija bbażata fuq evidenza li turi li approċċi nazzjonali iżolati jistgħu jwasslu għal miżuri li mhumiex ottimali, għal duplikazzjoni mhux meħtieġa, għal ineffiċjenzi tas-suq u għal politiki li jfittxu l-benefiċċju proprju għad-detriment ta' ħaddieħor (politiki ta' tip "beggar-thy-neighbour"). Kollox ma' kollox, il-ħolqien ta' suq intern tal-enerġija li jwassal enerġija kompetittiva u sostenibbli għal kulħadd ma jistax iseħħ mingħajr regoli komuni ċari dwar il-kummerċ tal-enerġija u l-operat tal-grilja, u mingħajr ċertu ammont ta' standardizzazzjoni tal-prodott. L-ACER tipprovdi forum fejn ir-regolaturi nazzjonali jistgħu jingħaqdu flimkien u jaqblu dwar prinċipji u metodoloġiji komuni.

L-interkonnessjoni dejjem akbar tas-swieq tal-elettriku tal-UE qed toħloq opportunitajiet ġodda, kif ukoll sfidi. Minħabba n-nuqqas ta' miżuri koordinati rigward kwistjonijiet li għandhom konsegwenzi diretti fuq swieq tal-elettriku transkonfinali, il-ħolqien ta' suq intern tal-enerġija ma jistax ħlief jibqa' utopija. Interventi ta' politika nazzjonali fis-settur tal-elettriku għandhom impatt dirett fuq l-Istati Membri ġirien minħabba l-interdipendenza enerġetika u interkonnessjonijiet tal-grilja. Li jiġu żgurati l-istabbiltà u l-operat effiċjenti tal-grilja qed isir dejjem aktar diffiċli f'livell nazzjonali biss, peress li l-kummerċ transkonfinali dejjem akbar, l-adozzjoni tal-ġenerazzjoni distribwita u l-parteċipazzjoni msaħħa tal-konsumaturi huma kollha fatturi li jżidu l-potenzjal għal effetti konsegwenzjali. L-ebda Stat

ma jista' jaġixxi b'mod effettiv waħdu u r-riperkussjonijiet ta' azzjoni unilaterali saru jinħassu aktar bil-mogħdija taż-żmien.

Filwaqt li l-Istati Membri diġà jikkooperaw sa ċertu punt fuq bażi volontarja biex jindirizzaw xi wħud mill-isfidi msemmija hawn fuq, pereżempju permezz ta' inizjattivi reġjonali bħall-Forum tal-Enerġija Pentalaterali, dawn il-fora jiffunzjonaw bħala korpi ta' koordinazzjoni politika u ma jistgħux jieħdu deċiżjonijiet vinkolanti dwar il-kwistjonijiet dettaljati li fir-rigward tagħhom hija meħtieġa deċiżjoni bl-għan li tiġi evitata l-frammentazzjoni attwali tal-operat tas-sistema, tas-sorveljanza regolatorja u tal-interventi mill-Istat fis-swieq tal-elettriku.

*1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fil-passat*

Fit-22.1.2014 ġiet ippubblikata Evalwazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-attivitajiet tal-Aġenzija [C(2014)242 final]. L-evalwazzjoni skopriet li minn mindu twaqqfet, l-ACER saret istituzzjoni kredibbli u rispettata b'rwol prominenti fix-xena tar-regolamentazzjoni tal-enerġija. B'mod ġenerali, l-ACER kienet qed tiffoka fuq il-prijoritajiet it-tajbin, billi dawn ġew stabbiliti bir-Regolament tat-twaqqif tagħha u bid-dokument annwali ta' programmazzjoni tagħha. Madankollu, għandu jiġi nnutat li l-Aġenzija ilmentat dwar nuqqas fir-riżorsi meħtieġa għall-qadi tal-kompiti tagħha, u li kien meħtieġ grad ta' riallokazzjoni biex jintlaħqu l-għanijiet statutorji. F'dan il-kuntest, huwa partikolarment importanti li jkun hemm livelli baġitarji u tal-istaff li jkunu xierqa u proporzjonati mal-għan li tinħoloq Unjoni tal-Enerġija reali, jekk l-Aġenzija hija mistennija twettaq kif suppost il-kompiti l-ġodda assenjati lilha.

*1.5.4. Kompatibbiltà u sinerġija possibbli ma' strumenti oħra xierqa*

Il-proposta hija konformi mal-Linji Gwida Politiċi tal-Kummissjoni Juncker, billi dawn jikkunsidraw il-kisba ta' Unjoni tal-Enerġija Reżiljenti b'Politika dwar il-Bidla fil-Klima li tħares 'il quddiem bħala wieħed mill-għanijiet strateġiċi tagħha.

Din l-ambizzjoni sabet il-konferma tagħha fil-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2015 u ġiet spjegata f'aktar dettall fil-Qafas Strateġiku tal-Kummissjoni għal Unjoni tal-Enerġija Reżiljenti [COM(2015)80 final tal-25.02.2015]. Ir-ratifika tal-ftehim li ntlaħaq waqt il-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima (COP21) li saret f'Pariġi pprovdiet aktar impetu għall-ħolqien ta' Unjoni tal-Enerġija Ewropea sostenibbli u kompetittiva.

Barra minn hekk, il-miri tal-UE dwar il-Klima u l-Enerġija għall-2020 u l-2030 jipprevedu l-integrazzjoni ta' ishma akbar ta' ġenerazzjoni ta' elettriku rinnovabbli, li għandha twassal għal ħtieġa akbar ta' ġestjoni ta' grilja flessibbli filwaqt li tiġi żgurata tranżizzjoni kosteffikaċi lejn enerġija nadifa. Biex jintlaħqu dawn l-għanijiet, kooperazzjoni regolatorja msaħħa fi ħdan l-ACER se tkun prerekwiżit.

### 1.6. Tul ta' żmien u impatt finanzjarju

☐ Proposta/inizjattiva ta' **tul ta' żmien limitat**

– ☐Proposta/inizjattiva fis-seħħ minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS

– ☐ Impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS

☒ Proposta/inizjattiva ta' **tul ta' żmien mhux limitat**

– Implimentazzjoni b'perjodu ta' bidu mill-2018 sal-2019,

– segwita minn tħaddim fuq skala sħiħa

### 1.7. Metodu/i ta' ġestjoni previst(i)[64]

☐ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni permezz ta'

– ☐ aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☒**Ġestjoni indiretta** permezz tal-għoti ta' kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja lil:

☐ organizzazzjonijiet internazzjonali u l-aġenziji tagħhom (għandhom jiġu speċifikati);

☐ il-BEI u l-Fond Ewropew tal-Investiment;

☒ il-korpi msemmija fl-Artikoli 208 u 209;

☐ korpi regolati bil-liġi pubblika;

☐ korpi regolati bil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku, sal-punt sa fejn jipprovdu garanziji finanzjarji xierqa;

☐ korpi regolati bil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu ngħataw f'idejhom l-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji xierqa;

☐ persuni li jkunu ngħataw f'idejhom l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (CFSP) b'konformità mat-Titolu V tat-TUE, u li jkunu identifikati fl-att bażiku rilevanti.

Kummenti

| |
|---|
| l-ebda |

[64] Id-dettalji dwar il-metodi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju huma disponibbli fuq is-sit web tal-BudgWeb: https://myintracomm.ec.europa.eu/budgweb/EN/man/budgmanag/Pages/budgmanag.aspx.

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 2.1. Rregoli dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar

*Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.*

L-aġenziji kollha tal-UE joperaw skont sistema stretta ta' monitoraġġ li tinvolvi kapaċità tal-awditjar intern, lis-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni, lill-Bord Amministrattiv tal-ACER, lill-Qorti tal-Awdituri u lill-Awtorità tal-Baġit. Din is-sistema ġiet stabbilita bir-Regolament tat-twaqqif tal-ACER tal-2009 u se tkompli tapplika.

### 2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll

#### *2.2.1. Riskju/i identifikat(i)*

l-ebda

#### *2.2.2. Metodu/i ta' kontroll previst(i)*

Mhux applikabbli

### 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

*Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u l-miżuri protettivi eżistenti jew previsti.*

Meta twaqqfet l-ACER iddaħħlu fis-seħħ miżuri kontra l-frodi li għadhom japplikaw u li se jibqgħu japplikaw. Dawn jistipulaw b'mod partikolari li l-Qorti tal-Awdituri u l-OLAF, l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi, jistgħu, jekk ikun hemm bżonn, iwettqu spezzjonijiet tal-benefiċjarji fuq il-post b'rabta ma' għotjiet mogħtija mill-Aġenzija u b'rabta mal-persunal responsabbli għall-allokazzjoni tal-istess għotjiet. Dawn id-dispożizzjonijiet kienu jagħmlu parti mill-Artikolu 26 tar-Regolament tat-twaqqif tal-ACER u se jkomplu japplikaw skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 37 tar-Regolament imfassal mill-ġdid.

## 3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/L-INIZJATTIVA

### 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

- Linji baġitarji eżistenti

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Linja baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Intestatura……1A…………………...……… … | Diff./Mhux diff.[65] | minn pajjiżi tal-EFTA[66] | minn pajjiżi kandidati[67] | minn pajjiżi terzi | skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju |
| | 32.02.10: Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER) | Diff. | LE | LE | LE | IVA |

- Linji baġitarji ġodda mitluba

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Linja baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Numru [Intestatura…………………………………… …] | Diff./mhux diff. | minn pajjiżi tal-EFTA | minn pajjiżi kandidati | minn pajjiżi terzi | skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju |
| | [XX.YY.YY.YY] | | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE |

65 Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.
66 EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.
67 Il-pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

## 3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

### *3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali** | Numru | Intestatura 1A |
|---|---|---|

| ACER (kompiti ġodda biss) | | | **2019** | **2020** |
|---|---|---|---|---|
| Titolu 1: | Impenji | (1) | 280 000 | 992 000 |
| | Ħlasijiet | (2) | 280 000 | 992 000 |
| Titolu 2: | Impenji | (1a) | | 46 000 |
| | Ħlasijiet | (2a) | | 46 000 |
| Titolu 3: | Impenji | (3a) | | |
| | Ħlasijiet | (3b) | | |
| **Approprjazzjonijiet TOTALI għall-ACER** | Impenji | =1+1a +3a | 280 000 | 1 038 000 |
| | Ħlasijiet | =2+2a +3b | 280 000 | 1 038 000 |

Għandu jiġi nnutat li ċ-ċifri baġitarji ta' hawn fuq huma bbażati fuq is-suppożizzjoni ta' skeda ta' reklutaġġ progressiv, fejn wieħed għandu jassumi r-reklutaġġ ta' preżenza medja tal-istaff ta' sitt xhur fl-ewwel sena.

| Intestatura tal-qafas finanzjarju plurienNali | 5 | "Nefqa amministrattiva" |
|---|---|---|

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | 2019 | 2020 |
|---|---|---|---|
| DĠ: ENER superviżjoni ta' kompiti ġodda biss | | | |
| • Riżorsi umani | | 0 | 0 |
| • Nefqa amministrattiva ta' tipi oħra | | 0 | 0 |
| **TOTAL GĦAD-DĠ** ENER | Approprjazzjonijiet | 0 | 0 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Approprjazzjonijiet TOTALI taħt l-INTESTATURA 5** tal-qafas finanzjarju plurienNali | (Impenji totali = Ħlasijiet totali) | 0 | 0 |

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | 2019 | 2020 |
|---|---|---|---|
| **Approprjazzjonijiet TOTALI taħt l-INTESTATURI 1 sa 5** tal-qafas finanzjarju plurienNali | Impenji | 280 000 | 1 038 000 |
| | Ħlasijiet | 280 000 | 1 038 000 |

### 3.2.2. *Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet tal-ACER*

– ☒ Il-proposta ma teħtieġx l-użu ta’ approprjazzjonijiet operattivi

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta’ approprjazzjonijiet operattivi, kif spjegat hawn taħt:

– Approprjazzjonijiet ta' impenn f’miljuni ta’ EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| **Indika l-għanijiet u r-riżultati** ⇩ | | | Sena **N** | | Sena **N+1** | | Sena **N+2** | | Sena **N+3** | | Daħħal snin skont kemm hemm bżonn biex jintwera t-tul tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | | | | **TOTAL** | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **RIŻULTATI** | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | Tip[68] | Kost medju | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru totali | Kost totali |
| GĦAN SPEĊIFIKU Nru 1[69]… | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Riżultat | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Riżultat | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Riżultat | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Subtotal għall-għan speċifiku Nru 1 | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| GĦAN SPEĊIFIKU Nru 2 ... | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Riżultat | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Subtotal għall-għan speċifiku Nru 2 | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **KOST TOTALI** | | | | | | | | | | | | | | | | | | |

68 Ir-riżultati huma l-prodotti u s-servizzi li għandhom jiġu pprovduti (eż.: l-għadd ta’ skambji ta’ studenti ffinanzjati, l-għadd ta’ kilometri ta’ toroq mibnija, eċċ.).

69 Kif deskritt fil-punt 1.4.2. “Għan(ijiet) speċifiku/speċifiċi

*3.2.3. L-impatt stmat fuq ir-riżorsi umani tal-ACER*

3.2.3.1. Sommarju

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | 2019 | 2020 |
|---|---|---|
| Uffiċjali (Gradi AD) | | |
| Uffiċjali (Gradi AST) | | |
| Aġenti kuntrattwali | 8 | 14 |
| Aġenti temporanji | 0 | 4 |
| Esperti Nazzjonali Sekondati | 0 | 0 |
| **TOTAL** | 8 | 18 |

Impatt stmat fuq il-persunal (FTE addizzjonali) - it-tabella tal-persunal

| Grupp ta' funzjonijiet u grad | 2019 | 2020 |
|---|---|---|
| AD16 | | |
| AD15 | | |
| AD14 | | |
| AD13 | | |
| AD12 | | |
| AD11 | | |
| AD10 | | 2 |
| AD9 | | 2 |
| AD8 | | |

| | | |
|---|---|---|
| AD7<br>AD6<br>AD5 | | |
| Total AD | 0 | 4 |
| AST11<br>AST10<br>AST9<br>AST8<br>AST7<br>AST6<br>AST5<br>AST4<br>AST3<br>AST2<br>AST1 | | |
| Total AST | | |
| AST/SC 6<br>AST/SC 5<br>AST/SC 4<br>AST/SC 3<br>AST/SC 2<br>AST/SC 1 | | |
| Total AST/SC | | |
| TOTAL KUMPLESSIV | 0 | 4 |

Impatt stmat fuq il-persunal (addizzjonali) - persunal estern

| Aġenti kuntrattwali | 2019 | 2020 |
|---|---|---|
| Grupp ta' funzjonijiet IV | 8 | 14 |
| Grupp ta' funzjonijiet III | | |
| Grupp ta' funzjonijiet II | | |
| Grupp ta' funzjonijiet I | | |
| Total | 8 | 14 |

| Esperti Nazzjonali Sekondati | 2019 | 2020 |
|---|---|---|
| Total | 0 | 0 |

Jekk jogħġbok innota li ġie ppjanat li r-reklutaġġi għandhom jibdew fl-ewwel xhur tal-2019, bi tħejjija għall-implimentazzjoni tar-Regolament. Jekk ikun possibbli, dan għandu jiġi adottat fi tmiem l-2018 u idealment qabel l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew f'Mejju 2019.

B'hekk, jista' jkun li l-kompożizzjoni tal-persunal li qabdet ritmu tajjeb (18-il FTE fl-2020) se jkollha tiġi riveduta fid-dawl tal-eżitu tal-proċedura leġiżlattiva, sabiex jinżamm bilanċ xieraq bejn il-profili tal-impjiegi u l-kompiti l-ġodda li għandhom jitwettqu. Għalhekk, fi żmien debitu l-Kummissjoni se terġa' tivvaluta l-ħtiġijiet tal-persunal u tal-baġit għas-snin li ġejjin.

3.2.3.2. Rekwiżiti stmati tar-riżorsi umani għad-DĠ prinċipali

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani addizzjonali.

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

*L-istima għandha tiġi espressa f'ammonti sħaħ (jew l-aktar sa pożizzjoni deċimali waħda)*

<table>
<tr><th colspan="2"></th><th>Sena<br>**N**</th><th>Sena<br>**N+1**</th><th>Sena<br>**N+2**</th><th>Sena<br>**N+3**</th><th colspan="3">Daħħal snin skont kemm hemm bżonn biex jintwera t-tul tal-impatt (ara l-punt 1.6)</th></tr>
<tr><td colspan="2">• **Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u persunal temporanju)**</td><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td></tr>
<tr><td colspan="2">XX 01 01 01 (Kwartieri Ġenerali u l-Uffiċċji ta' Rappreżentanza tal-Kummissjoni)</td><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td></tr>
<tr><td colspan="2">XX 01 01 02 (Delegazzjonijiet)</td><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td></tr>
<tr><td colspan="2">XX 01 05 01 (Riċerka indiretta)</td><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td></tr>
<tr><td colspan="2">10 01 05 01 (Riċerka diretta)</td><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td></tr>
<tr><td colspan="2"></td><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td></tr>
<tr><td colspan="2">• **Persunal estern (f'unità Ekwivalenti ta' Ingaġġ Full-Time: FTE)[70]**</td><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td></tr>
<tr><td colspan="2">XX 01 02 01 (AC, END, INT mill-"pakkett globali")</td><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td></tr>
<tr><td colspan="2">XX 01 02 02 (AC, AL, END, INT u JED fid-Delegazzjonijiet)</td><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td></tr>
<tr><td rowspan="2">**XX** 01 04 *yy*[71]</td><td>- fi Kwartieri Ġenerali[72]</td><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>- f'Delegazzjonijiet</td><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td></tr>
<tr><td colspan="2">**XX** 01 05 02 (AC, END, INT – Riċerka indiretta)</td><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td></tr>
<tr><td colspan="2">10 01 05 02 (AC, END, INT – Riċerka diretta)</td><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td></tr>
<tr><td colspan="2">Linji baġitarji oħra (speċifika)</td><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td></tr>
<tr><td colspan="2">**TOTAL**</td><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td></tr>
</table>

**XX** huwa l-qasam ta' politika jew it-titolu tal-baġit ikkonċernat.

Il-ħtieġa għar-riżorsi umani se tiġi ssodisfata minn uffiċjali tad-DĠ li diġà huma assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà ngħataw kariga band'oħra fid-DĠ, flimkien, jekk ikun

70 AC = Aġenti Kuntrattwali; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondat; INT = persunal tal-aġenzija; JED = Esperti Żgħażagħ f'Delegazzjonijiet.

71 Sottolimitu għall-persunal estern kopert mill-approprjazzjonijiet operattivi (dawk li qabel kienu linji "BA").

72 Prinċipalment għall-Fondi Strutturali, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u l-Fond Ewropew għas-Sajd (FES).

meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ li jkun qed imexxi l-azzjoni skont il-proċedura ta' allokazzjoni annwali u fid-dawl tar-restrizzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li għandhom jitwettqu:

| | |
|---|---|
| Uffiċjali u persunal temporanju | |
| Persunal estern | |

Deskrizzjoni tal-kalkolu tal-kost għall-unitajiet FTE għandha tiġi inkluża fl-Anness V, Taqsima 3.

### 3.2.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali.
- ☒ Il-proposta/l-inizjattiva se teħtieġ riprogrammazzjoni tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju pluriennali.

| |
|---|
| Spjega liema riprogrammazzjoni hija meħtieġa u speċifika l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti.<br>Il-linja baġitarja tal-ACER ( 032010 ) għandha tiżdied sal-ammont annwali speċifikat fit-Tabella 3.2.1 |

- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ applikazzjoni tal-istrument ta' flessibbiltà jew reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali[73].

| |
|---|
| Spjega x'inhu meħtieġ u speċifika t-titoli u l-linji baġitarji kkonċernati kif ukoll l-ammonti korrispondenti. |

### 3.2.5. *Kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi*

- Il-proposta/l-inizjattiva ma tipprevedix kofinanzjament minn partijiet terzi.
- Il-proposta/l-inizjattiva tipprevedi l-kofinanzjament stmat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | Sena **N** | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Daħħal snin skont kemm hemm bżonn biex jintwera t-tul tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Speċifika l-korp ta' kofinanzjament | | | | | | | | |
| Approprjazzjonijiet TOTALI kofinanzjati | | | | | | | | |

73 Ara l-Artikoli 11 u 17 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020.

### 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

☐ fuq ir-riżorsi proprji

☐ fuq dħul mixxellanju

miljuni ta’ EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| Linja tad-dħul tal-baġit: | Approprjazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja kurrenti | L-impatt tal-proposta/inizjattiva[74] | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | **2018** | **2019** | **2020** | Sena **N+3** | Daħħal snin skont kemm hemm bżonn biex jintwera t-tul tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | |
| Linja baġitarja tal-ACER 32 02 10 …………. | | | | | | | | |

Għad-dħul “assenjat” mixxellanju , speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

Speċifika l-metodu għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul.

| |
|---|
| |

[74] Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara li minnhom jitnaqqas 25 % għall-kostijiet tal-ġbir.